

# Il-Ġurnal Ufficijali L 308 tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

## Leġiżlazzjoni

Volum 64

1 ta' Settembru 2021

Werrej

### II Atti mhux leġiżlattivi

#### DEĊIJONIJIET

- ★ Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1428 tal-24 ta' Frar 2020 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA. 31662 — C/2011 (ex NN/2011) implimentata mir-Rumanija għall-Ajruport Internazzjonali ta' Timișoara — Wizz Air (notifikata bid-dokument C(2021) 1065) (1) ..... 1

#### REGOLI TA' PROĊEDURA

- ★ Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat ta' Sorveljanza tal-OLAF ..... 66

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.



## II

(Attie mhux leġiżlattivi)

## DEĊIJONIJIET

## DECİŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1428

tal-24 ta' Frar 2020

**dwar l-Għajnuna mill-Istat SA. 31662 — C/2011 (ex NN/2011) implementata mir-Rumanija għall-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara — Wizz Air**

(notifikata bid-dokument C(2021) 1065)

**(Il-verżjoni Rumena biss hija awtentika)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li talbet lill-partijiet interessati sabiex jippreżentaw il-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjoni(jiet) iċċitata/i hawn fuq (1) u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

## 1. PROĊEDURA

- (1) Permezz ta' ittra datata t-30 ta' Settembru 2010, Carpatair (2), kumpanija attiva fis-suq Ewropew tat-trasport bl-ajru (l-“Ilmentatur” jew “Carpatair”), ressjet ilment (l-“Ilment”) li allega għajnuna illegali mill-Istat mogħtija mill-awtoritajiet Rumeni fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara (“Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara” jew l-“Ajrūport”) favur Wizz Air Hungarian Airlines Ltd (“Wizz Air”) (3). L-Ilment ġie rreġistrat taħt il-każ dwarek għajnejha mill-Istat Nru SA.31662 (ex CP 237/2010).
- (2) Il-Kummissjoni osservat li l-Ilment deher li kien marbut man-notifika tal-awtoritajiet Rumeni datata s-17 ta' Mejju 2010 (in-“Notifika”) li tikkonċerha pjani jiet biex jingħata appoġġ pubbliku favur ajrūporti reġjonali. In-Notifika għiet irregġistrata taħt il-każ Nru N 185/2010. Fil-15 ta' Settembru 2010, l-awtoritajiet Rumeni informaw lill-Kummissjoni li l-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara ma jaqax taħt l-ajrūporti eliġibbli skont l-iskema notifikata. Madankollu, billi l-Kummissjoni kisbet informazzjoni dwar ċertu finanzjament pubbliku tal-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara matul il-perjodu 2007 - 2009, il-finanzjament pubbliku għal dan il-perjodu qed jiġi analizzat fil-każ preżenti.
- (3) Permezz ta' ittra datata l-21 ta' Ottubru 2010, il-Kummissjoni bagħtet l-Ilment lir-Rumanija u talbet informazzjoni. L-awtoritajiet Rumeni wiegħu b'ittra datata l-15 ta' Diċembru 2010.

(1) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni SA.31662 (11/C) (ex CP 237/10) – Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara – Wizz Air, ĠU C 270, 13.9.2011, p. 11.

(2) Carpatair hija linja tal-ajru reġjonali ta' proprjetà privata stabbilita fl-1999. Fis-sena 2000 Carpatair waqqfet il-hub tagħha fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara, u pprovidet servizzi ta' hub and spoke.

(3) Wizz Air hija linja tal-ajru Ungeriża bi prezz baxx. Il-grupp Wizz Air jikkonsisti fi tliet kumpaniji operattivi, jiġifieri Wizz Air Hungary, Wizz Air Bulgaria u Wizz Air Ukraine.

- (4) L-Ilmentatur ipprovda informazzjoni addizzjonali permezz tal-ittri datati l-24 ta' Novembru 2010, il-25 ta' Novembru 2010, l-14 ta' Jannar 2011 u t-3 ta' Frar 2011. Permezz ta' ittri datati d-9 ta' Frar 2011 u t-2 ta' Marzu 2011, il-Kummissjoni informat lill-Ilmentatur dwar l-istat tal-każ u talbet informazzjoni addizzjonali. L-Ilmentatur wiegħeb b'ittri datati t-22 ta' Frar 2011, id-9 ta' Marzu 2011 u t-28 ta' Marzu 2011, u pprovda informazzjoni addizzjonali.
- (5) Il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali mingħand l-awtoritajiet Rumeni permezz ta' ittri datati s-16 ta' Frar 2011, it-3 ta' Marzu 2011 u s-16 ta' Marzu 2011. L-awtoritajiet Rumeni wiegħbu b'ittri datati l-10 ta' Marzu 2011 u l-5 ta' April 2011. Fis-16 ta' Marzu 2011, il-Kummissjoni informat lill-awtoritajiet Rumeni li kienet għadha meħtieġa aktar informazzjoni u talbet li din tintbagħha sal-15 ta' April 2011. L-awtoritajiet Rumeni wiegħbu b'ittra datata l-21 ta' April 2011.
- (6) Permezz ta' ittra datata t-12 ta' Mejju 2011, l-Ilmentatur qabel li jiżvela l-identità tiegħu u s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu u pprovda informazzjoni addizzjonali f'dan ir-rigward.
- (7) Permezz ta' ittra datata l-24 ta' Mejju 2011, il-Kummissjoni nnotifikat lir-Rumanija bid-deċiżjoni tagħha li tibda proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward tal-finanzjament marbut mal-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara, il-ftehim tal-2008 bejn l-operatur ta' dak l-ajrūport u Wizz Air, in-nuqqas ta' ħlas tal-imposti tal-ajrūport minn Wizz Air kif ukoll l-iskontijiet u r-ribassi fl-iskeda tal-imposti tal-ajrūport tal-2007, l-2008 u l-2010 (id-“Deċiżjoni tal-Ftuħ”).
- (8) Permezz ta' ittra datata s-16 ta' Ġunju 2011, l-awtoritajiet Rumeni indikaw liema informazzjoni xtaqu li titneħħa mid-Deċiżjoni tal-Ftuħ qabel il-pubblikazzjoni tagħha.
- (9) Fit-23 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni bagħtet proposta għal verżjoni mhux kunfidenzjali tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ lir-Rumanija. Il-Kummissjoni indikat lir-Rumanija liema informazzjoni ma aċċettatx bħala kunfidenzjali.
- (10) Permezz ta' ittra datata s-27 ta' Ġunju 2011, ir-Rumanija wiegħbet lill-Kummissjoni filwaqt li kkonfermat it-talba tagħha biex titħassar ġerta informazzjoni.
- (11) Abbażi tal-korrispondenza mar-Rumanija, il-Kummissjoni ħadet deċiżjoni finali dwar it-test li hija kellha l-intenzjoni li tippubblika, skont il-punt 33 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-segretezza professjonali f-deċiżjonijiet dwar l-ghajjnuna mill-Istat <sup>(4)</sup>. Permezz ta' ittra datata l-25 ta' Lulju 2011, il-Kummissjoni informat lir-Rumanija dwar id-Deċiżjoni tagħha li tirrifjuta t-talba tar-Rumanija biex titħassar ġerta informazzjoni. Ir-Rumanija ngħatat 15-il jum biex tirreagħixxi għal dik id-Deċiżjoni u tipprovd elementi addizzjonali biex tiġġustifika t-talba tagħha.
- (12) Permezz ta' ittra datata l-11 ta' Awwissu 2011, ir-Rumanija informat lill-Kummissjoni li hija tikkonferma l-pożizzjoni tagħha rigward it-tħassir ta' ġerta informazzjoni iżda ma baqgħetx toġġeżżjona għall-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ.
- (13) Id-Deċiżjoni tal-Ftuħ ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea <sup>(5)</sup> fit-13 ta' Settembru 2011. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex jippreżentaw il-kummenti tagħhom dwar il-miżura inkwistjoni fi żmien xahar mid-data tal-pubblikazzjoni.
- (14) Il-Kummissjoni rċiviet kummenti dwar id-Deċiżjoni tal-Ftuħ mir-Rumanija permezz ta' ittri datati s-27 ta' Ġunju 2011 u l-14 ta' Ottubru 2011. Ir-Rumanija ssottomettiet aktar informazzjoni fis-27 ta' Lulju 2011 u fit-12 ta' Ġunju 2012.
- (15) Il-Kummissjoni rċiviet kummenti dwar id-Deċiżjoni tal-Ftuħ minn Societatea Nationala Aeroportul International Timišoara – Traian Vuia – S. A. (“Il-Maniġer tal-Ajrūport”) fis-27 ta' Ottubru 2011, minn Carpatair fit-8 ta' Awwissu 2011, u minn Wizz Air fl-24 ta' Ġunju 2011 u fis-27 ta' Ottubru 2011. Il-Kummissjoni rċiviet ukoll osservazzjonijiet dwar id-Deċiżjoni tal-Ftuħ mill-Assoċjazzjoni Rumena tal-Ajrūport, l-ex direttur tal-Maniġer tal-Ajrūport, Eurojet, Austrian Airlines u l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Linji tal-Ajr Reġjonali.
- (16) Il-Kummissjoni bagħtet il-kummenti tal-parti terza dwar id-Deċiżjoni tal-Ftuħ lir-Rumanija fl-4 ta' Settembru 2012 u fl-20 ta' Settembru 2012. Hija rċiviet it-tweġiba tar-Rumanija għal dawn il-kummenti permezz ta' ittri datati l-5 ta' Ottubru 2012 u s-17 ta' Ottubru 2012.

<sup>(4)</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-segretezza professjonali f-deċiżjonijiet dwar l-ghajjnuna mill-Istat (ĠU C 297, 9.12.2003, p. 6).

<sup>(5)</sup> Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

- (17) Il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali mingħand l-awtoritajiet Rumeni permezz ta' ittri datati t-12 ta' Ottubru 2011, l-24 ta' Frar 2012, is-27 ta' Lulju 2012, id-9 ta' Awwissu 2012, it-3 ta' Novembru 2012, it-30 ta' Ottubru 2014 u t-28 ta' Lulju 2015. L-awtoritajiet Rumeni wieġbu b'ittri datati s-16 ta' Novembru 2011, it-13 ta' April 2012, it-3 ta' Mejju 2012, it-3 ta' Settembru 2012, il-5 ta' Ottubru 2012, it-12 ta' Diċembru 2012, it-2 ta' Diċembru 2014, id-9 ta' Diċembru 2014, u l-21 ta' Settembru 2015 rispettivament.
- (18) B'ittra datata s-27 ta' Lulju 2012, il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali mingħand l-Ilmentatur. Dan tal-aħħar wieġeb b'informazzjoni addizzjonali fit-3 ta' Settembru 2012. L-Ilmentatur ipprova wkoll informazzjoni fis-7 ta' Ġunju 2011, fit-30 ta' Ġunju 2011, fit-8 ta' Awwissu 2011, fl-14 ta' Ottubru 2011, fid-19 ta' Marzu 2012, fl-14 ta' Mejju 2012, fit-13 ta' Lulju 2012, fid-19 ta' Ottubru 2012, fit-3 ta' Diċembru 2012, fl-1 ta' Lulju 2013, fis-6 ta' Ġunju 2014, fl-10 ta' Lulju 2014, fl-10 ta' Ottubru 2014, fil-15 u fis-16 ta' Ottubru 2014, fl-10 ta' Novembru 2014, fit-12 ta' Novembru 2014, fl-14 ta' Novembru 2014, fil-25 ta' Frar 2015, fil-25 ta' Mejju 2015, fit-28 ta' Mejju 2015, fid-29 ta' Settembru 2015, fl-10 ta' Diċembru 2015, fit-22 ta' Diċembru 2015, fit-13 ta' April 2016, fit-28 ta' April 2016, fis-27 ta' Frar 2018 u fl-20 ta' April 2018.
- (19) Wizz Air issottomettiet informazzjoni addizzjonali fil-11 ta' Frar 2015 u fit-3 ta' Lulju 2015, li kienet tinkludi rapport imhejj minn Oxera għal Wizz Air, li japplika l-prinċipju (l-“MEOP”) tal-operatur fekkonomija tas-suq (l-“MEO”) għad-diversi ftehimiet bejn Wizz Air u l-Maniġer tal-Ajrūport. Oxera ssottomettiet aġġornamenti tar-rapporti u noti ulterjuri fl-14 ta' Mejju 2015, fl-10 ta' Awwissu 2015, fil-21 ta' Settembru 2015, fl-20 ta' Ottubru 2015, fil-15 ta' Settembru 2017 u fit-22 ta' Settembru 2017. Fl-10 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni talbet verżjoni mhux kunfidenzjali tat-tweġibiet ta' Oxera tal-15 u tat-22 ta' Settembru 2017. Oxera informat lill-Kummissjoni fil-15 ta' Novembru 2017 li Wizz Air ma talbet l-ebda editjar ta' xi informazzjoni u wara kjarifika ulterjuri ma' Oxera fit-23 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni bagħtet it-tweġibiet ta' Oxera tal-15 u tat-22 ta' Settembru 2017 lir-Rumanija fl-1 ta' Diċembru 2017. L-awtoritajiet Rumeni ssottomettew il-kummenti tagħhom fir-rigward tal-istudju ta' Oxera fl-1 ta' Frar 2018.
- (20) Fl-14 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni informat lir-Rumanija u lill-partijiet interessati dwar l-adozzjoni tal-Komunikazzjoni “Linji Gwida tal-UE dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-Ajrūport u l-Linji tal-Ajru”<sup>(6)</sup> (“Linji Gwida dwar l-Avjażżjoni tal-2014”) u talbithom jipprovdum kummenti fi żmien 20 jum ta' xogħol mid-data tal-publikazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Avjażżjoni tal-2014. Fl-4 ta' April 2014, il-Linji Gwida dwar l-Avjażżjoni tal-2014 ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni rċiviet kummenti mingħand Carpatair fil-25 ta' Marzu 2014, minn Wizz Air fit-30 ta' April 2014 u mingħand l-Operatur tal-Maniġer tal-Ajrūport fit-8 ta' Mejju 2014.
- (21) Il-Kummissjoni bagħtet il-kummenti tal-partijiet terzi dwar il-Linji Gwida dwar l-Avjażżjoni tal-2014 lir-Rumanija fit-28 ta' Mejju 2014. Il-Kummissjoni rċiviet l-osservazzjonijiet tar-Rumanija dwar il-kummenti tal-partijiet interessati b'ittra datata t-3 ta' Lulju 2014.
- (22) Il-Maniġer tal-Ajrūport issottometta informazzjoni addizzjonali fil-11 ta' Novembru 2011, fl-24 ta' Novembru 2016 u fis-16 ta' Diċembru 2016. Il-Kummissjoni rċiviet ukoll sottomissionijiet addizzjonali mill-Maniġer tal-Ajrūport fit-18 ta' Jannar 2016, fil-31 ta' Jannar 2016 u fis-7 ta' Marzu 2016. Fil-11 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni bagħtet dawn is-sottomissionijiet lir-Rumanija li ma kellha l-ebda kumment.
- (23) Permezz ta' ittra datata s-17 ta' Lulju 2015, il-Kummissjoni bagħtet aktar kummenti mill-Ilmentatur u minn Wizz Air lir-Rumanija, li kkummentat dwar dawn l-osservazzjonijiet fil-21 ta' Settembru 2015.
- (24) Permezz ta' ittra datata l-11 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni bagħtet aktar sottomissionijiet minn Oxera lir-Rumanija, li kkummentat dwar dawn is-sottomissionijiet fil-15 ta' April 2016.
- (25) Il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali mingħand l-awtoritajiet Rumeni fit-30 ta' Ottubru 2017. Il-verżjoni tradotta tat-talba bir-Rumen intbagħtet lill-awtoritajiet Rumeni fid-9 ta' Novembru 2017. L-awtoritajiet Rumeni wieġbu wara żewġ estensjonijiet ta' skadenza approvati fil-15 ta' Jannar 2018. Il-Kummissjoni bagħtet talba għal aktar kjarifiki lill-awtoritajiet Rumeni fis-26 ta' Marzu 2018 u fil-31 ta' Ottubru 2018 li għalihom dawn tal-aħħar wieġbu fl-4 ta' Ġunju 2018 u fil-21 ta' Novembru 2018 rispettivament. Fit-8 ta' April 2019, l-awtoritajiet Rumeni pprovdex it-traduzzjoni tat-tweġibiet tagħħom tal-4 ta' Ġunju 2018.
- (26) Fis-17 ta' Mejju 2019, Wizz Air bagħtet ittra lill-Kummissjoni fejn talbet id-dritt ta' aċċess għall-fajl u d-dritt għal-smiġħ li għaliha l-Kummissjoni wieġbet fil-11 ta' Ġunju 2019.

<sup>(6)</sup> Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni — Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ajrūport u l-linji tal-ajru (ĠU C 99, 4.4.2014, p. 3).

## 2. L-AJRUPORT INTERNAZZJONALI TA' TIMIŠOARA

### 2.1. L-Ajrūport

- (27) L-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara huwa ajrūport internazzjonali li jinsab fil-parti tal-Punent tar-Rumanija.
- (28) L-Ajrūport huwa mmexxi mill-Maniġer tal-Ajrūport (il-premessa (15)), kumpanija b'ishma kongġuti li fiha l-Istat Rumen għandu 80 % tal-ishma fid-data ta' din id-Deċiżjoni (7). Il-bqija tal-ishma huma proprjetà ta' Fondul Proprietatea (8). Qabel, l-istokk kapitali inizjali kien sottoskrift għalkollox mir-Rumanija u mħallas kompletament fid-data li fiha twaqqa' il-Maniġer tal-Ajrūport (9).
- (29) Il-Maniġer tal-Ajrūport huwa sid l-infrastruttura tal-ajrūport, għajnej ir-runway, it-taxiway u r-rampa li huma proprjetà tal-Istat Rumen. Din l-aħħar infrastruttura tingħata b'konċessjoni lill-Maniġer tal-Ajrūport mill-Istat.
- (30) L-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara għandu runway waħda, li hija twila 3 500 metru u wiesgħa 45 metru. Ir-rampi jipprovd u 22 post ta' parkeġġ. Il-kapaċità tal-ajrūport tammonta għal 1 300 passiġġier internazzjonali fis-siegħa u 500 passiġġier domestiku fis-siegħa. L-ajrūport għandu wkoll terminal tal-merkanzija.
- (31) Fis-snin 2007 sal-2009, jiġifieri l-perjodu li qed jiġi vvalutat, l-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara kien it-tieni l-akbar ajrūport fir-Rumanija f'termini ta' traffiku (Table 1). Table 1 tinki ludi wkoll l-evoluzzjoni sussegħenti tat-traffiku sal-2017.

**Tabella 1: Traffiku fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara bejn 1-2007 u 1-2018**

2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013
<b>834 580</b>	<b>889 756</b>	<b>974 785</b>	1 137 218	1 200 762	1 035 929	757 069
2014	2015	2016	2017			
736 191	924 459	1 161 510	1 650 000			

Sors: L-awtoritajiet Rumeni

- (32) Fiż-żmien ta' din id-Deċiżjoni, l-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara kellu servizzi skedati għall-passiġġieri bl-ajru minn diversi linji tal-ajru bi prezziżjet baxxi. Wizz Air tkopri l-ogħla numru ta' destinazzjonijiet Ewropej, b'Ryanair u Blue Air joffru offerta aktar limitata. L-Ajrūport jintuża wkoll minn żewġ trasportaturi ta' servizzi sħaħ: Tarom u Lufthansa. Hemm ukoll titjuriet noleġġati staġjonali u diversi operaturi tal-merkanzija.
- (33) Mill-2007 sal-2009, l-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara kien hub reġjonali għal Carpatair, trasportatur reġjonali ta' servizzi sħaħ li kien jopera madwar 32 destinazzjoni domestika u Ewropea. Linji tal-ajru oħra li kienu qed jaqdu l-ajrūport matul dak il-perjodu kienu jinkludu Tarom, Lufthansa, Austrian Airlines, Malev, Alitalia u Moldavian Airlines.
- (34) L-eqreb ajrūporti għall-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara huma:

- l-Ajrūport ta' Arad li jinsab 50 km 'il bogħod. Dan jirrappreżenta vjaġġ ta' 40 minuta bit-triq. L-Ajrūport ta' Arad għandu l-akbar terminal tal-merkanzija fil-Punent tar-Rumanija. It-traffiku tal-passiġġieri tiegħi naqas minn 67 183 passiġġier fl-2007 għal 11 367 passiġġier fl-2018; u

(7) Statutul Societătii Naționale "Aeroportul Internațional Timișoara - Traian Vuia" - S.A. din 18.9.2008 - Statut tal-operatur tal-Ajrūport Internazzjonali ta' Timișoara tal-15 ta' Ottubru 2008 (l-"Istatut tal-2008"), l-Artikolu 8.

(8) Fondul Proprietatea huwa fond ta' proprjetà mwaqqaf mill-gvern Rumen biex jikkumpensa lill-individwi li tilfu l-proprjetajiet tagħhom matul ir-reġim komunista u li l-pretensionijiet ta' sjeda tagħhom ma setgħux jiġi saldati in natura. Il-gvern Rumen sar azzjonist minoritarju f'Fondul Proprietatea (0,04 %) billi alloka mill-ġdid ishma mill-parteċipazzjoni inizjali tiegħi lil atturi eliġibbli.

(9) Statutul Societătii Naționale "Aeroportul Internațional Timișoara" - S.A. din 24.8.1998 - L-Istatut tal-operatur tal-Ajrūport Internazzjonali ta' Timișoara, fis-sejjh mis-7 ta' Ottubru 1998 sal-14 ta' Ottubru 2008 (l-"Istatut tal-1998") approvat bid-Deċiżjoni tal-Gvern 521/1998, l-Artikolu 7.

— l-Ajrupert ta' Caransebes li jinsab 107 km 'il bogħod. Dan jirrappreżenta vjaġġ ta' siegħa u 14-il minuta. Dan huwa ajrupert privat mingħajr ebda servizz regolari. Dan jintuża għall-avjazzjoni ġenerali u għat-titjiriet ta' salvataġġ u tal-pulizija.

- (35) It-Table 2 tiġibor fil-qosor is-sitwazzjoni finanzjarja (<sup>(10)</sup>) tal-Maniġer tal-Ajrupert fil-perjodu li qed jiġi vvalutat:

**Tabella 2: Indikaturi finanzjarji ewlenin (f'eluf ta' RON)**

<b>Eluf ta' RON</b>	2007	2008	2009
<b>Dħul</b>	23 473	30 545	41 067
<b>Tkabbir fil-bejgħ</b>	mhux applikabbli	+ 30,1 %	+ 34,4 %
<b>EBITDA</b>	7 318	10 646	12 212
<b>Marġni ta' EBITDA</b>	31,2 %	34,9 %	29,7 %
<b>EBIT</b>	3 249	5 809	5 655
<b>Profitt Nett</b>	2 417	4 874	3 508
<b>Marġni ta' Profitt Nett</b>	10,3 %	16,0 %	8,5 %

## 2.2. Il-pjan ta' żvilupp tal-Ajrupert Internazzjonali ta' Timișoara 2006 - 2015

- (36) Il-pjan ta' żvilupp 2006-2015 ("Pjan ta' Żvilupp") ippreveda żieda fit-traffiku tal-passiġġieri minn 611 705 fl-2005 għal 1 661 332 fl-2010 u għal 2 565 494 passiġġier fl-2015. L-adeżjoni tar-Rumanija mal-UE fl-2007 kienet mistennija żżid it-traffiku b'16-18 %.
- (37) Il-Pjan ta' Żvilupp osserva li matul il-perjodu 2001-2005, it-traffiku tal-passiġġieri u l-għadd ta' movimenti tal-ingēnji tal-ajru żiddu b'250 %. Huwa sab ukoll li fl-2006 il-kapaċità eżistenti laħqet livell kritiku rigward it-terminal tal-passiġġieri, ir-rampa, ir-runway, it-trid ta' aċċess u l-parkeġġ, li pperikolaw il-possibbiltà li jinfetħu rotot ġodda u jiżdied l-għadd ta' passiġġieri fuq rotot eżistenti. Ix-xogħliljet bdew fl-2003 fir-rigward tal-estensjoni tat-terminal tal-passiġġieri u fl-2004 għall-estensjoni tar-rampa. Il-Pjan ta' Żvilupp ikkonferma l-ħtieġa li l-estensjoni u l-iżvilupp tal-infrastruttura jitkomplew biex tiġi akkomodata ż-żieda fit-traffiku prevista.

## 3. MIŻURI KKONTESTATI

### 3.1. Miżura 1 – Finanzjament annwali mogħti lill-Maniġer tal-Ajrupert

- (38) Il-Maniġer tal-Ajrupert irċieva għotjet annwali mill-Istat ("Miżura 1"). Skont ir-Rumanija, il-finanzjament mogħti lill-Maniġer tal-Ajrupert fil-perjodu 2007 - 2009 kien relatnat ma' investimenti tat-tipi u l-ammonti li ġejjin (Table 3).

**Tabella 3: Finanzjament pubbliku mogħti lill-Maniġer tal-Ajrupert fl-2007 - 2009**

Sena	Nru tal-element	Ammont (eluf ta' RON)	Proġett ta' investiment	Sid l-infrastruttura
2007	1	500	Żvilupp ta' triq ta' aċċess u ta' parkeġġ	Ajrupert
	2	1 758	Żvilupp tat-Terminal mhux ta' Schengen (inizjalment Terminal ta' Titjuriet Domestiċi)	Ajrupert
	3	6 846	It-titjib tar-runway u l-estensjoni tar-rampa tal-ingēnji tal-ajru	Stat Rumen
	<b>9 104</b>	<b>Subtotal</b>		

(<sup>10</sup>) Rapport ta' analiżi datat is-7 ta' Frar 2011 dwar Fondul Proprietatea, IEBA Trust financial & Investment Services.

2008	4	10 236,65	It-titjib tar-runway u l-estensjoni tar-rampa tal-ingeni tal-ajru	Stat Rumen
	5	242	Żvilupp tat-Terminal mhux ta' Schengen (inizjalment Terminal ta' Titjiriet Domestiċi)	Ajrupert
	6	97,24	Bokok għall-individwazzjoni tal-metall fil-gejts tas-sigurtà	Ajrupert
	7	4 598,4	Sistema ta' identifikazzjoni ta' splussivi	Ajrupert
	8	703,99	Apparati portabili li jidentifikaw l-isplussivi	Ajrupert
	9	1 344,00	Tagħmir tad-dawl	Ajrupert
	10	1 773,61	Sistema ta' skennjar tar-raġġi X	Ajrupert
	11	511,81	Xażi awtopropulsiv tal-EMS	Ajrupert
		<b>19 507,7</b>	<b>Subtotal</b>	
2009	12	2 387,99	It-titjib tar-runway u l-estensjoni tar-rampa tal-ingeni tal-ajru	Stat Rumen
	13	6 379,96	Titjib tat-Terminal mhux ta' Schengen (inizjalment Terminal ta' Titjiriet Domestiċi)	Ajrupert
		<b>8 767,95</b>	<b>Subtotal</b>	
<b>2007-2009</b>		<b>37 379,65</b>	<b>Total</b>	

(39) Skont ir-Rumanija, il-finanzjament tal-investimenti kelli l-bażijiet ġuridiċi li ġejjin:

- (1) Għat-tagħmir ta' sigurtà, id-Deċiżjoni tal-Gvern 1461/2007 dwar il-finanzjament ta' programmi għax-xiri ta' tagħmir ta' sigurtà fl-ajrporti li kien jinkludi t-tagħmir ta' sigurtà li għandu jiġi ffinanzjat mill-Ajrupert Internazzjonali ta' Timišoara fl-2008. Il-finanzjament kien allokat fl-abbozz tal-baġit għall-2008 approvat bid-Deċiżjoni tal-Gvern 666/2008 mill-24 ta' Ġunju 2008.
- (2) Għall-bqija tal-investimenti, id-Deċiżjoni tal-Gvern 615/2002 approvat il-programm strateġiku għall-iżvilupp tal-infrastruttura tal-ajrport fl-Ajrupert Internazzjonali ta' Timišoara għall-perjodu 2002 - 2015. Dan ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Gvern 1212/2007 li approvat il-programm strateġiku għall-perjodu 2007 - 2015. Il-lista ta' investimenti ġiet inkluża speċifikament fil-programm strateġiku. L-ammonti allokati għal dawn l-investimenti ġew inklużi fl-atti legali li japprova il-baġits għas-snin 2007, 2008 u 2009 <sup>(11)</sup>.

### 3.2. Miżura 2 – L-AIP tal-2007, tal-2008 u tal-2010

#### 3.2.1. L-AIP tal-2007 u l-AIP tal-2008

- (40) Abbażi tal-informazzjoni mir-Rumanija, kull maniġer tal-ajrupert għandu s-setgħa, skont il-qafas legali nazzjonali applikabbli, li jistabilixxi l-imposti tal-ajrupert tiegħi. L-imposti stabbiliti mill-maniġer tal-ajrupert huma soġġetti għall-publikazzjoni formali kif meħtieġ mir-regoli tal-avjazzjoni internazzjonali, fil-Publikazzjoni ta' Informazzjoni Ajrunawtika (l-“AIP”). Għaldaqstant, il-politika dwar l-imposta għall-użu tal-Ajrupert Internazzjonali ta' Timišoara ġiet stabbilita biss fir-rigward ta' dak l-Ajrupert u mhijiex applikabbli fir-rigward ta' kwalunkwe ajrupert ieħor fit-territorju reġjonali jew nazzjonali. L-AIPs jiġu proposti mill-maniġment eżekuttiv tal-Maniġer tal-Ajrupert, u jiġu approvati mill-Bord, fkonformità mal-prerogattivi inkarigati b'mod espliċitu skont l-istatut tal-kumpanija.

- (41) L-imposti applikabbli ġew ippubblikati fl-AIP fis-7 ta' Ġunju 2007 bir-referenza GEN 4.1-17 (“AIP tal-2007”) kif ġej:

<sup>(11)</sup> L-Ordni 289 tal-Ministeru tat-Trasport, tal-Ministeru tal-Finanzi u tal-Ministeru tax-Xogħol tal-21 ta' Frar 2007 għall-baġit tal-2007, id-Deċiżjoni tal-Gvern 666 tal-24 ta' Ġunju 2008 għall-baġit tal-2008 u d-Deċiżjoni tal-Gvern 721 tas-17 ta' Ġunju 2009 għall-baġit tal-2009.

**Tabella 4: Imposti tal-ajruport tal-AIP tal-2007 (f'EUR)**

Imposta	Imposta minima	Ir-rata għal kull unità
<b>Inżul</b>	50	7/tunnellata
<b>Dawl</b>	50	2,10/tunnellata
<b>Parkeġġ</b>	15	0,15/tunnellata/siegħa
<b>Servizz tal-passiġġieri</b>		
— <i>titjiriet internazzjonali</i>		8/passiġġier
— <i>titjiriet domestiċi</i>		3/passiġġier
— <i>sigurtà</i>		7/passiġġier
— <i>tranżitu jew trasferiment</i>		5/passiġġier

- (42) L-AIP tal-2007 tipprovdi għat-tnaqqis fuq l-imposti tal-inżul ibbażati fuq in-numru ta' nżul kif miġbur fil-qosor fit-tabella li ġejja:

**Tabella 5: Tnaqqis tal-imposti tal-ajrupport tal-AIP tal-2007**

Titjiriet internazzjonali	
Numru ta' nżul/sena	Ribass (%)
250 – 500	10
501 – 1 200	20
1 201 – 2 000	30
2 001 – 2 500	40
2 501 – 3 000	50
3 001 – 3 500	60
3 501 – 4 000	70
> 4 001	85

- (43) Barra minn hekk, jingħata skont ta' 50 % fuq l-imposti tal-inżul għal perjodu ta' sitt xhur għal operaturi tal-ajru ġodda li jwettqu mill-inqas żewġ titjiriet fil-ġimgħha u għal destinazzjonijiet ġodda li għadhom mhumiex konnessi mal-Ajrupport Internazzjonali ta' Timišoara.

- (44) L-imposti tal-ajrupport applikabbi tal-2008 ġew ippubblikati fl-AIP fit-23 ta' Ottubru 2008 taħt ir-referenza GEN 4.1-17 ("AIP tal-2008") kif ġej:

**Tabella 6: Imposti tal-ajrupport applikabbi (AIP tal-2008) f'EUR**

Imposta	Imposta minima	Ir-rata għal kull unità
<b>Inżul</b>	50	7/tunnellata
<b>Dawl</b>	50	2,10/tunnellata
<b>Parkeġġ</b>	15	0,15/tunnellata/siegħa
<b>Servizz tal-passiġġieri</b>		
— <i>titjiriet internazzjonali</i>		8/passiġġier
— <i>titjiriet domestiċi</i>		5/passiġġier
— <i>sigurtà</i>		10/passiġġier
— <i>tranżitu jew trasferiment</i>		1,50/passiġġier
— <i>persuni b'mobilità mnaqqsa</i>		0,20/passiġġier

(45) L-AIP tal-2008 żiedet l-imposti tas-sigurtà tal-passiġġieri minn EUR 7 fl-2007 għal EUR 10 għal kull passiġġier. It-tariffa tal-passiġġieri għall-passiġġieri fi tranżitu jew fi trasferiment tnaqqset minn EUR 5 għal kull passiġġier għal EUR 1,50. Barra minn hekk, il-Maniġer tal-Ajrūport introduċa imposta li tammonta għal EUR 0,20 għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa.

(46) L-AIP tal-2008 tipprovdi għat-tnaqqis fuq l-imposti tal-inżul ibbażati fuq in-numru ta' nżul tas-sena ta' qabel kif ġej:

**Tabella 7: Tnaqqis fl-imposti tal-ajrūport (AIP tal-2008)**

<b>Titjiriet internazzjonali</b>	
<b>Numru ta' nżul/sena</b>	<b>Ribass (%)</b>
250 – 500	10
501 – 1 200	20
1 201 – 2 000	30
2 001 – 2 500	40
2 501 – 3 000	50
3 001 – 3 500	60
> 3 501	70

(47) L-AIP tal-2008 tipprovdi wkoll għal skont ta' 50 % fuq l-imposti tal-inżul għal perjodu ta' 12-il xahar għal operaturi tal-ajru ġoddha fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara li jwettqu mill-inqas tliet titjiriet fil-ġimġha minn ingenu tal-ajru ta' mill-inqas 70 sit. Għal kull destinazzjoni miftuħa ġidida, l-iskont applikat fuq l-imposti tal-inżul huwa ta' 50 % għal perjodu ta' sitt xhur.

(48) Minbarra l-iskontijiet u t-tnaqqis preċedenti, il-Maniġer tal-Ajrūport jagħti wkoll rimborż parżjali tal-ħlasijiet li jirċievi li oriġinaw mill-imposta tal-imbarkazzjoni (Table 8).

**Tabella 8: Ir-rimborż tad-dħul oriġina mill-imposta tal-imbarkazzjoni skont l-AIP tal-2008**

<b>Numru ta' passiġġieri imbarkati fis-sena li jitwasslu mill-utent</b>	<b>Rimborż</b>
150 001 – 300 000	10 %
300 001 – 500 000	20 %
> 500 001	30 %

### 3.2.2. L-AIP tal-2010

(49) Fis-26 ta' Awwissu 2010, ġiet ippubblikata emenda għall-imposti tal-ajrūport fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara (l-“AIP tal-2010”). Il-Maniġer tal- Ajrūport introduċa kategorija ġidida ta' skontijiet għall-ingienji tal-ajru ta' aktar minn 70 tunnellata ta' piż massimu meħud (maximum takeover weight “MTOW”):

**Tabella 9: L-iskontijiet tal-AIP tal-2010 għall-ingienji tal-ajru ta' aktar minn 70 tunnellata MTOW**

<b>Numru ta' passiġġieri imbarkati fix-xahar li jitwasslu mill-utent</b>	<b>Skont (%)</b>
0 – 10 000	0
10 001 – 18 000	72
18 001 – 36 000	82
> 36 000	85

### 3.3. Miżura 3 – Il-Ftehimiet tal-2008 bejn il-Maniġer tal-Ajrūport u Wizz Air

- (50) Fnofs l-2008, il-Maniġer tal-Ajrūport u Wizz Air issfirmaw sensiela ta' ftehimiet, li jiddeterminaw il-prinċipji tal-kooperazzjoni tagħhom kif ukoll it-termini u l-kundizzjonijiet tal-użu tal-infrastruttura u tas-servizzi tal-ajrūport mil-linja tal-ajru. Il-ftehimiet issfirmati kienu jikkonsistu f'(i) memorandum ta' qbil, (ii) ftehim ta' kummerċjalizzazzjoni, (iii) ftehim operazzjonali, u (iv) ftehim ta' groundhandling (flimkien il-“Ftehimiet tal-2008”). Abbażi tal-Ftehimiet tal-2008, Wizz Air bdiet l-operazzjonijiet tagħha mill-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara fi tmiem l-2008. Fl-2009, il-kumpanija gradwalment żiedet l-għadd ta' destinazzjonijiet internazzjonali moqdja b'ingieni tal-ajru tat-tip A320 (280 sit).

#### 3.3.1. Il-Memorandum ta' Qbil tal-25 ta' Ġunju 2008

- (51) Il-memorandum ta' qbil (“Memorandum ta' Qbil” jew “MtQ”) ġie ffirmat fil-25 ta' Ġunju 2008 mill-Maniġer tal-Ajrūport u Wizz Air. Dan ġie ffirmat għal perjodu inizjali ta' tliet snin u sena li matulha l-partijiet setgħu jitterminaw għal ksur ta' kuntratt. Il-MtQ stabbilixxa l-prinċipji ġenerali tal-kooperazzjoni tagħhom, u t-termini u l-kundizzjonijiet għall-ajrūport minn Wizz Air.
- (52) Il-Maniġer tal-Ajrūport qabel li jespandi t-terminal tal-passiġġieri sabiex dan ikun jista' jlaħħaq ma' tliet miljun passiġġier fis-sena sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2011. Qabel ukoll li jaġġorna l-kategorija tal-inżul u tat-tluġħ tar-runway għall-kategorija III fiż-żewġ direzzjonijiet qabel tmiem l-2009 u li jagħmel l-slots disponibbli skont it-talba ta' Wizz Air.
- (53) Wizz Air qablet li twettaq attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni għall-Maniġer tal-Ajrūport. B'mod partikolari, ġie miftiehem li jiġu promossi d-destinazzjonijiet tat-titjiriet ta' Wizz Air minn jew lejn l-Ajrūport biex jiżdied in-numru ta' passiġġieri li jitilqu u li jaslu fl-Ajrūport. Min-naħa tiegħu, il-Maniġer tal-Ajrūport qabel li jħallas it-tariffi tal-kummerċjalizzazzjoni, skont in-numru ta' nżul u n-numri ta' passiġġieri li jitwasslu.

#### 3.3.2. Il-ftehim ta' kummerċjalizzazzjoni tat-30 ta' Lulju 2008

- (54) Il-ftehim ta' kummerċjalizzazzjoni (“Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni”) ġie ffirmat mill-partijiet fit-30 ta' Lulju 2008 u ġie konkluż għal terminu inizjali ta' tliet snin, li jibda mill-11 ta' Diċembru 2008. It-tul ta' żmien tal-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni jista' jiġi estiż b'sena wara perjodu inizjali ta' tliet snin.
- (55) Il-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni stabbilixxa t-termini u l-kundizzjonijiet tal-attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni mwettqa minn Wizz Air, bl-għan li jiżdied in-numru ta' passiġġieri li jitilqu u li jaslu fl-Ajrūport.
- (56) Il-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni jagħti dettalji dwar l-attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni li ġejjin li għandhom jitwettqu minn Wizz Air:
- il-promozzjoni tal-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara u t-titjiriet ta' Wizz Air lejn u/jew mill-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara fir-rivista online u abbord tiegħu;
  - ir-reklamar tal-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara fuq is-sit web tiegħu;
  - il-ħolqien ta' strateġija ta' kummerċjalizzazzjoni għall-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara u ġhal Wizz Air;
  - promozzjonijiet ta' reklamar fir-rigward tas-servizzi tal-ajru fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara; u
  - attivitajiet oħra li jippromwovu żieda fl-għadd ta' passiġġieri fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara.
- (57) L-attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni kellhom jitwettqu bir-Rumen u f'media barranija.
- (58) Bħala kumpens għall-attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni ta' Wizz Air, il-Maniġer tal-Ajrūport kellu jħallas lil Wizz Air tariffa tal-kummerċjalizzazzjoni li kienet tiddependi fuq in-numru ta' passiġġieri li jitilqu li jitwasslu.
- (59) Il-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni stipula li, f'każ ta' żieda fl-imposti regolati fil-ftehim operazzjonali jew fil-ftehim ta' groundhandling, it-tariffa tal-kummerċjalizzazzjoni kellha tiġi modifikata b'mod ugħalli għall-bidla fl-imposti tal-ajrūport.

- (60) B'żieda ma' dan, il-Maniġer tal-Ajrūport għandu l-obbligi li ġejjin lejn Wizz Air:
- li jippermetti lil Wizz Air tuża l-infrastruttura tal-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara għal attivitajiet kummerċjali u ta' kummerċjalizzazzjoni;
  - li jappoġġa l-kuntatti ta' Wizz Air ma' entitajiet pubbliċi u kummerċjali lokali;
  - li jipprovdil lil Wizz Air bl-esperjenzi, bl-għarfien u bil-kuntatti għas-servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni u għall-media lokali;
  - li jinvolvi lil Wizz Air fl-attivitajiet tiegħu ta' promozzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni; u
  - li jipprovdil lil Wizz Air bi spazju ta' reklamar fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara;
  - li jappoġġa lil Wizz Air b'attivitajiet ta' relazzjoni pubblika.
- (61) Il-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni kien jipprovdil li Wizz Air kellha toħroġ fattura għat-tariffa tal-kummerċjalizzazzjoni wara li tirċievi "fattura proforma" mill-Maniġer tal-Ajrūport fuq l-imposti tal-ftehim operazzjonali u l-ftehim ta' groundhandling.
- (62) Skont il-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni, Wizz Air kienet obbligata tipprovdil lill-Maniġer tal-Ajrūport mill-inqas kull sena b'rapporti li jiddeskrivu l-attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni mwettqa tagħha (jiġifieri deskrizzjoni tal-attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni, il-gruppi fil-mira, ir-reklamar, il-frekwenza, l-għażla tal-media, l-ammonti li ntefqu fuq l-attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni).

### 3.3.3. Terminazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni u l-ħlas ta' tariffi tal-kummerċjalizzazzjoni mill-Maniġer tal-Ajrūport

- (63) Fil-11 ta' Frar 2010, il-Maniġer tal-Ajrūport iddeċieda li jittermina l-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni.
- (64) Fir-rigward tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku, l-Awtorità Nazzjonali Rumena għar-Regolamentazzjoni u għall-Monitoraġġ ta' Akkwist Pubbliku kkonkludiet li l-għoti tal-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni, mingħajr ma' ġiet applikata kwalunkwe waħda mill-proċeduri ta' għoti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, kien jikkostitwixxi ksur ta' dawn ir-regoli u kien punibbli b'multa bejn RON 70 000 u 100 000.
- (65) Il-Maniġer tal-Ajrūport kien irċieva fatturi mingħand Wizz Air li jammontaw għal total ta' EUR 2 560 992,90 għas-servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni għall-perjodu minn Ottubru 2008 sa Jannar 2010. L-awtoritajiet Rumeni jsostnu li l-Maniġer tal-Ajrūport ma' ħallasx dan l-ammont u li l-obbligazzjoni ta' ħlas mill-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni titħallas skont il-ligji kummerċjali.
- (66) Il-fatturi ta' Wizz Air lill-Maniġer tal-Ajrūport juru li t-tariffi tal-kummerċjalizzazzjoni ġew fatturat fit-xhur tard.

### 3.3.4. Il-Ftehim ta' operazzjoni tal-1 ta' Awwissu 2008

- (67) Il-ftehim operazzjonali ġie konkuż fl-1 ta' Awwissu 2008 għall-perjodu mill-11 ta' Diċembru 2008 sal-10 ta' Diċembru 2009, b'tiġid awtomatiku għal perjodi ulterjuri ta' 12-il xahar f'kull anniversarju tad-dħul fis-sejjh tiegħu (il-“Ftehim Operazzjonali”) <sup>(12)</sup>. Il-Ftehim Operazzjonali ddeskriva fid-dettall ir-rekwiżi għas-servizzi li għandhom jiġu pprovduti mill-Maniġer tal-Ajrūport lil Wizz Air (servizzi tal-passiġġier, servizzi ta' sigurtà, servizzi ta' tranżitu/trasferiment) u stabbilixxa l-imposti tal-ajrūport applikabbli li għandhom jitħallsu minn Wizz Air kif ukoll l-iskontijiet u l-eżenżjonijiet għall-imposti.
- (68) L-imposti kienu essenzjalment <sup>(13)</sup> l-istess kif stabbiliti fl-AIP tal-2008. Barra minn hekk, il-linjal tal-ajru kienet intitolata għal skont ta' 50 % għal sitt xhur għal żieda fil-frekwenzi.
- (69) Il-ħlasjiet għas-servizzi kienu dovuti 30 jum wara l-wasla tal-fattura “mingħajr ebda tnaqqis minħabba kwalunkwe kontrollalba allegata jew inkella b'xi mod ieħor”. L-imgħax penali fuq pagament tard ġie stabbilit fil-livell ta' 6,5 % fis-sena. Il-penali kellhom jitnizzu ffattura.

<sup>(12)</sup> Dan il-Ftehim Operazzjonali huwa l-ftehim operazzjonali msemmi fil-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni

<sup>(13)</sup> Bl-eċċeżżjoni tal-imposta għal titjiriet domestiċi, peress li Wizz Air ma pprovdiet l-ebda titjira domestiċa.

- (70) Il-ksur tal-kunfidenzjalità tal-kuntratt kelly jiġi ssanzjonat b'penali fl-ammont ta' EUR 10 000.
- (71) Fil-25 ta' Ġunju 2010, il-Ftehim Operazzjonali ġie emendat bi skema ġdida ta' skontijiet, li kopriet il-perjodu sas-6 ta' Frar 2011. Din l-iskema l-ġdida ta' skontijiet tikkorrispondi għal dik stabbilita fl-AIP tal-2010.

### 3.3.5. *Il-ftehim ta' groundhandling tal-1 ta' Awwissu 2008*

- (72) Il-ftehim ta' groundhandling (il-“GHA”) kien jikkostitwixxi anness għall-Ftehim Standard ta' Groundhandling ta' April 2004 u kien effettiv mill-11 ta' Diċembru 2008 sal-10 ta' Diċembru 2009 b'tiġid awtomatiku għal perjodi ulterjuri ta' 12-il xahar f'kull anniversaru tad-dħul fis-seħħi tiegħi (¹⁴).
- (73) Il-GHA stabbilixxa l-imposti tal-immaniġġjar għal inġenju tal-ajru tal-passiġġieri tat-tip Airbus A320 għal EUR 150 għal groundhandling wieħed li jikkonsisti minn wasla u minn tluq sussegwenti. Is-servizzi “fuq talba” ma ġewx inklużi u kellhom jitħallsu separatament.
- (74) Il-fatturi għas-servizzi tal-immaniġġjar kellhom jinħarġu mhux aktar tard mill-5 jum tax-xahar ta' wara. Il-pagamenti kellhom isiru fi żmien 30 jum mid-data tal-wasla tal-fattura. L-imħax fuq pagament tard ġie stabbilit b'rata ta' 6,5 % fis-sena.
- (75) Fl-1 ta' Frar 2010, il-GHA ġie estiż għal perjodu ta' sena li jibda mis-6 ta' Frar 2010. Id-dispożizzjoni fil-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni, li ppermettiet terminazzjoni immedjata tal-GHA u tal-Ftehim Operazzjonali mingħajr ebda danni meta jiskadi jew jiġi tterminat il-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni, għet iddiċċarata nulla.
- (76) Fil-25 ta' Ġunju 2010, il-GHA ġie emendat bi skema ġdida ta' skontijiet applikabbi għall-imposti tal-immaniġġjar u għas-servizzi fuq talba li kopriet il-perjodu sas-6 ta' Frar 2011. L-iskema l-ġdida ta' skontijiet ġiet introdotta b'deċiżjoni tal-Bord tad-Diretturi tal-Maniġer tal-Ajrūport fil-15 ta' Ġunju 2010. Din l-iskema l-ġdida ta' skontijiet tikkorrispondi għal dik stabbilita fl-AIP tal-2010.

### 3.4. **Miżura 4 – Qtuġħ ta’ imposti tal-ajrūport fatturati lil Wizz Air għall-perjodu Ottubru 2009 - Frar 2010**

- (77) Fit-28 ta' April 2010, il-Maniġer tal-Ajrūport bagħat ċitazzjoni lil Wizz Air biex tħallas EUR 2 825 360 għal fatturi li jikkonċernaw it-tariffi dovuti taħt il-Ftehim Operazzjonali u l-GHA datati minn Ottubru 2009 sa Frar 2010.
- (78) Fiż-żmien tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ, Wizz Air ħallset biss EUR 264 367,10 fl-ewwel nofs tal-2010 u deher li ma kienet ittieħdet ebda azzjoni ulterjuri mill-Maniġer tal-Ajrūport biex jiġbor l-ammonti dovuti.

### 4. RAĠUNIJIET GĦALL-BIDU TAL-PROĊEDURA TA’ INVESTIGAZZJONI

- (79) Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ, il-Kummissjoni kkonkludiet li r-rata bażi tal-imposti tal-ajrūport li tinsab fl-AIP tal-2007, l-AIP tal-2008, u l-AIP tal-2010 ma kinitx tammonta għal ghajjnuna mill-Istat.
- (80) Madankollu, id-Deċiżjoni tal-Ftuħ qajmet il-kwistjoni dwar jekk il-miżuri li ġejjin ingħatawx bil-kundizzjonijiet tas-suq, u għalhekk ma kinux jinvolvu għajjnuna mill-Istat. U jekk le, jekk tali għajjnuna mill-Istat tistax tigħi kkunsidra bħala kompatibbli mas-suq intern:
- Finanzjament operattiv annwali mogħti lill-Maniġer tal-Ajrūport fl-2007, fl-2008 u fl-2009;
  - Skontijiet u ribassi skont l-AIP tal-2007, l-AIP tal-2008 u l-AIP tal-2010;
  - Il-ftehimiet tal-2008 bejn Wizz Air u l-Maniġer tal-Ajrūport;
  - Qtuġħ ta’ imposti tal-ajrūport fatturati lil Wizz Air għall-perjodu Ottubru 2009 sa Frar 2010.

<sup>(¹⁴)</sup> Dan il-GHA huwa l-ftehim ta’ groundhandling imsemmi fil-Ftehim ta’ Kummerċjalizzazzjoni.

#### **4.1. Miżura 1 – Finanzjament operattiv annwali mogħti lill-Maniġer tal-Ajrūport 2007 - 2009**

- (81) Il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li l-finanzjament annwali mogħti lill-Maniġer tal-Ajrūport ma jikkonformax mal-MEOP minħabba l-fatt li ma kienu pprovduti l-ebda pjan ta' direzzjoni tan-negożju jew projezzjoni ta' profitabbiltà, il-fatt li l-azzjonist minoritarju (Fondul Proprietatea) ma kienx jidher li kkontribwixxa għall-finanzjament taħt l-istess kundizzjonijiet u l-fatt li ma kienx ċar li l-Maniġer tal-Ajrūport konsistentement ħallas id-dividendi korrispondenti lill-azzjonisti.

#### **4.2. Miżura 2 – Skontijiet u ribassi skont l-AIP tal-2007, l-AIP tal-2008 u l-AIP tal-2010**

- (82) Il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li l-iskontijiet u r-ribassi fl-AIP tal-2007 kienu jammontaw għal għajnuna mill-Istat u ma setgħetx teskludi li l-AIP tal-2008 u l-AIP tal-2010 kienu jinvolu għajnuna mill-Istat. Il-Kummissjoni ma setgħetx teskludi li xi utenti tal-Ajrūport Internazzjonali ta' Timiħoara kienu rċiew vantaġġ selettiv mogħti permezz ta' tali ribassi u skontijiet. Fir-rigward tar-ribass il-għid għal inġenji tal-ajru ta' aktar minn 70 MTOW stabbilit fl-AIP tal-2010, il-Kummissjoni kienet tal-fehma li dan kien jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat peress li prima facie ma kienx biżżejjed biex ikopri l-kostijiet tal-Maniġer tal-Ajrūport. Barra minn hekk, id-differenza fl-imposti għall-passiġġieri nazzjonali u l-passiġġieri internazzjonali kif ukoll għall-passiġġieri ta' tranżitu wasslet lill-Kummissjoni biex tiddubita n-natura mhux diskriminatorja tal-iskemi.

#### **4.3. Miżura 3 – Ftehimiet tal-2008 bejn Wizz Air u l-Maniġer tal-Ajrūport**

- (83) Il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li l-Ftehimiet tal-2008 ma' Wizz Air ma ġewx konklużi taħt kundizzjonijiet normali tas-suq u, għalhekk, Wizz Air irċiviet vantaġġ ekonomiku selettiv. Għalhekk, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li l-Ftehimiet tal-2008 kienu jammontaw għal għajnuna mill-Istat.

#### **4.4. Miżura 4 – Qtugħ ta' imposti tal-ajrūport fatturati lil Wizz Air għall-perjodu Ottubru 2009 - Frar 2010**

- (84) Il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li hija ma setgħetx teskludi li l-qtugħ ta' imposti tal-ajrūport jinvolu għajnuna mill-Istat peress li ma kienet ittieħdet l-ebda miżura ta' infurzar.

### **5. KUMMENTI MIR-RUMANIJA**

#### **5.1. Miżura 1 – Finanzjament annwali mogħti lill-Maniġer tal-Ajrūport 2007 - 2009**

- (85) Ir-Rumanija spjegat li l-allegata għajnuna operatorja mogħtija lill-Maniġer tal-Ajrūport fil-fatt tirrigwarda kostijiet ta' investiment u ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Il-proġetti ta' investiment huma indikati fit-Table 3 ta' din id-deċiżjoni.

- (86) Rigward il-finanzjament tat-titħib tar-runway u tal-estensjoni tar-rampa tal-ingeni tal-ajru fl-2007, fl-2008 u fl-2009, ir-Rumanija argumentat li dan il-finanzjament twettaq f'konformità mal-MEOP. Skont ir-Rumanija, l-MEOP ikun imħares jekk l-investimenti jsiru fassli jkunu proprjetà tal-Istat u li jiġi generaw dħul minn dividendi u minn tariffi ta' konċessjoni. F'dan il-każ, ir-Rumanija kkalkolat tariffa ta' konċessjoni ta' 2 % tal-introjt gross riċevut permezz tal-konċessjoni. Ir-Rumanija ddikjarat li l-Pjan ta' Żvilupp u l-Valutazzjoni tal-Kapaċitā fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timiħoara li saru fl-2006 (il-“Valutazzjoni tal-Kapaċitā”) indikaw sostenibbilità ekonomika tal-investimenti. Skont ir-Rumanija, is-sostenibbilità ekonomika setgħet kienet mistennija hekk kif iż-żieda fin-numru ta' passiġġieri u t-titħib fl-effiċċjenza jidu d-dħul mill-operat tal-infrastruttura tal-ajrūport. Skont ir-Rumanija, l-investimenti kienu wkoll meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tas-sigurtà tal-avjazzjoni (b'mod partikolari biex jiġi evitat aċċess mhux awtorizzat għall-ajrūplani) u biex jiġu indirizzati l-ħtiġijet operattivi li jirriżultaw miż-żieda fit-traffiku. Ir-Rumanija ddikjarat ukoll li minbarra l-aktivitajiet kummerċjali, l-infrastruttura ntużżat ukoll għal aktivitajiet militari, missjonijiet uffiċċjali, missjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, titjiriet għal għajnuna umanitarja u ta' emerġenza, titjiriet tan-NU, tas-Salib l-Aħmar u tan-Nofs Qamar l-Aħmar u oħrajn simili. Ir-Rumanija ddikjarat li l-aktivitajiet ta' interess nazzjonali (l-armata u d-difiża nazzjonali, missjonijiet umanitarji u ta' salvataġġ, u oħrajn simili) jaqgħu taħt il-mandat tas-servizz pubbliku. Ir-Rumanija sostniet li skont il-liġi Rumena, il-Maniġer tal-Ajrūport kellu l-obbligu li jippermetti l-użu liberu tal-infrastruttura tal-ajrūport għal aktivitajiet mhux kummerċjali bħal dawn.

- (87) Rigward il-finanzjament ta' tagħmir ta' sigurtà fl-2008, ir-Rumanija argumentat li dan il-finanzjament huwa relatat ma' attivitajiet li jaqgħu taħt il-mandat tas-servizz pubbliku. Ir-Rumanija ddikjarat li dawn l-investimenti kienu meħtieġa mir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 622/2003 u mil-liġi nazzjonali. Barra minn hekk, ir-Rumanija ddikjarat li t-tagħmir ta' sigurtà għen lill-Maniġer tal-Ajrūport biex jikkonforma mar-rekwiżiti dwar is-sigurtà tal-fruntiera imposti bir-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
- (88) Rigward il-finanzjament tal-estensjoni u t-titjib tat-terminal mhux ta' Schengen fl-2007, l-2008, l-2009 u l-2010, ir-Rumanija argumentat li dan il-finanzjament jew twettaq f'konformità mal-MEOP jew kien relatat ma' attivitajiet li jaqgħu taħt il-mandat tal-politika pubblika. Skont ir-Rumanija, dawn l-investimenti kienu bbażati fuq kunsiderazzjoni jiet ekonomiċi biex l-ajrūport jitħejja għal numru oħħla ta' passiġġieri. Ir-Rumanija ddikjarat li l-Istat kien iggwidat minn prospetti ta' profitabbiltà fit-tul. Barra minn hekk, ir-Rumanija spjegat li l-investimenti kienu meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-obbligi tar-Rumanija sabiex tissieħeb fiż-żona Schengen. B'mod partikolari, ir-Rumanija ddikjarat li l-investimenti kienu meħtieġa għall-konformità mar-Regolament (KE) Nru 2320/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
- (89) Rigward il-finanzjament ta' żvilupp ta' triq ta' aċċess u ta' parkeġġ fl-2007, ir-Rumanija argumentat li dan il-finanzjament twettaq f'konformità mal-MEOP. Ir-Rumanija ddikjarat li fl-2005 sar studju ta' fattibbiltà dwar dan l-investiment u li dan kien jinkludi pjan ta' direzzjoni tan-negożju kif ukoll valutazzjoni tal-profitabbiltà tal-investiment. Skont ir-Rumanija, l-analiżi tal-profitabbiltà kienet tindika opportunità għal dħul sinifikanti.
- (90) Rigward il-finanzjament tat-tagħmir tad-dawl fl-2008, ir-Rumanija argumentat li dan il-finanzjament twettaq f'konformità mal-MEOP. Skont ir-Rumanija, l-investiment fit-tagħmir tad-dawl kien meħtieġ biex jiġu żgurati l-aħjar użu tal-infrastruttura tal-ajrūport u s-sikurezza tal-passiġġieri u tal-ingēnji tal-ajru. Ir-Rumanija ddikjarat li l-investiment kien ukoll profitabbli *ex post*.

## 5.2. Miżura 2 – Skontijiet u Ribassi skont l-AIP tal-2007, l-AIP tal-2008 u l-AIP tal-2010

### 5.2.1. L-AIP tal-2007 u l-AIP tal-2008

- (91) Ir-Rumanija sostniet li l-Maniġer tal-Ajrūport ilu jaħdem b'mod profitabbli mill-2007 u li l-profitti żdiedu b'mod kostanti minn dak iż-żmien l'hawn. F'dan il-kuntest, it-tariffi applikati mill-Maniġer tal-Ajrūport koprew il-kostijiet tas-servizzi mogħtija.
- (92) Ir-Rumanija ddikjarat li d-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjoni tal-imposti tal-ajrūport kienu bbażati fuq noti ta' sfond ekonomiċi u finanzjarji li saru minn dipartiment speċjalizzat tal-Maniġer tal-Ajrūport.
- (93) Skont ir-Rumanija, l-imposti tal-ajrūport ġew ippubblikati fl-AIP u kienu applikabbi għall-utenti kollha fuq bażi mhux diskriminatorja.
- (94) Ir-Rumanija ċċarat li l-AIP tal-2007 u l-AIP tal-2008 kienu approvati mill-Bord tad-Diretturi tal-Maniġer tal-Ajrūport madwar xahrejn qabel id-dħul fis-seħħ ta' kull AIP rispettivament.
- (95) Skont ir-Rumanija, il-mudell kummerċjali ta' Carpatair, jiġifieri l-mudell ta' hub u spoke, wassal għal sitwazzjoni fejn, matul l-eqqel ħinijiet ta' wasliest ta' passiġġieri ta' Carpatair, il-kapaċitajiet tal-ajrūport kienu kważi eżawriti kompletament. Min-naħa l-oħra, fis-sigħat kwieti, il-kapaċitā ma kinitx tintuża biżżejjed. Għalhekk, il-kostijiet inkrementali ta' żieda fl-output ta' passiġġieri fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara, mill-inqas fis-sigħat kwieti maħluqa bil-mudell operattiv ta' Carpatair, kienet baxxa ħafna minħabba li l-biċċa l-kbira tal-kostijiet huma fissi. Konsegwentement, anke l-imposti ajrunawtiċi baxxi kienu stmati li kienu profitabbli b'mod inkrementali. Dan huwa muri biż-żieda ta' 39 % fid-dħul operattiv osservat mill-Maniġer tal-Ajrūport matul il-perjodu 2008-2010, li nkiseb b'żieda ta' 22 % biss fil-kostijiet operatorji.

- (96) Skont ir-Rumanija, ir-ribassi u l-iskontijiet inklużi fl-AIP tal-2007 u fl-AIP tal-2008 jirriflettu l-ekonomiji ta' skala għall-Maniġer tal-Ajruport li jirriżultaw min-natura ta' kostijiet fissi għoljin tal-operazzjoni tal-ajruport. Dan ifisser li hemm incēntiv qawwi biex jiġu segwiti l-volumi inkrementali. Ir-ribassi u l-iskontijiet huma mfassla biex jinċentivaw u jżidu l-attività ekonomika li tagħmel l-aktar użu effiċjenti mill-infrastruttura tal-ajruport.

#### 5.2.2. L-AIP tal-2010

- (97) Skont ir-Rumanija, il-Maniġer tal-Ajruport aġixxa waħdu meta ddetermina l-imposti u t-tnaqqis ippubblikati fl-AIP tal-2010. Ir-Rumanija ddikjarat li l-imposti u t-tnaqqis mhumiex attribwibbli għall-Istat.
- (98) Ir-Rumanija sostniet li l-AIP tal-2010 ġiet adottata f'konformità mal-MEOP. Skont ir-Rumanija, id-dħul mhux mill-avjazzjoni, l-esternalizzazzjoni tan-network u ż-żieda fil-valur tal-kumpanija għandhom jiġu kkunsidrati meta tiġi analizzata l-konformità mal-MEOP. Madwar 14 % tad-dħul tal-Maniġer tal-Ajruport kien dħul minn attivitajiet mhux ajrunawtiċi. Skont ir-Rumanija, il-passiġġieri ta' linji tal-ajru bi prezziżiet baxxi ħafna drabi huma aktar suxxettibbi li jixtru gazzetti, ikel, xorb jew oġġetti simili fil-ħwienet ta' ajruport minn passiġġieri oħra billi l-linji tal-ajru bi prezziżiet baxxi normalment ma jipprovdawn l-oġġetti abbord.
- (99) Ir-Rumanija kienet tal-fehma li l-AIP tal-2010 ipprovdi incēntiv lil-linji tal-ajru biex jattiraw aktar passiġġieri. Ir-Rumanija ddikjarat li tul l-applikazzjoni tal-AIP tal-2010, it-traffiku fl-Ajruport żviluppa b'mod pożittiv (ara Table 10).

**Tabella 10: Ajruport ta' Timișoara - Dħul u Numru ta' passiġġieri**

	Numru totali ta' passiġġieri	Dħul totali RON (EUR)
<b>2008</b>	831 404	22 033 887 (5 983 079)
<b>2009</b>	944 167	34 977 836 (8 254 746)
<b>2010</b>	1 137 218	37 565 399 (8 923 110)

- (100) Ir-Rumanija spjegat li l-imposti tal-ajruport applikabbli għal Carpatair tnaqqsu b'70 % għall-inżul u b'50 % għad-dawl. Intalbu biss EUR 1,5 għal kull passiġġier fi trasfiment. Skont l-AIP tal-2010, it-tnaqqis massimu tal-imposti tal-ajruport applikabbli għal Wizz Air kien jammonta għal bejn 67 % u 72 %. Skontijiet li jammontaw għal 72 % sa 85 % qatt ma ġew applikati għal Wizz Air minħabba li din qatt ma kienet laħqet il-limiti rispettivi. Skont ir-Rumanija, linji tal-ajru oħra kienu intitolati wkoll għat-tnaqqis tal-imposti skont il-livell ta' passiġġieri jew movimenti milħuqa.
- (101) Ir-Rumanija ddikjarat li t-tnaqqis tal-imposti tal-ajruport fl-AIP tal-2010 jirrifletti l-kostijiet ta' opportunità tal-Maniġer tal-Ajruport biex jipprovd servizzi lill-kumpaniji li jużaw inġenji tal-ajru żgħar u ħinijiet ta' rotazzjoni itwal meta mqabbel mal-għoti ta' servizzi lil inġenji tal-ajru akbar li jidu numru akbar ta' passiġġieri għal kull inżul. L-AIP tal-2010 kelha l-ġhan li tattira linji tal-ajru b'hiġi jidher ta' rotazzjoni iqsar sabiex tippermetti numru akbar ta' rotazzjonijiet fis-siegħa u għalhekk itteċċejeb il-kapaċċità operattiva tal-Maniġer tal-Ajruport f'termini tan-numru ta' nżul fis-siegħa.
- (102) Ir-Rumanija ddikjarat li l-iskontijiet applikati għal Wizz Air jirriflettu wkoll l-ammont iżgħar ta' servizzi użati. Wizz Air offriet biss titjiriet diretti u għalhekk ma kinitx teħtieġ faċilitajiet u servizzi meħtieġa għat-ṭarr. Għal titjiriet ta' tranżitu, il-Maniġer tal-Ajruport għandu jirdoppja l-faċilitajiet ta' sigurtà. Skont ir-Rumanija, 60 % tal-passiġġieri ta' Wizz Air jagħmlu check-in online, u dan ifisser tnaqqis sinifikanti ta' persunal meħtieġ fiċ-check-in. Il-passiġġieri ta' Wizz Air iġorru inqas bagalji, u b'hekk dan inaqqs il-persunal u l-faċilitajiet meħtieġa għall-immaniġġjar ta' dawn il-bagalji. Skont ir-Rumanija, it-timijiet ta' Wizz Air stess ipprovdew it-tindif ta' rutina tal-ingeni tal-ajru matul il-ħin ta' rotazzjoni.

### 5.3. Miżura 3 – Ftehimiet tal-2008 bejn Wizz Air u l-Maniġer tal-Ajrūport

- (103) Ir-Rumanija sostniet li l-ebda wieħed mill-investimenti fir-restawr tat-taxiway jew fl-estensjoni tar-rampa ma sar spēċifikament minħabba l-preżenza ta' Wizz Air. Skont ir-Rumanija, l-investimenti li saru mill-Istat bħala azzjonist ewlieni tnedew qabel ma Wizz Air ħabbret l-intenzjoni tagħha li topera fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timișoara. Ir-Rumanija ddikjarat li, bl-istess mod, l-investimenti u t-tiswijiet magħmula mir-riżorsi propri tal-Maniġer tal-Ajrūport ma sarux minħabba l-preżenza ta' Wizz Air jew ta' kwalunkwe linja tal-ajru oħra fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timișoara iżda pjuttost biex jiżguraw il-kundizzjonijiet ta' sikurezza u ta' sigurtà meħtieġa għat-twettiq kif suppost tal-attività tal-ajrūport. Saru tiswijiet minħabba tkagħbir bl-użu normali u mhux għal xi linja tal-ajru jew minħabba fiha.
- (104) Skont ir-Rumanija, kif indikat fil-preambolu tiegħu, il-MtQ kien ftehim fil-prinċipju li ma kien jimponi l-ebda obbligu legali fuq il-partijiet. Ir-Rumanija sostniet li ħlief għall-ksur tal-klawżola ta' kunsidernjalità, il-ftehim ma stabbilixxa l-ebda sanzjoni għal ksur potenzjali. Minbarra n-nuqqas ta' kwalunkwe obbligu validu fir-rigward tal-forniment tas-servizzi elenkti fil-MtQ, il-Maniġer tal-Ajrūport ma wettaq ebda xogħol ta' infrastruttura fil-perjodu kkonċernat minbarra x-xogħol ta' infrastruttura li kien kompletament indipendent mill-operazzjoni ta' Wizz Air.
- (105) Ir-Rumanija ddikjarat li l-MtQ jesprimi l-intenzjoni tal-partijiet li jibdew negozjati in bona fide dwar kooperazzjoni potenzjali li kellha tiġi stabilita fuq il-bażi ta' ftehimiet obbligatorji. Ir-Rumanija sostniet li dawn il-ftehimiet obbligatorji ġew tabilħaqq konklużi, u li prattikkament issostitwew il-MtQ: Il-Ftehim Operazzjonali, il-GHA u l-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni.
- (106) Skont ir-Rumanija, il-Maniġer tal-Ajrūport aġixxa f'konformità mal-MEOP meta ffirma l-Ftehimiet tal-2008 ma' Wizz Air. Sabiex tissostanzja l-argument, ir-Rumanija bagħtet lill-Kummissjoni pjan ta' direzzjoni tan-negożju *ex ante* mibni mill-ġdid *ex post*, li wera li l-Ftehimiet tal-2008 ma' Wizz Air kienu mistennija jiġi generaw numru oħla ta' passiġġieri, kif ukoll profitti oħla.

### 5.4. Miżura 4 – Qtugħ ta' imposti tal-ajrūport fatturati lil Wizz Air għall-perjodu Ottubru 2009 - Frar 2010

- (107) Ir-Rumanija ddikjarat li l-Maniġer tal-Ajrūport aġixxa waħdu fir-rigward tal-ħlas tal-imposti tal-ajrūport dovuti minn Wizz Air lill-Maniġer tal-Ajrūport. Għalhekk, skont ir-Rumanija, id-deċiżjoni f'dan il-kuntest mhijiex attribwibbli għall-Istat Rumen.
- (108) Ir-Rumanija sostniet li d-deċiżjoni mill-Maniġer tal-Ajrūport dwar il-ħlas ta' imposti tal-ajrūport dovuti minn Wizz Air lill-Maniġer tal-Ajrūport irrispettatt l-MEOP.
- (109) Skont ir-Rumanija, l-ammonti li kellhom jiġu rimborżati lil Wizz Air u rkuprati mingħandha ġew paċuti fl-1 ta' Marzu 2014 fi ftehim ta' riżoluzzjoni Nru 20310 (<sup>(15)</sup>) bejn il-Maniġer tal-Ajrūport u Wizz Air (il-“Ftehim ta' Riżoluzzjoni”).
- (110) Ir-Rumanija sostniet li mill-20 ta' Novembru 2014, id-djun tal-Maniġer tal-Ajrūport lil Wizz Air ammontaw għal EUR 0 u d-djun ta' Wizz Air għall-Maniġer tal-Ajrūport ammontaw għal EUR 122 861,67 għal operazzjonijiet mill-1 ta' Ottubru 2014 sal-31 ta' Ottubru 2014 u EUR 1 256,12 għall-kiri ta' żona amministrattiva fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timișoara. Skont ir-Rumanija dawn l-ammonti kienu dovuti fit-30 ta' Novembru 2014.

<sup>(15)</sup> Il-Ftehim ta' Riżoluzzjoni kien ibbażat fuq l-azzjonijiet li ġejjin. Il-Maniġer tal-Ajrūport ippreżenta talba ta' arbitraġġ kontra Wizz Air quddiem il-Qorti ta' Arbitraġġ tal-Kamra tal-Kummerċ u tal-Industrija ta' Cluj (“Qorti ta' Arbitraġġ ta' Cluj”) bin-Nru 24/2011. Il-Qorti ta' Arbitraġġ ta' Cluj tat id-Deċiżjoni ta' Arbitraġġ Nru 3 tas-16 ta' Mejju 2012 (id-“Deċiżjoni ta' Arbitraġġ”). Bid-deċiżjoni tal-11 ta' Ġunju 2012, ċerti żbalji ġew ikkoreġuti mill-Qorti ta' Arbitraġġ ta' Cluj. Id-Deċiżjoni ta' Arbitraġġ ornat il-ħlas minn Wizz Air ta' ċerti fatturi maħruġa mill-Maniġer tal-Ajrūport u l-bilanċi li jifdal li għandu jitħallas abbażi tal-Ftehim Operazzjonali u tal-Ftehim dwar il-Groundhandling. Il-Maniġer tal-Ajrūport talab ukoll lil Wizz Air il-ħlas ta' mgħax ta' inadempjenza. Wizz Air ressqet talba kontra l-Maniġer tal-Ajrūport fejn talbet li dan jiġi ornat iħallas il-fatturi maħruġa minn Wizz Air abbażi tal-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni. It-Tribunal Speċjalizzat ta' Cluj ħareġ id-Deċiżjoni Nru 3597 tat-3 ta' Ottubru 2012 li biha laqa' parzialment l-azzjonijiet legali ppresentata minn Wizz Air kontra l-Maniġer tal-Ajrūport.

## 6. OSSERVAZZJONIJIET MINN PARTIJIET TERZI

### 6.1. Carpatair

#### 6.1.1. Mīzura 3 – Ftehimiet tal-2008 bejn Wizz Air u l-Maniġer tal-Ajrūport

- (111) Skont Carpatair, id-diversi skemi favur l-operazzjoni ta' Wizz Air fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timișoara jikkostitwixxu ghajjuna mill-Istat. L-ghajjnuna allegata mogħtija lil Wizz Air hija stmata minn Carpatair li tammonta għal EUR 5,5 miljun bejn Ottubru 2008 u Diċembru 2010. Din allegatament ingħatat permezz tal-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni, fl-ammont ta' EUR 2,6 miljun u skontijiet ibbażati fuq l-AIP u l-Ftehim Operazzjonali, fl-ammont ta' EUR 2,9 miljun. Barra minn hekk, Carpatair sostniet li fl-2011 il-mīzura kompliet tiġi pprovduha lil Wizz Air mill-Maniġer tal-Ajrūport u kienet tammonta għal EUR 8,3 miljun sa tmiem l-2011.
- (112) Carpatair ikkummentat dwar l-MEOP. Skont Carpair, investitur li jopera f-ekonomija tas-suq kien jibbaża d-deċiżjonijiet tiegħu fuq l-ispeċifitajiet tal-ajrūport. Minħabba l-pożizzjoni tagħha u l-isforzi ta' Carpatair, mis-sena 2000 inħolqot sistema ta' hub u spoke b'mod progressiv, u din wasslet għal sitwazzjoni li fiha Carpatair kienet tipprovd 38 % tad-dħul tal-Maniġer tal-Ajrūport fl-2008, fizi-żmien meta waslet Wizz Air. Dan huwa essenzjalment minħabba li Carpatair setgħet tattira traffiku stabbli ta' nies tan-negożju li ġejjin mir-Rumanija, l-Italja, il-Moldova, l-Ukrajna u l-Ġermanja.
- (113) Carpatair sostniet ukoll li t-traffic fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timișoara kien ta' 836 574 passiġġier fl-2007 u 890 704 passiġġieri fl-2008. Normalment dan kellu jkun il-bażi u r-referenza tad-dħul li fuqu investitur privat ikollu l-għan li jibni dħul marġinali. It-tħassib ewljeni tal-Maniġer tal-Ajrūport kellu jkun li ma jintilfux in-negożju u d-ħul eżistenti. Madankollu, skont Carpatair, il-Maniġer tal-Ajrūport ma kkunsidrax dan u, bħala riżultat, fl-2013 l-Ajrūport Internazzjonali ta' Timișoara pproċessa biss 757 009 passiġġieri. Dan kien 15 % inqas minn qabel il-wasla ta' Wizz Air. Investitur prudenti kien għalhekk jikkunsidra li kien dan it-traffic stess li ġab rendiment ta' kwalità għolja, u kien jillimita l-vantaġġ mogħti lil Wizz Air għal rotot ġoddha biss. Dan ma kienx il-każ. Il-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni ta' ribass ta' 85 % fuq l-imposti kollha, fuq is-servizzi tal-immaniġġjar u anke fuq il-materjal użat għal tliet snin, fuq ir-rotot kollha, inkluż għalhekk nofshom li digħi jittajru minn Carpatair. Investitur għaqli kien ikun jaf li jekk idghajnejf il-klijent prinċipali tiegħu, Carpatair, kien se jeqred il-hub eżistenti u r-riżorsi marbuta magħha. Investitur privat għaqli kellu jkun konxju tal-marġni ta' profitabbiltà reali fl-industria, b'mod partikolari ta' dawk il-linji tal-ajru li joperaw fuq mudell ta' hub u spoke. Meta wieħed iqis li nofs id-dħul biss li ġej mill-operazzjoni fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timișoara (20 % tad-dħul totali ta' Carpatair) kien jintilef wara l-implimentazzjoni tal-ġħajjnuna allegata, it-tnaqqis fir-ritmu tal-profitabbiltà jkun ta' telf ta' 15 % fuq id-dħul totali minn profitt ta' 5 %. Meta espress f-ċifri assoluti, it-telfi rispettiv kien ifisser impatt negattiv ta' EUR 10 - 15-il miljun fis-sena.
- (114) Carpatair iddikjarat li investitur prudenti kien jiżvela r-riżultati ta' studju kkummissjonat fl-2006 li wera l-ħtieġa li tissewwa r-runway b'kost ta' EUR 30 miljun. Id-direttur tal-ajrūport il-ġdid għamel l-informazzjoni disponibbi fl-2010. Investitur privat prudenti huwa ggwidat mill-prospett ta' profitabbiltà fit-tul li jippermetti li jiġi evitat il-kunċett ta' terminu qasir ta' profit marġinali li jirriżulta minn dħul inkrementali estremament baxx bħal EUR 1 għal kull passiġġier. Huwa ċar li l-Maniġer tal-Ajrūport, meta injora l-kostijiet tat-tiswija u - għall-kuntrarju - ippermetta lil linja tal-ajru li bil-fors kellha tgħabbi żżejjed u tagħmel ħsara fuq ir-runway, ma kkunsidrax il-profitabbiltà fit-tul. Investitur prudenti fl-industria tal-linji tal-ajru kien jimponi ħlas addizzjonal fuq tali linja tal-ajru, għal kull moviment ta' operazzjoni ta' tagħbi jażza.
- (115) Carpatair sostniet li fil-bidu tal-2012, il-Maniġer tal-Ajrūport ikkundizzjona t-tiġġid tal-kuntratt tiegħu bil-ftehim ta' Carpatair bl-arrangġamenti ma' Wizz Air u t-termini tiegħu.
- (116) Carpatair allegat li l-MEOP muhiex sodisfatt. Carpatair sostniet li ma saret l-ebda analiżi *ex ante* u l-ebda pjan ta' direzzjoni tan-negożju ma ġie ppreżentat lill-Kummissjoni skont il-Linji Gwida tal-2005 dwar il-finanzjament tal-ajrūporti u l-ġħajjnuna tal-bidu lil-linji tal-ajru li jitilqu minn ajrūporti reġjonali<sup>(16)</sup> (il-“Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005”).

<sup>(16)</sup> Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni – Il-Linji Gwida tal-Komunità dwar l-iffinanzjar tal-ajrūporti u l-ġħajjnuna tal-bidu lil-linji tal-ajru li jitilqu minn ajrūporti reġjonali (ĠU C 312, 9.12.2005, p. 1).

- (117) Carpatair ċaħdet l-argumenti tar-Rumanija dwar il-fatt li l-introjtu minn attivitajiet mhux ajrunawtiċi għandu jiġi inkluż fl-analiżi tal-MEOP. Carpatair iddikjarat li r-Rumanija ma kinitx f'pożizzjoni li tissottometti analiżi ekonomika dettaljata ta' kif is-sussidji lil Wizz Air ikunu ġġustifikati minn żieda fil-profitt minn attivitajiet mhux ajrunawtiċi.

#### 6.1.2. Il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014

- (118) Carpatair iddikjarat li l-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 jikkonfermaw li l-miżuri kienu ghajjnuna mill-Istat. It-test tal-MEOP ma ġiex issodisfat peress li ma kienx hemm pjan ta' direzzjoni tan-negożju *ex ante* u konsegwentement, l-awtoritajiet Rumeni ma pprovdewx lill-Kummissjoni b'tali pjan jew projekzjonijiet ta' profittabbiltà tal-Ftehimiet tal-2008.
- (119) Carpatair sostniet li l-aħħar *data finanzjarja* tal-Maniġer tal-Ajrūport tikkonferma li l-ghajjnuna hija inkompatibbli. Carpatair argumentat li l-ghajjnuna mill-Istat naqqset il-profittabbiltà tal-Maniġer tal-Ajrūport u l-ghajjnuna ma kinitx konformi mal-kundizzjonijiet kumulattivi għall-ghajjnuna tal-bidu.
- (120) Carpatair informat ukoll lill-Kummissjoni li hija ressuet ilment quddiem il-Kunsill tal-Kompetizzjoni Rumen billi allegat li l-Maniġer tal-Ajrūport abbuża mill-pożizzjoni dominanti tiegħu billi offra kundizzjonijiet diskriminatorji lil-linji tal-ajru.

### 6.2. Wizz Air

#### 6.2.1. Miżura 2 – Skontijiet u Ribassi skont l-AIP tal-2007, l-AIP tal-2008 u l-AIP tal-2010

- (121) Wizz Air sostniet li skont sa 85 % skont l-AIP tal-2010 qatt ma ġie applikat. Minflok, ġie applikat skont massimu medju ta' 73 % wara li l-Ministeru tat-Trasport Rumen oppona l-iskema ta' imposti msemmija hawn fuq.
- (122) Barra minn hekk, skont Wizz Air, ma hemm l-ebda selettività u vantaġġ favur tagħha skont l-AIP tal-2007, l-AIP tal-2008 u l-AIP tal-2010. Linji tal-ajru oħra joperaw inġenji tal-ajru tal-istess daqs u MTOW bħal dak ta' Wizz Air u għalhekk jistgħu jibbenifaw mill-istess livell ta' skont.
- (123) Wizz Air allegat li sa mill-wasla tagħha, ix-xejra ġenerali lejn l-użu ta' inġenji tal-ajru akbar kienet imħeġġa mill-Maniġer tal-Ajrūport, u l-għadd ta' passiġġieri żidet b'36 % fil-perjodu mill-2007 sal-2010, b'żieda fil-moviment ta' 2 % biss.
- (124) Għall-kuntrarju ta' Carpatair, Wizz Air offriert servizz ta' nollijiet baxxi, u l-operazzjonijiet tagħha kienu effiċjenti. Konsegwentement, kien ekonomikament razzjonali li l-provvista ta' infrastruttura u servizzi inqas għalja jwasslu għall-applikazzjoni ta' imposti aktar baxxi minn ajrūport li jaġixxi bħala MEO. Wizz Air iddikjarat li tat-spinta lit-traffiku tal-Ajrūport billi żiedet id-dħul minn attivitajiet ajrunawtiċi u mhux ajrunawtiċi.

#### 6.2.2. Miżura 3 – Ftehimiet tal-2008 bejn Wizz Air u l-Maniġer tal-Ajrūport

- (125) Wizz Air argumentat li n-nuqqas ta' pjan ta' direzzjoni tan-negożju *ex ante* mhuwiex evidenza li l-awtoritajiet Rumeni naqṣu milli jaġixxu bħala MEO.
- (126) Wizz Air ħatret konsulent ekonomiku, Oxera Consulting Ltd, sabiex tħejji l-Valutazzjoni Ekonomika tal-MEIP firrigward tal-Ajrūport. Ir-rapport ta' Oxera, li ġie ppreżentat lill-Kummissjoni fis-27 ta' Ottubru 2011, kellu l-għan li jistabbilixxi jekk it-test tal-MEOP ġiex sodisfatt fil-ftehimiet bejn il-Maniġer tal-Ajrūport u Wizz Air.
- (127) L-analiżi ta' Oxera ffokat fuq il-Ftehimiet tal-2008 kif ukoll l-AIP tal-2007, l-AIP tal-2008 u l-AIP tal-2010.
- (128) Skont Oxera, l-imposti mħallsa minn Wizz Air fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara għandhom jitqabblu mal-imposti mħallsa minn Wizz Air f'ajrūporti simili fuq perjodu ta' żmien xieraq.
- (129) Fl-analiżi ta' Oxera, intgħażu tliet ajrūporti bħala komparaturi rilevanti għall-finijiet ta' din l-analiżi. Oxera sostniet li l-istruttura ta' sjeda u finanzjament ta' dawn l-ajrūporti hija tali li kollha kemm huma x'aktarx iġibu ruħhom b'mod konsistenti mal-ajrūporti ta' "investituri privati", u dawn huma destinazzjonijiet ta' Wizz Air li huma ġeneralment komparabbli f'numru ta' dimensjonijiet.

- (130) Abbażi tad-data riċevuta mingħand Wizz Air, Oxera kkonkludiet li l-imposti globali mħallsa mil-linjal tal-ajru fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara jistgħu jitqabblu mal-imposti rispettivi mħallsa fit-tliet ajrūporti komparaturi bejn 2008 - 2009 u 2010 - 2011, kemm fuq bażi ta' kull passiġġier kif ukoll fuq bażi ta' tlugħ u nżul.

(131) Skont Oxera, l-analiżi wriet li l-livell globali tal-imposti mħallsa minn Wizz Air fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara, skont il-ftehimiet dettaljati, huwa oħla, bħala medja, mil-livell medju komparabbi ta' imposti mħallsa mil-linjal tal-ajru fl-ajrūporti komparaturi. Il-prezzijiet aktar baxxi mħallsa minn Wizz Air fl-ajrūporti komparaturi jissuġġerixxu li investitur privat x'aktarx kien jidħol fkuntratt fuq it-termini tal-ftehim bejn il-Maniġer tal-Ajrūport u Wizz Air.

(132) Il-valutazzjoni tal-profitabbiltà tal-ftehimiet turi li investitur razzjonali fis-settur privat ikun lest li jidħol fl-istess ftehim ma' Wizz Air. Għalhekk, l-analiżi tal-profitabbiltà implikat li, billi kkonkluda diversi ftehimiet ma' Wizz Air, il-Maniġer tal-Ajrūport għab ruħu b'mod konsistenti mal-MEOP.

(133) B'mod ġenerali, Oxera kkonkludiet li r-riżultat tal-analiżi tal-komparatur u l-analiżi tal-profitabbiltà tal-ftehimiet issuġġerew li l-imposti mħallsa minn Wizz Air fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara kienu komparabbi ma' livell ta' imposti li kienu jiġu offruti lil Wizz Air minn investitur li jopera f'ekonomija tas-suq proprjetarju ta' ajrūport fċirkostanzi simili.

#### **6.2.3. Mżura 4 – Qtugħi ta' imposti tal-ajr uport fatturati lil Wizz Air għall-perjodu Ottubru 2009 - Frar 2010**

- (134) Fil-fehma ta' Wizz Air, huwa ċar li l-allegat ammont pendentii dovut lill-Maniġer tal-Ajrūport ma kienx jikkostitwixxi għajnuna. Wizz Air sostniet li kellha pretensionijiet reċiproċi kontra l-Maniġer tal-Ajrūport li rriżultaw mit-treġgħiġ lura ta' proċedura ta' tpaċċija bejn il-Maniġer tal-Ajrūport u Wizz Air.

(135) Wizz Air argumentat li l-imputabbiltà tal-Istat ma ġietx ippruvata għaliex il-Kummissjoni ma stabbilixxiet li l-Istat kien involut fin-nuqqas ta' ħlas ta' imposta dovuti.

(136) L-għajnuna allegata mogħtija mill-Maniġer tal-Ajrūport lil-linji tal-ajru mhijiex attribwibbli lill-Istat Rumen bi kwotazzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti fi Stardust Marine (17). Skont Wizz Air, il-Maniġer tal-Ajrūport jidher li aġixxa b'mod awtonomu u mingħajr l-approvazzjoni jew anke l-għarfien tal-Istat Rumen. L-intervent tal-gvern Rumen kien jikkonsisti biss f'ordnijiet biex jiġu invertiti ċerti miżuri adottati mill-Maniġer tal-Ajrūport li ġew diżaprova ex post mill-gvern.

#### **6.2.4. Il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014**

- (137) Wizz Air tenniet li l-Ftehimiet tal-2008 mal-Maniġer tal-Ajruport ma kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014.
  - (138) Skont Wizz Air, il-ftehimiet bejn il-Maniġer tal-Ajruport u Wizz Air kienu konformi mat-test tal-MEOP. It-tqabbil mal-prezz tas-suq u l-analiżi tal-profittabbiltà *ex ante*, deskritti fil-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, ġew applikati f'dan il-każ, kif intwera mir-rapport ta' Oxera.
  - (139) Wizz Air issib li l-allegata għajnuna mill-Istat lill-Maniġer tal-Ajruport, jekk kien hemm, ma ġietx mgħoddija lil Wizz Air. Hija rreferiet għall-punti 11 u 65 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 li skonthom meta ajruport ikun il-benefiċjarju ta' għajnuna, il-vantaġġ li jirriżulta minn tali għajnuna ma jingħatax lil linja tal-ajru speċifika jekk l-infrastruttura rilevanti tkun mistuha għal-linji tal-ajru kollha u ma jkunx iddedikat għal linja tal-ajru speċifika u l-linji tal-ajru jħallsu tariffi li jkopru mill-inqas il-kost inkrementali tal-operazzjoni tagħhom fl-ajruport.
  - (140) Wizz Air iddikkarat li dawn il-kundizzjonijiet kienu ssodisfati. Wizz Air ma kinitx l-unika linja tal-ajru li topera inġenji tal-ajru ta' aktar minn 70 tunnellata MTOW fl-Ajruport Internazzjonali ta' Timišoara matul il-perjodu rilevanti u, għalhekk, linji tal-ajru oħra possibbilm ibbenifikaw minn ribassi simili jew akbar fuq l-imposti tal-ajruport minn Wizz Air.

<sup>(17)</sup> Is-Sentenza tas-16 ta' Meju 2002, *Franza vs Il-Kummissjoni ("Stardust Marine")*, il-Kawża C-482/99, EU:C:2002:294.

- (141) Wizz Air ikkonkludiet mill-punt 172 tal-Linji Gwida dwar l-Avazzjoni tal-2014, li anke jekk ikun instab li l-Maniġer tal-Ajrūport ikun irċieva għajjnuna, il-kompatibbiltà tagħha għandha tiġi vvalutata fuq il-bażi tal-Linji Gwida dwar l-Avazzjoni tal-2014, b'intensitajiet tal-ghajjnuna permessi għal ajrūporti taħt 700 000 passiġġier.

### 6.3. Il-Maniġer tal-Ajrūport

#### 6.3.1. Miżura 3 – Ftehimiet tal-2008 bejn Wizz Air u l-Maniġer tal-Ajrūport

- (142) Il-Maniġer tal-Ajrūport iddikjara li l-ebda għajjnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE ma hija involuta fil-Ftehimiet tal-2008.
- (143) Skont il-Maniġer tal-Ajrūport, ma kienx hemm selettività. L-ghajjnuna allegata pprovduta lil Wizz Air kienet disponibbli għal-linji tal-ajru komparabbli kollha fuq bażi trasparenti u mingħajr diskriminazzjoni.
- (144) Il-Maniġer tal-Ajrūport sostna li l-arranġament ta' kummerċjalizzazzjoni kien jikkonċerna s-servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni ta' Wizz Air għall-Maniġer tal-Ajrūport. Il-Maniġer tal-Ajrūport kien se joffri tali arranġament lil linji tal-ajru oħra iżda ma setax, billi kien hemm limitazzjoni fuq kemm il-Maniġer tal-Ajrūport seta' jonfoq fuq ir-reklamar.
- (145) Il-Maniġer tal-Ajrūport argumenta li ma kellu l-ebda aċċess għar-riżorsi tal-Istat. Ir-riżorsi tal-Istat intużaw biss għall-forniment ta' infrastruttura mhux diskriminatorja bħal taxiways, rampi, tagħmir ta' sigurtà, faċilitajiet tat-terminals u tagħmir tat-terminals.
- (146) Il-Maniġer tal-Ajrūport allega li aġixxa b'mod awtonomu. Il-fatt li r-Rumanija hija azzjonista b'sehem ta' 80 % fl-Ajrūport ma jfissirx li l-Istat għandu kontroll dirett jew indirett fuq ir-riżorsi inkwistjoni.
- (147) L-MEOP ġie ssodisfat f'kull aspett fil-Ftehimiet tal-2008. Il-Maniġer tal-Ajrūport iddikjara li kien wettaq kalkoli qabel ma kkonkluda l-Ftehimiet tal-2008. Skont il-Maniġer tal-Ajrūport, ma kien hemm l-ebda obbligu legali li jhejj i-pjan ta' direzzjoni tan-negożju. Il-Maniġer tal-Ajrūport ma kellu l-ebda raġuni għaliex iżomm xi dokumentazzjoni.
- (148) Ir-Rapport ta' RBB (<sup>(18)</sup>), mibgħut mill-Maniġer tal-Ajrūport, fitteż li jistma l-kostijiet u l-benefiċċċi inkrementali għall-Maniġer tal-Ajrūport skont il-Ftehimiet tal-2008. Skont ir-rapport, il-Ftehimiet tal-2008, anke matul it-tliet snin li fihom il-Maniġer tal-Ajrūport għarrab il-kost tal-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni, ipproduċew redditu pożittiv għall-Maniġer tal-Ajrūport.
- (149) Ir-Rapport ta' RBB ikkunsidra t-titjib fl-effiċċenza li gawda minnu l-Ajrūport bħala riżultat tal-operazzjoni ta' Wizz Air. Id-data wriet li Wizz Air ġarret għadd ferm akbar ta' passiġġieri għal kull movimenti ta' ingenu tal-ajru minn linji tal-ajru oħra li joperaw fl-Ajrūport. Għalhekk, iż-żieda ta' Wizz Air mal-portafoll tal-klijenti tal-Maniġer tal-Ajrūport tatu żieda sostanzjali fl-għadd ta' passiġġieri għal żieda żgħira biss fil-movimenti tal-ingġenji tal-ajru.
- (150) Dan ir-ritmu tat-tkabbir tejjeb il-profittabbiltà tal-Ajrūport: matul il-perjodu 2008 sa 2010, id-dħul operattiv totali tal-Maniġer tal-Ajrūport żdied b'39 %, filwaqt li l-kostijiet operatorji totali żdiedu biss bi 22 %.
- (151) Skont ir-Rapport ta' RBB, id-data wriet li Wizz Air għandha sehem ta' dħul minn attivitajiet ajrunawti proporzjonat ma' jew akbar mis-sehem tagħha kemm tal-passiġġieri kif ukoll tal-movimenti tal-ingġenji tal-ajru fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara. B'kuntrast ma' dan, ir-Rapport ta' RBB iddikjara li d-data wriet li Carpatair konsistentement tat-kontribuzzjoni iż-ġħar għad-dħul tal-Maniġer tal-Ajrūport minn dik konsistenti mal-użu tagħha tal-faċilitajiet tal-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara kif imkejel mis-sehem tagħha ta' passiġġieri u ta' movimenti tal-ingġenji tal-ajru li kull wieħed minnhom iġorr relativament fiti passiġġieri.
- (152) Ir-rapport issuġġerixxa li Carpatair kisbet termini aħjar mill-Maniġer tal-Ajrūport minn linji tal-ajru oħra, inkluża Wizz Air. Dan il-ħlas insuffiċċenti konsistenti meta mqabbel mal-użu tal-kapaċitā jirrifletti l-ineffċċenza relativa, f'termini ta' użu tal-ajrūport, tal-modali tan-negożju ta' Carpatair ibbażat fuq għadd kbir ta' movimenti tal-ingġenji tal-ajru li kull wieħed minnhom iġorr relativament fiti passiġġieri.

<sup>(18)</sup> RBB Economics LLP hija aġenzija ta' konsulenza ekonomika bil-kwartieri ġeneralji tagħha f'Londra. Din tispeċjalizza fl-ġhoti ta' pariri ekonomiċi relatati mal-liġi tal-kompetizzjoni.

- (153) Skont l-istudju mill-Università ta' Timišoara, l-investimenti magħmula mill-Maniġer tal-Ajrūport kienu profitabbli u ta' beneficiċju. L-istudju allega li l-Maniġer tal-Ajrūport aġixxa f'konformità mal-MEOP.
- (154) L-istudju ddikjara li l-Maniġer tal-Ajrūport kelle strateġija korretta li wasslet għaż-żieda fl-għadd ta' passiġġieri kif ukoll fil-movimenti tal-ingħenji tal-ajru. Għal dan, meta jitqiesu bħala eżempju l-imposti fuq ajrūporti oħra fil-pajjiż u barra mill-pajjiż, qiegħi prodotta skema vantaġġuża ta' skontijiet, speċjalment għal-linji tal-ajru li jġorru numri kbar ta' passiġġieri u li joperaw ingħenji tal-ajru b'kapaċċità kbira. Barra minn hekk, l-imposti tal-kiri għall-postijiet ġewwa l-bini tat-terminal jirrispettaw il-prezz tas-suq, filwaqt li l-imposti kienu kompatibbli ma' dawk prattikati f'Timišoara għal postijiet tal-istess tip.

### 6.3.2. Il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 (il-Miżura 1 u il-Miżura 3)

- (155) Il-Maniġer tal-Ajrūport sostna li, abbażi tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, ma kien hemm l-ebda għajjnuna illegali mill-Istat. Anke li kieku kien hemm għajjnuna, din kienet tkun kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE.
- (156) Skont il-Maniġer tal-Ajrūport, l-ghajjnuna lill-Maniġer tal-Ajrūport ikkontribwiet għal objettiv definit sew ta' interessa komuni peress li żiedet il-mobilità taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea u l-konnettività tal-Kontea ta' Timiš billi stabbiliet punti ta' aċċess għal titjuriet ġewwa l-UE, indirizzat il-konġestjoni tat-traffiku tal-ajru fajr-ajrūporti ċentrali ewlenin tal-UE, u ffaċilitat l-iżvilupp reġjonali fil-Kontea ta' Timiš.
- (157) Il-Maniġer tal-Ajrūport iddikjara li l-investiment kelle l-għan li joħloq kapaċċità ġidida fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara, filwaqt li l-infrastruttura l-ġidida tissodisfa, fit-terminu medju, id-domanda prevista tal-linji tal-ajru, tal-passiġġieri u tal-ispedizjoniera fiż-żona ta' kummerċ tal-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara.
- (158) Skont il-Maniġer tal-Ajrūport, l-arranġamenti bejn Wizz Air u l-Maniġer tal-Ajrūport ma kinux jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat skont it-test tal-MEOP.
- (159) Il-Maniġer tal-Ajrūport applika ż-żewġ approċċi differenti deskritti fil-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 għat-test tal-MEOP.
- (160) Il-Maniġer tal-Ajrūport sostna li l-prezz mitlub minn ajrūport lil linja tal-ajru partikolari jikkorrispondi għall-prezz tas-suq: il-Maniġer tal-Ajrūport fakkli r-Rapport ta' RBB wera li t-tariffi ajrunawtiċi mħallsa minn Carpatair fl-2010 kien aktar baxxi minn dawk li kellhom jithallu minn Wizz Air.
- (161) Fil-fehma tal-Maniġer tal-Ajrūport, l-arranġamenti kkontribwew għall-profitabbiltà tal-Ajrūport billi kkwantifikat il-kostijiet u l-benefiċċji inkrementali: skont ir-Rapport ta' RBB, għall-perjodu 2008 sa 2010, l-arranġamenti ma' Wizz Air urew profit inkrementali għall-Maniġer tal-Ajrūport.
- (162) Barra minn hekk, filwaqt li l-imposti ajrunawtiċi għal Wizz Air kienu jirrappreżentaw fluss ta' introju kontinwu għall-Maniġer tal-Ajrūport minħabba operazzjonijiet kontinwi, madwar 50 % tal-kostijiet inkrementali li kelle jiffaċċja l-Maniġer tal-Ajrūport kienu jikkonsistu f'pagament ta' kummerċjalizzazzjoni ta' darba fl-2009.
- (163) Konsegwentement, il-Ftehimiet tal-2008 ma kinux jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat.

### 6.4. L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Linji tal-Ajru Reġjonali (ERA)

#### 6.4.1. Miżura 3 – Ftehimiet tal-2008 bejn Wizz Air u l-Maniġer tal-Ajrūport

- (164) L-ERA (<sup>(19)</sup>) allegat li l-miżuri pprovduti lil Wizz Air huma għajjnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.
- (165) L-ERA temmen li d-data finanzjarja hija evidenza essenzjali tal-ksur u għalhekk għandha tiġi żvelata.

<sup>(19)</sup> L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Linji tal-Ajru Reġjonali (ERA) hija assoċjazzjoni kummerċjali li tirrappreżenta l-industrija Ewropea tal-avjazzjoni (linji tal-ajru, ajrūporti, manifatturi u forniture).

- (166) Skont l-ERA, l-eżistenza ta' pjan ta' direzzjoni tan-negożju ċar għandha tifforma element essenzjali ta' analiżi ta' kwalunkwe ġħajjnuna mogħtija. Pjan bħal dan għandu juri biċ-ċar il-vijabbiltà finanzjarja tar-rotta.
- (167) L-ERA enfasizzat li l-industrija tal-linji tal-ajru hija kkaratterizzata minn marġni tradizzjonalment baxx u minn rekwiżiti għoljin ta' investimenti kapitali. Għalhekk, vantaġġi kbar bħal dawn, iffinanzjati permezz ta' fondi tal-Istat, malajr iwasslu biex dawk it-trasportaturi li ma jirċevux il-vantaġġ iħallu s-suq.
- (168) Fil-fehma tal-ERA, ir-riżultat mħuwiex biss distorsjoni tal-kompetizzjoni, iżda pożizzjoni dominanti potenzjali ta' monopolju min-naħħa tal-operatur tal-ajrūport sussidjat li fadal. L-impatt fuq il-konsumatur fuq medda twila ta' żmien huwa żieda fil-prezzijiet u tnaqqis fl-għażla.

## 6.5. Eurojet

### 6.5.1. Mīzura 2 – Skontijiet u Ribassi skont l-AIP tal-2007, l-AIP tal-2008 u l-AIP tal-2010

- (169) Eurojet, kumpanija charter tan-negożju li topera wkoll fir-Rumanija, qabel li jingħata skont lil linja tal-ajru meta l-attivitàet mhux tal-avjazzjoni jiffurmaw sehem importanti mid-dħul tal-ajrūport.
- (170) Madankollu, fil-fehma ta' Eurojet, l-iskont ta' 85 % applikabbli għall-operaturi li jużaw inġenji tal-ajru b'massa akbar minn 70 tunnellata ġie introdott b'mod ċar għall-benefiċċju esklusiv ta' operatur uniku.

## 7. VALUTAZZJONI TAL-MIŻURA 1 – FINANZJAMENT OPERATTIV ANNWALI MOGĦTI LILL-MANIĠER TAL-AJRŪPORT

### 7.1. Eżistenza ta' Ghajjnuna

- (171) Skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE “kull ġħajjnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern.”
- (172) Għalhekk, il-kwalifikazzjoni ta' miżura bħala ghajjnuna mill-Istat skont it-tifsira ta' din id-dispożizzjoni tirrikjedi li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:
  - (a) il-benefiċjarju jkun impriża;
  - (b) il-miżura tkun iffinanzjata minn riżorsi tal-Istat u tkun imputabbi lill-Istat;
  - (c) hija tagħti vantaġġ ekonomiku lir-riċevitur tagħha;
  - (d) il-vantaġġ ikun selettiv; u
  - (e) il-miżura għandha twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni u tista' taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.
- (173) Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li l-finanzjament pubbliku mogħti lill-Maniġer tal-Ajrūport kien jamonta għal ġħajjnuna mill-Istat. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli fiż-żmien tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ, il-Kummissjoni kkunsidrat li tali finanzjament pubbliku jikkostitwixxi ghajjnuna operatorja.
- (174) Wara d-Deċiżjoni tal-Ftuħ, ir-Rumanija sostniet li l-ghotjet annwali ma kinux jikkostitwixxu ghajjnuna operatorja iżda kienu allokati għal investimenti fl-Ajrūport Internazzjonal ta' Timišoara. Ir-Rumanija argumentat ukoll li l-investimenti li saru ma kinux jikkostitwixxu ghajjnuna mill-Istat minħabba li dawn jew kienu jaqgħu taħt il-mandat tal-politika pubblika jew kienu konformi mal-MEOP.
- (175) Il-Kummissjoni tfakk li jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn l-ghajjnuna għall-investiment u l-ghajjnuna operatorja. Skont il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, l-ghajjnuna għall-investiment hija d-definita bħala ghajjnuna maħsuba biex tiffinanzja l-assi kapitali fissi, spċifikament, sabiex tkopri d-“diskrepanza fil-finanzjament tal-ispejjeż kapitali”. L-ghajjnuna operatorja hija d-definita bħala ghajjnuna biex tkopri d-“diskrepanza tal-likwidità operattiva”, jew fil-forma ta' pagament bil-quddiem jew fil-forma ta' pagamenti parżjali perjodiċi biex jiġi koperti l-kostijiet operatorji mistennija (ħlasijiet perjodiċi ta' ammont f'daqqa).

- (176) Il-Kummissjoni tinnota li l-proġetti ta' investiment ippreżentati mir-Rumanija (Table 3) huma relatati mal-finanzjament ta' assi kapitali fissi u kienu kontabilizzati fin-nefqa kapitali fil-kontijiet tal-Maniġer tal-Ajrūport. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mir-Rumanija wara d-Deċiżjoni tal-Ftuħ, b'mod partikolari l-atti legali li japprovaw il-proġetti ta' investiment, il-Kummissjoni għalhekk tikkunsidra tali finanzjament bħala finanzjament ta' proġetti ta' investiment.
- (177) Il-Kummissjoni se tanalizza jekk l-investimenti ppreżentati mir-Rumanija (Table 3) jikkostitwixxu ġħajnuna mill-Istat. Imbagħad il-Kummissjoni se tnaqqas l-ammont annwali ta' investimenti li ma jikkostitwux ġħajnuna mill-Istat mill-ammont annwali totali ta' investimenti. Id-differenza, jekk ikun hemm, hija l-ammont annwali ta' ġħajnuna għall-investiment mogħtija lill-Maniġer tal-Ajrūport.
- (178) Imbagħad il-Kummissjoni se tanalizza jekk l-ġħajnuna għall-investiment mogħtija lill-Maniġer tal-Ajrūport, jekk ikun hemm, tkunx kompatibbli.

### 7.1.1. L-attività ekonomika u l-kunċett ta' impriża

#### 7.1.1.1. Prinċipji

- (179) Skont ġurisprudenza stabbilita, il-Kummissjoni l-ewwel għandha tistabbilixxi jekk il-Maniġer tal-Ajrūport huwiex impriża skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Il-kunċett ta' impriża jkopri kwalunkwe entità involuta f'attività ekonomika, irrispettivament mill-istatus legali tagħha u l-mod kif tiġi ffinanzjata <sup>(20)</sup>. Kwalunkwe attivitā li tikkonsisti fl-offerta ta' oġġetti jew servizzi f-suq partikolari hija attivitā ekonomika.
- (180) Hija ġurisprudenza stabbilita li l-operat u l-kostruzzjoni tal-infrastruttura ta' ajrūport għandhom jiġu kkunsidrati bħala attivitā ekonomika li taqa' fl-ambitu tal-kontroll tal-ġħajnejha mill-Istat mit-12 ta' Diċembru 2000, id-data tas-sentenza Aéroports de Paris <sup>(21)</sup>. Ladarba operatur ta' ajrūport jipparteċipa f'attivitàjet ekonomiċi billi joffri servizzi tal-ajrūport bi ħlas, irrispettivament mill-istatus legali tiegħu jew il-mod li bih jiġi ffinanzjat, dan jikkostitwixxi impriża skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE u, għaldaqstant, ir-regoli tat-Trattat dwar l-ġħajnejha mill-Istat ikunu kapaċi jaapplikaw għall-vantaġġi mogħtija mill-Istat jew permezz tar-riżorsi tal-Istat lil dak l-operatur tal-ajrūport.
- (181) Filwaqt li l-operaturi tal-ajrūporti għandhom jiġu kkunsidrati bħala li jikkostitwixxu impriżi fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, għandu jiġi mfakkar li mhux l-attivitàjet kollha ta' operatur tal-ajrūport huma neċessarjament ta' natura ekonomika <sup>(22)</sup>.
- (182) Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li l-attivitàjet li normalment jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istat fl-eżerċizzju tas-setgħat ufficjalji tagħha bħala awtorità pubblika mhumiex ta' natura ekonomika u ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-ġħajnejha mill-Istat <sup>(23)</sup>.
- (183) Għalhekk, il-finanzjament tal-attivitàjet li jaqgħu fi ħdan il-mandat tal-politika pubblika jew tal-infrastruttura direttament relatata ma' dawk l-attivitàjet b'mod ġenerali ma jikkostitwixx ġħajnejha mill-Istat <sup>(24)</sup>. F'ajrūport, attivitàjet bħall-kontroll tat-traffiku tal-ajru, il-pulizija, id-dwana, it-tifi tan-nar, l-attivitàjet meħtieġa sabiex tiġi ssalvagħwardjata l-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' interferenza illegali u l-investimenti relatati mal-infrastruttura u mat-tagħmir meħtieġa biex jitwettqu dawn l-ivitàjet ġeneralment jiġu kkunsidrati bħala li huma ta' natura mhux ekonomika <sup>(25)</sup>.

<sup>(20)</sup> Is-Sentenza tat-23 ta' April 1991, *Höfner u Elser vs Macrotron* ("Höfner u Elser"), C-41/90, EU:C:1991:161, il-paragrafu 21; Is-Sentenza tas-17 ta' Frar 1993, *Poucet u Pistre vs AGF u Cancava*, C-160/91, EU:C:1993:63, il-paragrafu 17; Is-Sentenza tat-18 ta' Ġunju 1998, *Il-Kummissjoni vs L-Italja*, C-35/96, EU:C:1998:303, il-paragrafu 36.

<sup>(21)</sup> Is-Sentenza tat-12 ta' Diċembru 2000, *Aéroports de Paris vs Il-Kummissjoni*, T-128/98, EU:T:2000:290, ikkonfermata mis-Sentenza tal-24 ta' Ottubru 2002, *Aéroports de Paris vs Il-Kummissjoni*, C-82/01, EU:C:2002:617, il-paragrafi 75-79. Dan ġie kkonfermat fis-Sentenza tal-24 ta' Marzu 2011, *Mitteldeutsche Flughafen AG u Flughafen Leipzig Halle GmbH vs Il-Kummissjoni*, ("l-Ajrūport ta' Leipzig-Halle"), il-Kawża T-443/08 u T-455/08, EU:T:2011:117, b'mod partikolari l-punti 93 u 94; ikkonfermat bis-Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2012, *Leipzig-Halle*, il-Kawża C-288/11 P, EU:C:2012:821.

<sup>(22)</sup> Il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, il-punt 34. Ara wkoll is-Sentenza tad-19 ta' Jannar 1994, *SAT Fluggesellschaft vs Eurocontrol ("Eurocontrol")*, C-364/92, EU:C:1994:7.

<sup>(23)</sup> Is-Sentenza tas-16 ta' Ġunju 1987, *Il-Kummissjoni vs L-Italja*, C-118/85, EU:C:1987:283, il-paragrafi 7 u 8, u s-Sentenza tal-4 ta' Mejju 1988, *Bodson vs Pompes funèbres des régions libérées*, C-30/87, EU:C:1988:225, il-paragrafu 1.

<sup>(24)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 309/2002 tad-19 ta' Marzu 2003, Sigurtà tal-avjazzjoni — kumpens għall-ispejjeż li ġew imġarrba wara l-attacki tal-11 ta' Settembru 2001, ĠU C 148, 25.6.2003, p. 7.

<sup>(25)</sup> Il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, il-punt 35. Ara wkoll Eurocontrol, il-paragrafu 30; Is-Sentenza tas-26 ta' Marzu 2009, *Selex Sistemi Integrati vs Il-Kummissjoni*, C-113/07 P, EU:C:2009:191, il-paragrafu 71 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/628 tal-11 ta' Novembru 2016 dwar l-ġħajnejha mill-Istat SA.24221 (2011/C) (ex 2011/NN) implimentata mill-Awstrija għall-ajrūport ta' Klagenfurt, għal Ryanair u linji tal-ajru oħrajn li jużaw l-ajrūport, ĠU L 107, 26.4.2018, p. 1.

- (184) Madankollu, il-finanzjament pubbliku tal-attivitajiet mhux ekonomiċi ma għandux iwassal għal diskriminazzjoni bla bżonn bejn il-linji tal-ajru u l-maniġers tal-ajruporti. Tabilħaqq, hija ġurisprudenza stabbilita li jkun hemm vantaġġ meta l-awtoritajiet pubbliċi jeħilsu lill-impriżi mill-kostijiet inerenti għall-attivitajiet ekonomiċi tagħhom (26). Għalhekk, jekk f'ordinament ġuridiku partikolari tkun prassi normali li l-linji tal-ajru jew il-maniġers tal-ajruporti jgórru l-kostijiet ta' ċerti servizzi, filwaqt li xi linji tal-ajru jew maniġers tal-ajruporti li jiipprovdu l-istess servizzi fisem l-istess awtoritajiet pubbliċi ma jkollhom bżonn iż-ġorru dawk il-kostijiet, dawn tal-aħħar jistgħu jkunu qiegħdin igawdu minn vantaġġ, anke jekk dawk is-servizzi minnhom infushom jiġu kkunsidrati bħala mhux ekonomiċi (27).

#### 7.1.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

- (185) Il-Maniġer tal-Ajrūport huwa involut fil-kostruzzjoni, fil-manutenzjoni u fl-operat tal-infrastruttura tal-ajrūport. Il-Maniġer tal-Ajrūport joffri servizzi tal-ajrūport u jitlob ħlas lill-utenti – operaturi tal-avjazzjoni kummerċjali kif ukoll utenti tal-avjazzjoni ġenerali mhux kummerċjali – għall-użu tal-infrastruttura tal-ajrūport, sabiex b'hekk jisfruttaw l-infrastruttura b'mod kummerċjali. Għalhekk għandu jiġi konkluż li l-Maniġer tal-Ajrūport kien involut f'attività ekonomika fil-perjodu li qed jiġi vvalutat u, għalhekk, jikkostitwixxi impriżja skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.
- (186) Ir-Rumanija sostniet li l-kostijiet li jirriżultaw mill-attivitajiet li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati bħala li jaqgħu fi ħdan il-mandat tal-politika pubblika (il-premessi (87) u (88)):
- L-investimenti fir-restawr tar-runway u l-estensjoni tar-rampa huma relatati ma' attivitajiet mhux kummerċjali fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara (bħal attivitajiet militari, missjonijiet uffiċjali, missjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, titjiriet umanitarji u ta' emerġenza);
  - Investimenti f'tagħmir ta' sigurtà;
  - Investimenti fl-iżvilupp tat-terminal mhux ta' Schengen bl-għan li tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiți tal-UE sabiex it-terminal ikun jista' jirċievi titjiriet mhux ta' Schengen – f'dak iż-żmien li fih ir-Rumanija kienet mistennija ssir membru taż-żona Schengen fl-2011.
- (187) Rigward l-investimenti fir-restawr tar-runway u fl-estensjoni tar-rampa fl-2007, fl-2008 u fl-2009, il-Kummissjoni tfakkar li jekk l-infrastruttura tintuża kemm għal attivitajiet ekonomiċi kif ukoll għal dawk mhux ekonomiċi, il-finanzjament pubbliku se jaqa' biss taħt ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat sa fejn dan ikopri l-kostijiet marbuta mal-attivitajiet ekonomiċi.
- (188) Madankollu, f'dan il-każ, l-investimenti fir-restawr tat-taxiway u fl-estensjoni tar-rampa kienu meħtieġa b'mod predominanti minħabba l-użu kummerċjali tal-faċilitajiet tal-ajrūport. Ir-Rumanija argumentat li l-investimenti kienu meħtieġa biex jiġi ssodisfati t-talbiet ta' żieda fil-previżjonijiet tat-traffiku kummerċjali, biex jiġi ġgħid aktar dħul għall-Maniġer tal-Ajrūport u biex tiżidied il-profittabbiltà tiegħu (il-premessa (86)). Il-Kummissjoni tfakkar li l-finanzjament tal-attività mhux ekonomika ta' ajrūport ma jistax iwassal għal sussidjar reċiproku tal-attivitajiet ekonomiċi tal-ajrūport. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-investimenti fir-restawr tar-runway u l-estensjoni tar-rampa huma kompletement marbuta ma' attivitajiet ekonomiċi u għalhekk ma jaqgħu taħt il-mandat tal-politika pubblika.
- (189) Rigward l-investimenti f'tagħmir ta' sigurtà, il-Kummissjoni tfakkar li l-attivitajiet meħtieġa sabiex tiġi ssalvagwardjata l-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' interferenza illegali u l-investimenti relatati mal-infrastruttura u mat-tagħmir meħtieġa biex jitwettqu dawk l-attivitajiet ġeneralment jiġi kkunsidrati bħala ta' natura mhux ekonomika. Il-Kummissjoni tikkunsidra l-kontroll tal-bagalji tal-istiva, tal-passiġġieri, tal-bagalji tal-kabina u l-kontroll tal-aċċess ta' membri tal-pubbliku għaż-żona ta' sigurtà ta' ajrūport bħala miżuri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-salvagwardja tal-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' interferenza illegali (28).
- (190) Ir-Rumanija kkonfermat li skont l-ordni ġuridiku Rumen, l-Istat jiffinanzja t-tagħmir ta' sigurtà tal-ajrūporti kollha abbażi tad-Deċiżjoni tal-Gvern 1661 mis-6 ta' Diċembru 2007.

(26) Is-Sentenza tat-3 ta' Marzu 2005, *Wolfgang Heiser vs Finanzamt Innsbruck*, C-172/03, EU:C:2005:130, il-paragrafu 36, u l-ġurisprudenza ċċitata.

(27) Il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, il-punt 37.

(28) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1226 tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.33963 (2012/C) (ex 2012/NN) implementata minn Franzia favur il-Kamra tal-Kummerċ u tal-Industrija ta' Angoulême, SNC-Lavalin, Ryanair u Airport Marketing Services, ĠU L 201, 30.7.2015, p. 48;

- (191) Il-Kummissjoni tikkunsidra l-investimenti ftagħmir ta' sigurtà fl-2008 kif ippreżentat mir-Rumanja bħala meħtieġa sabiex tīgħi ssalvagwardjata l-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' interferenza illegali. Għalhekk, l-investimenti jaqgħu taħt il-mandat tas-servizz pubbliku u b'hekk ma jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat.
- (192) Rigward l-investimenti fl-iżvilupp tat-terminal mhux ta' Schengen, ir-Rumanja tiddikjara li l-investimenti inizjali għal estensjoni tat-terminal kienu skattati minn kunsiderazzjonijiet ekonomiċi iżda kienu wkoll essenzjali għall-ħolqien ta' terminal li jikkonforma mal-miżuri ta' sikurezza meħtieġa mir-regoli tal-UE dwar is-sigurta tal-avjazzjoni ċivili u l-kontroll tal-fruntieri ta' Schengen. B'mod partikolari, dawn il-miżuri huma relatati mas-separazzjoni tal-passiġġieri. Ma kien hemm l-ebda speċifikazzjoni dwar liema investimenti kienu strettament meħtieġa għall-konformità ma' tali regoli u għalhekk għall-eżerci tas-setgħat pubbliċi.
- (193) Il-Kummissjoni tfakkar li l-finanzjament tal-attività mhux ekonomika ta' ajruport ma jistax iwassal għal sussidjar reċiproku tal-attivitàajiet ekonomiċi tal-ajruport. Abbażi tas-sottomissjoni tar-Rumanja, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-investimenti fit-terminals twettqu fil-parti l-kbira tagħhom għal skopijiet ekonomiċi. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-investimenti f-terminalis mhux ta' Schengen ma jaqgħux taħt il-mandat tal-politika pubblika.
- (194) Bħala konlużjoni, il-Kummissjoni ssib li:
- (i) l-investimenti fir-restawr tar-runway u l-estensjoni tar-rampa fl-2007, fl-2008 u fl-2009 jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat tal-politika pubblika u għalhekk jikkostitwixxu attività ekonomika;
  - (ii) l-investimenti ftagħmir ta' sigurtà fl-2008 jaqgħu taħt il-mandat tal-politika pubblika u għalhekk ma jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat;
  - (iii) l-investimenti fl-iżvilupp tat-terminal mhux ta' Schengen fl-2007, fl-2008 u fl-2009 ma jaqgħux taħt il-mandat tal-politika pubblika u għalhekk attività ekonomika.

#### 7.1.2. Riżorsi tal-Istat u imputabbiltà lill-Istat

##### 7.1.2.1. Prinċipji

- (195) Sabiex jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat, il-miżuri inkwistjoni għandhom jiġu ffinanzjati minn riżorsi tal-Istat u d-deċiżjoni li tingħata l-miżura l-ġandha tkun imputabbi lill-Istat.
- (196) Il-kunċett ta' għajjnuna mill-Istat japplika għal kwalunkwe vantaġġ mogħti permezz tar-riżorsi tal-Istat mill-Istat innifsu jew minn kwalunkwe korp intermedjarju li jagħixxi permezz tas-setgħat mogħtija lilu <sup>(29)</sup>. Ir-riżorsi tal-awtoritajiet lokali huma, għall-applikazzjoni tal-Artikolu 107 tat-TFUE, riżorsi tal-Istat <sup>(30)</sup>.

##### 7.1.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

- (197) Il-finanzjament pubbliku mogħti lill-Maniġer tal-Ajruport ġie deċiż mid-deċiżjonijiet tal-Gvern 615/2002 u 1212/2007 (il-premessa <sup>(39)</sup>) u kien fforma ta' għotjet diretti mill-baġit tal-awtoritā nazzjonali, jiġifieri l-Ministeru tat-Trasport tar-Rumanja. Il-fondi ngħataw għall-proġetti ta' investiment u ġew irregistriati bħala nefqa kapitali. Il-fondi ġew allokat matul l-investiment kollu fuq il-baġi ta' baġit approvat għas-sena kkonċernata.
- (198) Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni tikkunsidra li dawn iridu jiġu ffinanzjati permezz tar-riżorsi tal-Istat u li għandhom ikunu wkoll imputabbi lill-Istat.

<sup>(29)</sup> Stardust Marine, il-paragrafu 53 - 56.

<sup>(30)</sup> Is-Sentenza tat-12 ta' Mejju 2011, Nord-Pas-de-Calais, Il-Kawżi Magħquda T-267/08 u T-279/08, EU:T:2011:209, il-paragrafu 108.

### 7.1.3. Selettività

#### 7.1.3.1. Princípiji

- (199) Sabiex taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, miżura tal-Istat trid tiffavorixxi lil "ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti". B'hekk, huma biss dawk il-miżuri tal-Istat li jiffavorixxu lill-impriżi li jagħtu vantaġġ b'mod selettiv li jaqgħu taħt il-kunċett ta' għajjnuna mill-Istat.
- (200) Kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja, meta t-termini tal-ftehim konkluż kienu proposti b'mod selettiv mill-Istat lil operatur wieħed jew aktar minnflok fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi, stabiliti b'test ta' applikazzjoni ġenerali, applikabbi għal kwalunkwe operatur, flimkien ma' elementi oħra, dan jista' jkun indikazzjoni ta' għajjnuna mill-Istat.<sup>(31)</sup>

#### 7.1.3.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

- (201) F'dan il-każ, l-appoġġ finanzjarju ġie propost u mogħti mill-Istat lil impriża waħda, jiġifieri l-Maniġer tal-Ajrport biss. Din hija miżura individwali. Għalhekk, il-Miżura 1 kienet selettiva skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

### 7.1.4. Vantaġġ ekonomiku

#### 7.1.4.1. Princípiji

- (202) Vantaġġ skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE huwa kwalunkwe beneficiċju ekonomiku li impriża ma kenitx tikseb taħt kundizzjonijiet normali tas-suq, jiġifieri fin-nuqqas ta' intervent mill-Istat. Huwa biss l-effett tal-miżura fuq l-impriża li huwa rilevanti, mhux il-kawża jew l-ġħan tal-intervent mill-Istat. Kull meta s-sitwazzjoni finanzjarja tal-impriża titjieg bħala riżultat ta' intervent mill-Istat, ikun hemm il-preżenza ta' vantaġġ.
- (203) Barra minn hekk, riżorsi pubbliċi li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' impriża mill-Istat, direttament jew indirettament, fċirkostanzi li jikkorrispondu għall-kundizzjonijiet normali tas-suq ma jistgħux jitqiegħi bħala mill-Istat.<sup>(32)</sup> Il-Prinċipju tal-MEO jew l-“MEOP”.
- (204) Il-Prinċipju tal-MEO jaapplika biss jekk l-Istat ikun aġixxa bħala operatur tas-suq privat li jkun fċirkostanzi komparabbli.
- (205) Il-kunsiderazzjonijiet reġjonali jew ta' politika ma jistgħux jiġu kkunsidrati għall-finijiet tat-test tal-MEOP. Kwalunkwe riperkussjoni pożittiva fuq l-ekonomija jew fuq l-aċċessibbiltà tar-reġjun li fis-sitwazzjoni għandha tiġi mwarra.<sup>(33)</sup>
- (206) It-test tal-MEOP jenħtieġ li jkun ibbażat fuq informazzjoni disponibbi u l-iżviluppi prevedibbi fiziż-żmien meta ngħata l-finanzjament pubbliku u ma għandux jiddej minn xi analiżi bbażata fuq sitwazzjoni posterjuri.<sup>(34)</sup>
- (207) Konsegwentement, rigward il-finanzjament pubbliku lill-ajruporti, l-analiżi ta' konformità mat-test tal-MEOP għandha tkun imsejsa fuq prospetti ta' profittabbiltà *ex ante* soda għall-entità li tagħti l-finanzjament.<sup>(35)</sup> Kwalunkwe previżjoni tat-traffiku użata għal dak l-iskop jenħtieġ li tkun realistika u soġġetta għal analiżi tas-sensittività raġonevoli. In-nuqqas ta' pjan ta' direzzjoni tan-negożju jikkostitwixxi indikazzjoni li t-test tal-MEOP jista' ma jiġix issodisfat.<sup>(36)</sup>

<sup>(31)</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Ġunju 2015, *Il-Kummissjoni vs MOL*, C-15/14 P, EU:C:2015:362, il-paragrafu 91.

<sup>(32)</sup> Il-Linji Gwida dwar l-Avazzjoni tal-2014, il-punt 49. Ara wkoll Stardust Marine, il-paragrafu 69.

<sup>(33)</sup> Il-Linji Gwida dwar l-Avazzjoni tal-2014, il-punt 49. Ara wkoll is-Sentenza tal-10 ta' Lulju 1986, *Il-Belġju vs Il-Kummissjoni*, Il-Kawża 40/85, EU:C:1986:305.

<sup>(34)</sup> Il-Linji Gwida dwar l-Avazzjoni tal-2014, il-punt 48. Ara wkoll Stardust Marine, il-paragrafu 71 u s-Sentenza tal-5 ta' Ġunju 2012, *Il-Kummissjoni Ewropea vs Électricité de France ("EDF")*, il-Kawża C-124/10 P, EU:C:2012:318, il-paragrafu 85.

<sup>(35)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Kawża C 25/2007 – *Il-Finlandja – Tampere Pirkkala Airport u Ryanair*, ĠU L 309, 19.11.2013, p. 27.

<sup>(36)</sup> EDF, il-paragrafi 84, 85 u 105.

(208) Fin-nuqqas ta' pjan ta' direzzjoni tan-negożju, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu analīzi jew dokumenti interni mill-awtoritajiet pubbliċi jew mill-ajruport ikkonċernat li juru b'mod ċar li analīzi *ex ante* turi li t-test tal-MEOP huwa ssodisfat (37).

(209) Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti, huwa l-Istat Membru nnifsu li għandu jistabbilixxi li huwa aġixxa bħala investitur privat prudenti (38) u ppreżenta lill-Kummissjoni l-evidenza f'dan ir-rigward (39).

#### 7.1.4.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

(210) Fil-każ preżenti, sabiex tiddetermina jekk il-finanzjament pubbliku jagħtix vantaġġġ lill-Maniġer tal-Ajruport li kieku ma kienx jikseb taħt kundizzjonijiet normali tas-suq, il-Kummissjoni trid tqabbel l-imġiba tal-awtoritajiet pubbliċi li qed jipprovdu l-ghotjet għal investimenti dirett u l-injezzjonijiet ta' kapital ma' dik ta' operatur fekkomija tas-suq li, mingħajr ma jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet soċjali, tal-politika reġjonali u settorjali kollha, huwa ggwidat minn prospetti ta' profittabbiltà fit-tul, matul it-tul ta' żmien tal-investiment (40). Dawn il-prospetti huma partikolarmen rilevanti għall-investiment fl-infrastruttura, li spiss jinvolvu ammonti kbar ta' riżorsi finanzjarji u jistgħu jipproduċu redditu pożittiv biss wara ħafna snin. Kwalunkwe valutazzjoni ta' profittabbiltà ta' ajruport għandha tikkunsidra d-dħul tal-ajruport.

(211) Il-Kummissjoni tinnota li inizjalment, il-Gvern kellu 100 % tal-ishma tal-Maniġer tal-Ajruport (il-premessa (28)). Madankollu, il-parteċipazzjoni azzjonarja tiegħu naqset għal 80 % tal-ishma fi tmiem l-2008. Id-daqs tal-parteċipazzjoni azzjonarja tal-Gvern meta mqabbel mal-proporzjon tal-kostijiet li jkun iffinanzja jiġi kkunsidrat għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-MEOP.

(212) Il-Kummissjoni għandha tibbaża l-valutazzjoni tagħha fuq l-informazzjoni u s-suppożizzjonijiet li kienu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet Rumeni rilevanti, fiż-żmien meta ngħata l-finanzjament pubbliku (41).

(213) Skont ir-Rumanija, l-investimenti li ġejjin saru f'konformità mal-MEOP (il-premessa (86)):

- Il-finanzjament tar-restawr tar-runway u tal-estensjoni tar-rampa fl-2007, fl-2008 u fl-2009;
- Il-finanzjament tal-iżvilupp tat-terminal mhux ta' Schengen fl-2007, fl-2008 u fl-2009;
- Il-finanzjament tal-iżvilupp ta' triq ta' aċċess u ta' żona tal-parkeġġ fl-2007; u
- Il-finanzjament tat-tagħmir tad-dawl fl-2008.

(214) Skont ir-Rumanija, dawn l-investimenti kienu ggwidati minn prospetti ta' profittabbiltà fit-tul li minnhom l-Istat jista' jibbenefika fpożizzjoni dopja: dik ta' azzjonist li jirċievi dividendi u bħala sid li jirċievi tariffa ta' konċessjoni (ikkalkolata bħala 2 % tal-introjt gross riċevut permezz tal-isfruttament tal-konċessjoni) (il-premessa (86)). Ir-Rumanija tiddikjara li l-Pjan ta' Żvilupp li sar fl-2006 u l-Valutazzjoni tal-Kapaċitā li saret fl-2006 indikaw sostenibbiltà ekonomika tal-investimenti. Skont ir-Rumanija, is-sostenibbiltà ekonomika setgħet kienet mistennija hekk kif iż-żieda fin-numru ta' passiġġieri u t-titjib fl-effiċċjenza jżidu d-dħul mill-operat tal-infrastruttura tal-ajruport (il-premessa (86)).

(215) Il-Kummissjoni l-ewwel se tqis jekk l-istudji ta' fattibbiltà *ex ante* pprovduti mir-Rumanija għall-investimenti ta' hawn fuq humiex biżżejjed biex tiġi ppruvata l-konformità mal-MEOP.

(37) Il-Linji Gwida dwar l-Avazzjoni tal-2014, il-punt 51.

(38) L-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Henrik Saugmandsgaard Øe tal-24 ta' Ottubru 2019, *Larko vs Il-Kummissjoni*, il-Kawża C-244/18 P, EU:C:2019:896, il-paragrafu 53. Ara wkoll is-Sentenza tal-1 ta' Frar 2018, *Larko vs Il-Kummissjoni*, T-423/14, EU:T:2018:57; Is-Sentenza tal-25 ta' Ġunju 2015, SACE u Sace BT vs Il-Kummissjoni, T-305/13, EU:T:2015:435 u EDF.

(39) EDF, il-paragrafu 104.

(40) Is-Sentenza tal-21 ta' Marzu 1991, *L-Italja vs Il-Kummissjoni*, ("Alfa Romeo"), C-305/89, EU:C:1991:142, il-paragrafu 23; Is-Sentenza tat-12 ta' Diċembru 2000, *Alitalia vs Il-Kummissjoni*, T-296/97, EU:T:2000:289, il-paragrafu 84.

(41) Il-Linji Gwida dwar l-Avazzjoni tal-2014, il-punt 3.4. Ara wkoll Stardust Marine, il-paragrafu 71.

## Studji tal-fattibbiltà

- (216) Ir-Rumanija ppreżentat studji ta' fattibbiltà mħejjija fid-dawl tal-investimenti relatati mar-restawr tar-runway u mal-estensjoni tar-rampa, għall-iżvilupp tat-terminal mhux ta' Schengen, għall-iżvilupp ta' triq ta' aċċess u ta' żona tal-parkeġġ u għat-tagħmir tad-dawl. L-istudji ta' fattibbiltà għandhom l-għan li jivvalutaw il-profittabbiltà globali tal-proġetti li rċeveli investimenti mill-Istat. Għalhekk, dawn jintużaw biex jiġi analizzat jekk ir-Rumanija investietx fi proġetti li kienu mistennija li jkunu profitabbli.
- (217) L-istudju ta' fattibbiltà għar-restawr tar-runway u l-estensjoni tar-rampa sab valur preżenti nett (il-“VPN”) ta' EUR 3,791 miljun u rata ta' redditu interna ta' 10,56 % (bl-użu ta' rata ta' skont ta' 5 %). Il-Kummissjoni sabet li dan l-istudju juri għadd ta' nuqqasijiet. B'mod partikolari, il-valor tal-VPN juri diskrepanzi sinifikanti meta mqabbel mal-valuri tal-VPN stabiliti fl-istudji ta' fattibbiltà ex post. Il-perjodu ta' previżjoni ta' 25 sena huwa twil wisq, minħabba n-natura limitata tat-tip ta' investimenti restorattivi mwettqa mir-Rumanija, speċjalment meta jiġi kkunsidrat il-kontribut limitat tagħha għaż-żieda globali fl-għadd ta' passiġġieri. B'kuntrast ma' dan, l-istudju ta' fattibbiltà ex post iħares lejn perjodu ta' previżjoni sostanzjalment iqsar għal dan l-investimenti (6 snin). Barra minn hekk, l-istudju ma jinkludi l-ebda evoluzzjoni tat-traffiku li kellha tkun il-bażi għad-dħul previst. Ir-rati ta' inflazzjoni previsti mhumiex spjegati u huma baxxi ħafna (1,5 % mis-sena 11), b'kunsiderazzjoni tar-rata ta' inflazzjoni f'dak iż-żmien (4,7 % fl-2007, 7,9 % fl-2008). Ir-rata ta' skont ta' 5 % mhijiex spjegata u tidher baxxa wisq, speċjalment meta mqabbla ma' investimenti kontemporanji oħra, bħall-modernizzazzjoni u l-estensjoni taż-żonna ta' parkeġġ. Għalhekk, il-Kummissjoni ma tikkunsidrax li dan l-istudju huwa raġonevoli. Barra minn hekk, filwaqt li parti kbira mill-investimenti twettqu fl-2007, l-istudju sar f'Lulju 2008. Għalhekk, dan l-istudju ta' fattibbiltà ma jistax jikkonferma l-profittabbiltà tal-investimenti kif meħtieġ mit-test tal-MEOP (42).
- (218) Rigward l-istudju ta' fattibbiltà għall-iżvilupp tat-terminal mhux ta' Schengen, il-Kummissjoni sabet li meta kien qed jiġi kkalkolat il-VPN tat-terminal, l-istudju ma kkunsidrax l-investimenti bħala kostijiet. Għalhekk, il-Kummissjoni ma tistax taċċetta dan l-istudju ta' fattibbiltà bħala prova ta' konformità mal-MEOP. Barra minn hekk, l-istudju sar f'Ġunju 2008 u jidher li huwa relatati biss mal-investimenti fl-2009.
- (219) Rigward l-istudju ta' fattibbiltà għall-modernizzazzjoni u l-estensjoni tal-parkeġġ li fuq il-bażi tiegħi saru l-investimenti relatati mal-iżvilupp ta' triq ta' aċċess u ta' parkeġġ, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-istudju huwa raġonevoli. L-istudju jassumi żieda ta' 15 % fid-dħul miż-żieda mistennija fl-utenti tal-parkeġġ marbuta maż-żieda fl-għadd ta' passiġġieri. L-istudju sab VPN pożittiv bl-użu ta' rata ta' skont ta' 15 % matul it-tul ta' żmien mistenni tal-investiment ta' tmien snin. Il-Kummissjoni ssib li r-rata ta' skont ta' 15 % hija raġonevoli u t-tul ta' żmien tal-investiment huwa qasir b'mod konservattiv. L-istudju juri li l-investiment se jkun digħi ammortizzat wara ħames snin. L-istudju sar f'Novembru 2005 u għalhekk huwa xieraq biex jindika l-konformità tal-MEOP tal-investiment fl-2007. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li fiż-żmien meta ġie deċiż il-finanzjament tal-modernizzazzjoni u tal-estensjoni tal-parkeġġ, il-Gvern kellu 100 % tal-ishma fil-Maniġer tal-Ajrūport. Għalhekk mhuwiex meħtieġ li l-VPN tal-proġett jiġi aġġustat b'mod proporzjonat.
- (220) Ir-Rumanija sostniet li d-data rilevanti għall-istudju ta' fattibbiltà għat-tagħmir tad-dawl hija d-data meta tħejjiet minn IPTANA SA, li bdiet taħdem fuq l-istudju f'Awwissu 2007 taħt il-Kuntratt Nru 1016/22.8.2007 u ngħatat opinjoni favorevoli mill-Kunsill Tekniku u Ekonomiku tal-Ministeru tat-Trasport fl-Opinjoni Nru 33/1998, riveduta fl-2007. Madankollu, id-data eżatta ta' meta sar l-istudju mhijiex disponibbli. Fi kwalunkwe każ, l-istudju ta' fattibbiltà għat-tagħmir tad-dawl ma kienx jinkludi analiżi tal-profittabbiltà, iżda elabora l-istimi tal-kostijiet għal dan il-proġett. Għalhekk, dan ma wriex kif l-imġiba tal-Maniġer tal-Ajrūport kienet iggwidata mill-prospetti ta' profittabbiltà fit-tul. Għalhekk, il-Kummissjoni ma tistax taċċetta dan l-istudju ta' fattibbiltà bħala prova ta' konformità mal-MEOP.
- (221) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-istudju ta' fattibbiltà ex ante mħejji fid-dawl tal-investimenti relatati mat-triq ta' aċċess u maż-żonna tal-parkeġġ huwa suffiċċenti biex tiġi pprovata l-konformità mal-MEOP. Il-Kummissjoni ssib li l-istudji ta' fattibbiltà għar-restawr tat-taxxiway u għall-estensjoni tar-rampa, għad-dawl u għat-terminal mhux ta' Schengen ma jurux konformità mal-MEOP.

(42) Stardust Marine, il-paragrafu 71 u EDF, il-paragrafi 85 u 104.

Studji ta' profitabbiltà *ex ante* mibnija mill-ġdid *ex post*

- (222) Il-Maniġer tal-Ajrūport ippreżenta wkoll studji ta' profitabbiltà *ex ante* mibnija mill-ġdid *ex post* għall-investimenti elenkti fil-premessa (213).
- (223) Rigward l-investimenti fir-restawr *tar-runway u l-estensjoni tar-rampa*, l-istudju ta' profitabbiltà mibni mill-ġdid *ex post* sab VPN ta' EUR 1 784 600,12 u rata ta' redditu interna ta' 13,12 %. Ir-rata ta' skont użata kienet ta' 9,1 %. L-istudju *ex post* mibni mill-ġdid jassumi previżjoni differenti tat-traffiku tal-passiġġieri minn dak disponibbli *ex ante* fuq il-bażi tal-Pjan ta' Żvilupp. Dawn il-previżjonijiet tal-passiġġieri huma aktar konservattivi u n-numru stmat ta' passiġġieri huwa aktar baxx minn dak inkluż fil-Pjan ta' Żvilupp. F'dan ir-rigward, il-profitabbiltà mistennija kienet għalhekk tkun saħansitra oħħla li kieku kellha tīgħi kkunsidrata l-previżjoni tal-ġhadd ta' passiġġieri fil-Pjan ta' Żvilupp. Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li l-kostijiet stmati ta' investiment huma differenti mill-istudju ta' fattiġġibbta *ex ante* li sar f'Lulju 2008. Il-Kummissjoni ma tistax tivverifika jekk is-suppożiż-zjoni dwar il-kostijiet ta' investiment humiex dawk li setgħu kienu mistennija *ex ante*. Konsegwentement, mhuwiex possibbli li jiġi konkluż li s-suppożiż-zjoni li ġew kkunsidrata huma dawk li kienu jkunu disponibbli qabel ma ngħata l-finanzjament pubbliku u li l-istudju mibni mill-ġdid ma jistax jiġi kkunsidrat bħala li jipprovd analiżi tal-profitabbiltà *ex ante* affidabbi.
- (224) Rigward l-investimenti fit-tagħmir tad-dawl, l-istudju ta' profitabbiltà mibni mill-ġdid *ex post* ipprovdut mill-Maniġer tal-Ajrūport sab VPN ta' EUR 226 066,84 u rata ta' redditu interna ta' 26,9 %. Ir-rata ta' skont użata kienet ta' 9,1 %. L-istudju *ex post* mibni mill-ġdid jassumi previżjoni differenti tat-traffiku tal-passiġġieri minn dik disponibbli *ex ante* fil-Pjan ta' Żvilupp. Dawn il-previżjonijiet tal-passiġġieri użati huma aktar konservattivi peress li n-numru stmat ta' passiġġieri huwa aktar baxx minn dak inkluż fil-Pjan ta' Żvilupp. F'dan ir-rigward, il-profitabbiltà mistennija kienet għalhekk tkun saħansitra oħħla li kieku kellha tīgħi kkunsidrata l-previżjoni tal-ġhadd ta' passiġġieri fil-Pjan ta' Żvilupp. Din l-analiżi *ex ante* mibnija mill-ġdid *ex post* tidher rägonevoli biex tindika l-prospetti ta' profitabbiltà *ex ante* tal-investiment fit-tagħmir tad-dawl fl-2008.
- (225) Il-Maniġer tal-Ajrūport ipprovda studju ta' profitabbiltà li nbena mill-ġdid *ex post* għall-investiment fit-terminal mhux ta' Schengen. Dan l-istudju sab VPN ta' EUR 2 536 094,92 u rata ta' redditu interna ta' 14,71 %. Ir-rata ta' skont użata kienet ta' 8,67 %. L-istudju *ex post* mibni mill-ġdid jassumi previżjoni differenti tat-traffiku tal-passiġġieri minn dik disponibbli *ex ante* fil-Pjan ta' Żvilupp. Dawn il-previżjonijiet tal-passiġġieri użati huma aktar konservattivi u n-numru stmat ta' passiġġieri huwa aktar baxx minn dak inkluż fil-Pjan ta' Żvilupp. Madankollu, il-Kummissjoni ma tistax tivverifika jekk is-suppożiż-zjoni li ġew ikkunsidrati huma dawk li setgħu kienu mistennija *ex ante*. Barra minn hekk, mhuwiex ċar kif il-kostijiet ta' investiment fl-istudju mibni mill-ġdid huma relatati mal-kostijiet ta' investiment preżunti fl-istudju ta' profitabbiltà *ex ante* li sar f'Ġunju 2008 (il-premessa (218)). Konsegwentement, mhuwiex possibbli li jiġi konkluż li s-suppożiż-zjoni li ġew ikkunsidrati huma dawk li kienu jkunu disponibbli qabel ma ngħata l-finanzjament pubbliku u għalhekk l-istudju mibni mill-ġdid ma jistax jiġi kkunsidrat bħala li jipprovd analiżi tal-profitabbiltà *ex ante* affidabbi għall-investiment fit-terminal mhux ta' Schengen.

#### 7.1.4.3. Konklużjoni dwar il-vantaġġ ekonomiku

- (226) Kif spjegat hawn fuq, il-Kummissjoni tikkunsidra li r-Rumanija aġixxiet f'konformità mal-MEOP meta investiet fil-proġetti ta' żvilupp ta' triq ta' aċċess u ta' parkeġġ fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara kif jidher fit-Table 3. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-finanzjament relataż ma' dan l-investiment ma tax-vantaġġ ekonomiku lill-Maniġer tal-Ajrūport.
- (227) Rigward it-tliet proġetti l-oħra ta' investiment (ir-restawr tat-taxiway u l-estensjoni tar-rampa, l-iż-żvilupp tat-terminal mhux ta' Schengen u t-tagħmir tad-dawl), il-Kummissjoni tikkonkludi li l-finanzjament pubbliku għal dawn it-tliet proġetti ta' investiment ipprovda vantaġġ ekonomiku lill-Maniġer tal-Ajrūport.

#### 7.1.5. Id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-impatt fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri

##### 7.1.5.1. Prinċpii

- (228) Meta l-għajnuna mogħtija minn Stat Membru ssahħħa il-pożizzjoni ta' impriżza mqabbla ma' impriżzi oħra li jikk kompetu fil-kummerċ fl-UE, dawn tal-aħħar għandhom jitqiesu bħala affettwati minn din l-għajnuna <sup>(43)</sup>.

<sup>(43)</sup> Is-Sentenza tat-30 ta' April 1998, *Het Vlaamse Gewest vs Il-Kummissjoni*, T-214/95, EU:T:1998:77 u s-Sentenza tas-17 ta' Settembru 1980, *Philip Morris vs Il-Kummissjoni*, C-730/79, EU:C:1980:209, il-paragrafu 11.

- (229) Billi l-operazzjoni ta' ajrupoport hija attivită ekonomika, minn naħa waħda, il-kompetizzjoni sseħħ bejn l-ajrupoporti sabiex jattiraw il-linji tal-ajru u t-traffiku tal-ajru korrispondenti (passiġġieri u merkanzija) u, min-naħa l-oħra, bejn il-maniġers tal-ajrupoporti, li jistgħu jikkompetu bejniethom sabiex jiġu fdati bil-ġestjoni ta' ajrupoport partikolari. Barra minn hekk, b'mod partikolari fir-rigward ta' trasportaturi bi prezzijsiet baxxi u operaturi ta' titjuriet noleġġati, ajrupoporti li ma jkunux jinsabu fl-istess żona ta' kummerċ jew saħansitra li jkunu jinsabu fi Stati Membri differenti jistgħu wkoll ikunu f'kompetizzjoni ma' xulxin sabiex jattiraw lil dawk il-linji tal-ajru.
- (230) Għalhekk, finanzjament pubbliku ta' ajrupoport jista' jwassal għal distorsjoni għall-kompetizzjoni bejn l-ajrupoporti. Il-kompetizzjoni bejn l-ajrupoporti tista' tīgi vvalutata fid-dawl tal-ġhażla tal-linji tal-ajru, u b'mod partikolari billi jitqabblu fatturi bħat-tip ta' servizzi tal-ajrupoport ipprovduti u l-klimenti kkonċernati, il-popolazzjoni jew l-attività ekonomika, il-konġestjoni, jekk hemmx aċċess bl-art, u l-livell ta' imposti għall-użu tal-infrastruttura u s-servizzi tal-ajrupoport (<sup>(44)</sup>).
- (231) Kif issemma fil-punt 40 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005 u kif affermat mill-ġdid fil-punt 45 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, lanqas ma huwa possibbli li jiġu eskużi ajrupoporti żgħar mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Barra minn hekk, il-punt 45 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 jiddikjara espliċitament li "d-daqiż relattivament żgħir tal-impriża li tirċievi finanzjament pubbliku ma jeskludix, bħala tali, il-possibbiltà li jista' jiġi affettwat il-kummerċ bejn l-Istati Membri."

#### 7.1.5.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

- (232) Fiż-żmien taħt valutazzjoni, l-Ajrupoport Internazzjonali ta' Timišoara kien it-tieni l-akbar ajrupoport fir-Rumanija (il-premessa (31)). Huwa ġarr madwar 900 000 passiġġier fis-sena. Dan jinsab fil-viċinanza tal-Ajrupoport ta' Arad li huwa 50 km 'il bogħod u sagħtejn 'il bogħod bil-karozza minn Caransebes (il-premessa (34)). Hemm titjiriet internazzjonali li jtiru mill-Ajrupoport Internazzjonali ta' Timišoara lejn partijiet oħra tal-Unjoni minn varjetà ta' linji tal-ajru differenti li joperaw ukoll minn ajrupoporti differenti fir-Rumanija u Stati Membri oħra. Ir-runway fl-Ajrupoport Internazzjonali ta' Timišoara hija twila biżżejjed u tippermetti lil-linji tal-ajru biex iservu destinazzjonijiet internazzjonali fuq rotot medji u, b'hekk, biex jattiraw lil-linji tal-ajru għad-detriment ta' ajrupoport simili oħra li jinsabu fi Stati Membri oħra. Il-vantaġġ ekonomiku mogħiġi mill-ghotnejet għal investiment dirett, f'dan il-każ l-l- Maniġer tal-Ajrupoport, saħħa il-pożizzjoni ekonomika tiegħi, billi l-Maniġer tal-Ajrupoport seta' jistabbilixxi n-negożju tiegħi mingħajr ma kellu jgħarrab il-kostijiet kollha ta' investiment inerenti.
- (233) Għalhekk, il-miżuri li qed jiġi vvalutati jridu jiġu kkunsidrati bħala li jistgħu jwasslu għal distorsjoni tal-kompetizzjoni u jaffettaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

#### 7.1.6. Konklużjoni dwar l-eżistenza ta' ghajjnuna mill-Istat

- (234) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-finanzjament pubbliku tal-iżvilupp ta' triq ta' aċċess u ta' żona tal-parkeġġ fl-2007 u tat-tagħmir ta' sigurtà fl-2008 ma jikkostitwixx ghajjnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.
- (235) Madankollu, il-Kummissjoni ssib li l-finanzjament pubbliku għall-iżvilupp tat-terminal mhux ta' Schengen, għat-titjib tat-taxiway u għall-estensjoni tar-rampa u għat-tagħmir tad-dawl jikkostitwixx ghajjnuna mill-Istat lill-Maniġer tal-Ajrupoport skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

#### 7.2. Tip ta' ghajjnuna: ghajjnuna eżistenti jew ġdida

- (236) Il-Kummissjoni tinnota li skont id-dispożizzjoniċċi tal-Anness V tal-Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija, (<sup>(45)</sup>) "l-iskemi ta' ghajjnuna u l-ghajjnuna individwali mogħiġi fis-settur tat-trasport, li bdew isseħħu fi Stat Membru ġdid qabel id-data tal-adeżjoni u li jkunu għadhom applikabbli wara dik id-data għandhom jiġi meqjusa bħala ghajjnuna eżistenti fis-sens tal-Artikolu 88(1) tat-Trattat KE soġġett għall-kondizzjoni li ġejja: il-miżuri ta' ghajjnuna għandhom jiġi komunikati lill-Kummissjoni fi żmien erba' xhur mid-data tal-adeżjoni [...] Dawn il-miżuri ta' ghajjnuna għandhom jitqiesu bħala ghajjnuna "eżistenti" skont it-tifsira tal-Artikolu 88(1) tat-Trattat tal-KE sal-aħħar tat-tielet sena mid-data tal-adeżjoni."
- (237) Minn dak li ntqal hawn fuq isegwi li fil-każ tar-Rumanija, ir-reġim previst fl-Anness V se jaapplika biss għal-ghajjnuna li tkun daħlet fis-seħħ qabel l-1 ta' Jannar 2007 u li kompliet sussegwentement jekk tali ghajjniet ikunu ġew ikkomunikati lill-Kummissjoni fi żmien erba' xhur mid-data tal-adeżjoni.

<sup>(44)</sup> Il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, il-punt 43.

<sup>(45)</sup> L-Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija u l-aġġustamenti lit-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea (ĠU L 157, 21.6.2005, p. 203).

- (238) Ir-Rumanija sostniet li l-finanzjament pubbliku għall-investimenti fl-Ajrupert Internazzjonali ta' Timișoara għall-2007 ġie approvat f-Novembru 2006, u għalhekk qabel l-adeżjoni tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea. Madankollu, minħabba li dawn il-miżuri ma ġewx elenktati fost il-miżuri kkomunikati lill-Kummissjoni skont il-proċedura dettaljata hawn fuq, dawn ma jistgħux jikkostitwixxu ghajjnuna eżistenti. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-finanzjament pubbliku għall-iżvilupp tat-terminal mhux ta' Schengen, għat-titjib tat-taxiway u għall-estensjoni tar-rampa u għat-tagħmir tad-dawl jikkostitwixxi ghajjnuna ġdida.

### 7.3. Legalità tal-ghajjnuna

- (239) Il-finanzjament pubbliku għall-iżvilupp tat-terminal mhux ta' Schengen, għat-titjib tat-taxiway u għall-estensjoni tar-rampa u għat-tagħmir tad-dawl ġie implementat mingħajr approvazzjoni formali minn qabel mill-Kummissjoni. Il-miżuri ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' eżenzjoni ta' kategorija mill-obbligu ta' notifika stabbilit fl-Artikolu 108 tat-Trattat. Dawn ġew implementati mir-Rumanija bi ksur tal-obbligli tagħha skont l-Artikolu 108(3) tat-TFUE.
- (240) Konsegwentement, dawn il-miżuri jikkostitwixxu ghajjnuna illegali mill-Istat.

### 7.4. Kompatibbiltà mas-suq intern

- (241) Il-finanzjament pubbliku għall-iżvilupp tat-terminal mhux ta' Schengen, għat-titjib tat-taxiway u għall-estensjoni tar-rampa u għat-tagħmir tad-dawl (Table 3) ingħata qabel l-4 ta' April 2014, li kienet id-data meta l-Linji Gwida dwar l-Avjażżjoni tal-2014 saru applikabbli. Skont il-Linji Gwida dwar l-Avjażżjoni tal-2014, il-Kummissjoni tappilika għall-ġħajjnuna għall-investimenti illegali lill-ajrupporti r-regoli li kienu fis-seħħi fiziż-żmien meta ngħat il-ġħajjnuna (⁴⁶).
- (242) Il-Linji Gwida dwar l-Avjażżjoni tal-2005 kienu fis-seħħi meta ngħata dan il-finanzjament tal-investiment. Għalhekk, il-Linji Gwida dwar l-Avjażżjoni tal-2005 japplikaw għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà ta' din l-ġħajjnuna għall-investiment.
- (243) Abbażi tal-punt 61 tal-Linji Gwida dwar l-Avjażżjoni tal-2005, il-Kummissjoni se tivaluta l-ġħajjnuna f'termini tal-kriterji li ġejjin:
- il-kostruzzjoni u l-operat tal-infrastruttura jilħqu objettiv ta' interess ġenerali definit b'mod ċar (żvilupp regionali, aċċessibbiltà, eċċ.);
  - l-infrastruttura hija meħtieġa u proprzjonata biex jintlaħaq l-objettiv li jkun ġie stabbilit;
  - l-infrastruttura għandha prospetti sodisfaċenti għall-użu fuq perjodu ta' żmien medju, b'mod partikolari firrigward tal-użu tal-infrastruttura eżistenti;
  - l-utenti potenzjali kollha tal-infrastruttura għandhom aċċess għaliha b'mod ugħalli u mhux diskriminatorju; u
  - l-iżvilupp tal-kummerċ mħuwiex affettwat sal-punt li jmur kontra l-interess tal-Unjoni.

#### 7.4.1. Kostijjet eliġibbli

- (244) Skont il-Linji Gwida dwar l-Avjażżjoni tal-2005, il-kostijjet eliġibbli għal-ġħajjnuna għall-investiment lil ajrupport għandhom ikunu limitati għall-kostijjet ta' investimenti relatati mal-infrastrutturi tal-ajrupport infuħhom (runways, terminals, rampi, eċċ.) jew faċilitajiet li jappoġġawhom direttament (faċilitajiet tat-tif- tan-nar, tagħmir ta' sikurezza jew ta' sigurta). Iżda l-kostijjet eliġibbli għandhom jeskludu l-kostijjet relatati mal-aktivitajiet kummerċjali mhux direttament marbuta mal-aktivitajiet bażiċi tal-ajrupport, bħall-kostruzzjoni, il-finanzjament, l-operat u l-kiri ta' spazji u proprjetà immobbli, mhux biss għal-uffiċċi u ħażna, iżda wkoll għal-lukandi u l-impriċi industrijni fl-ajrupport, kif ukoll il-ħwienet, ir-ristoranti u l-parkeġġi.
- (245) Il-kostijjet għall-investiment elenktati fit-Tabella 3, l-entrati nru 2, 3, 4, 5, 9, 12 u 13 huma eliġibbli għal-ġħajjnuna għall-investiment skont il-Linji Gwida dwar l-Avjażżjoni tal-2005 minħabba li huma parti mill-infrastruttura tal-ajrupport.

#### 7.4.2. Objettiv ta' interess ġenerali definit b'mod ċar

- (246) Il-Maniġer tal-Ajrupert isostni li l-intervent tiegħu wettaq objettiv ta' interess ġenerali definit b'mod ċar, jiġifieri l-iżvilupp reġjonali, l-aċċessibbiltà tar-reġjun u s-sikurezza tat-trasport bl-ajru (il-premessa (156)).

<sup>(⁴⁶)</sup> Il-Linji Gwida dwar l-Avjażżjoni tal-2014, il-punt 173.

- (247) B'mod partikolari, ir-Rumanija spjegat li l-investimenti matul il-perjodu 2007-2009 fir-restawr tat-taxiway u fl-estensjoni tar-rampa kienet ġġustifikati mill-ħtieġa li tittejjeb il-kapaċità operattiva tal-ajrūport matul l-eqvel ħinijiet meta l-kapaċità tat-taxiway u tar-rampa kienet ristretta, b'mod partikolari fid-dawl taż-żieda sinifikanti fit-traffiku mistennija sal-2015 (il-premessa (36)). Barra minn hekk, ir-Rumanija ddilkjarat li l-investimenti kienet wkoll xprunati minn raġunijiet ta' sikurezza tal-avjazzjoni, jiġifieri l-ħtieġa li jiġu separati ż-żoni tal-parkeġġ tal-inġenji tal-ajru u l-aċċess għal tali żoni tal-parkeġġ kif ukoll il-ħtieġa li tiġi żgurata s-sikurezza tal-inġenji tal-ajru pparkjati (il-premessa (86)).
- (248) Rigward l-iżvilupp tat-terminal mhux ta' Schengen, ir-Rumanija spjegat li inizjalment l-investimenti kellhom l-għan li jtejbu l-kapaċità tal-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara fid-dawl taż-żieda sinifikanti mistennija fit-traffiku tal-passiġġieri fil-perjodu sal-2015. Fil-mument tad-deċiżjoni li l-investiment jingħata fl-2006, il-kapaċità tat-terminal għet ikkunsidrata fil-limitu kritiku tagħha mill-perspettiva operazzjonali. It-traffiku tal-passiġġieri digħiż żid b'250 % matul il-perjodu 2001-2005 li jwassal għal konġestjoni fl-eqvel ħinijiet. It-terminal oriġinali mibni fl-1960 ma kienx maħsub biex jakkomoda livelli ta' traffiku bħal dawn (il-premessa (37)).
- (249) Ir-Rumanija spjegat li sussegwentement il-ħtieġa ta' aktar investimenti fit-terminal mhux ta' Schengen kienet immirata biex tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti ta' sigurtà sabiex it-terminal ikun jista' jirċievi titjuriet mhux ta' Schengen. F'dak iż-żmien ir-Rumanija kienet qed tistenna li tissieħeb fīż-żona Schengen fl-2011. B'mod partikolari, kien hemm il-ħtieġa li l-flusxi tal-passiġġieri jiġu separati bejn il-passiġġieri li jaġi miż-żona Schengen u dawk li ġejjin minn pajjiżi li mhumiex fīż-żona Schengen. Dan kien jiżgura wkoll li l-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara jkun jista' jżomm l-attività kummerċjali tiegħu fir-rigward kemm tat-titjuriet fīż-żona Schengen kif ukoll ta' dawk barra minnha wara l-addeżjoni tar-Rumanija maż-żona Schengen (il-premessa (88)).
- (250) Skont ir-Rumanija, il-finanzjament tal-2008 tal-investimenti ftagħmir tad-dawl kellu l-għan li juża aħjar l-infrastruttura eżistenti billi jippermetti nżul miż-żewġ direzzjonijiet minflok minn direzzjoni waħda fkaż ta' kundizzjonijiet ħżiena tat-temp. Dan kellu wkoll l-għan li jiżgura s-sikurezza tat-traffiku tal-ajru u s-sikurezza tal-passiġġieri u tal-inġenji tal-ajru (il-premessa (90)).
- (251) Fid-dawl tal-argumenti ta' hawn fuq, l-investimenti kienet maħsuba biex l-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara jkun jista' jaħħaq mal-limiti tal-kapaċità fl-eqvel ħinijiet li kienet jeżistu dak iż-żmien kif ukoll biex jakkomoda ż-żieda sinifikanti prevista fit-traffiku. Huma kienet maħsuba wkoll biex jippromwovu s-sigurtà tal-avjazzjoni u l-konformità ma' miżuri ta' sikurezza meħtieġa mir-regoli tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u l-kontroll tal-fruntieri ta' Schengen.
- (252) Barra minn hekk, it-traffiku mistenni ma setax jiġi assorbit minn ajrūporti tal-viċinat. L-eqreb ajrūport - l-Ajrūport ta' Arad - kellu traffiku limitat ħafna, kemm f'termini assoluti kif ukoll meta mqabbel mal-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara. L-għadd ta' passiġġieri fis-sena fl-Ajrūport ta' Arad varja bejn 67 183 u 128 835 fil-perjodu 2007 - 2009, filwaqt li t-traffiku fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara varja bejn 859 329 u 991 758 passiġġier fis-sena, mingħajr ebda korrelazzjoni bejn il-bidliet fin-numru ta' passiġġieri bejn dawk iż-żewġ ajrūporti (47). L-Ajrūport ta' Arad ma kellux il-kapaċitajiet fiziċċi biex jakkomoda ż-żieda prevista fit-traffiku tal-passiġġieri peress li l-kapaċità massima ta' passiġġieri tiegħu kienet inqas minn 200 000 passiġġier fis-sena.
- (253) L-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara kien it-tieni l-akbar ajrūport tar-Rumanija fil-perjodu li qed jiġi vvalutat u bħalissa huwa t-tielet l-akbar ajrūport tar-Rumanija. Skont il-Pjan ta' Żvilupp li jkopri l-perjodu ta' żmien 2006 - 2015, l-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara serva r-reġjun tar-Rumanija tal-Punent, wieħed mir-reġjuni l-aktar żviluppati fir-Rumanija. Huwa serva wkoll ir-reġjuni mil-Lvant tal-Ungaria kif ukoll mis-Serbia u mill-Montenegro (ewroreġjun DKMT) (48). Għalhekk, l-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara kellu rwol importanti għall-iżvilupp reġjonali. Fid-dawl tan-numru mistenni ta' passiġġieri għall-perjodu 2006 - 2015, mingħajr l-investimenti biex tiżdied il-kapaċità, l-iżvilupp ekonomiku tar-reġjuni koperti u l-aċċessibbiltà tagħhom kienet jiġi affettwati b'mod negattiv, b'mod partikolari minħabba l-fatt li l-ebda ajrūport ieħor fir-reġjun ma seta' jassorbi t-traffiku eżistenti jew mistenni. Barra minn hekk, ma kien hemm l-ebda linja ferrovjarja ta' veloċità għolja li tgħaddi minn Timišoara, u għalhekk ma kien hemm l-ebda kompetizzjoni intermodali għal xi waħda mir-rotot tal-ajru.

(47) In-nuqqas ta' korrelazzjoni tal-evoluzzjoni tat-traffiku tal-ajrūporti tal-viċinat kien ukoll kriterju użat fil-kawża SA.22614 (C 53/07) implimentata minn Franzia favur il-Kamra tal-Kummerċ u l-Industrija ta' Pau-Béarn, Ryanair, Airport Marketing Services u Transavia (ĠU L 201, 30.7.2015, p. 109), biex tiġi argumentata l-kompatibbiltà tal-għajnejha għall-ajrūport ta' Pau.

(48) L-Ewroreġjun Danubju-Criş–Mureş-Tisa (DMKT) huwa ewroreġjun li jinsab fl-Ungaria, fir-Rumanija u fis-Serbia. Huwa msemmi għall-erba' xmajjar taż-żona.

- (254) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tista' tikkonkludi li l-finanzjament li qed jiġi eżaminat ikkontribwixxa għall-aċċessibbiltà tar-reġjuni koperti u għall-iżvilupp ekonomiku reġionali u għalhekk serva objettiv definit sew ta' interessa komuni.

#### 7.4.3. Il-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-ghajjnuna

- (255) Skont il-Linji Gwida dwar l-Avazzjoni tal-2005, ma hemm l-ebda limitazzjoni tal-intensità tal-ghajjnuna għal-ghajjnuna għall-investiment. Il-finanzjament mill-Istat jinvolvi l-intensitajiet tal-ghajjnuna li ġejjin: 80,3 % għat-terminal mhux ta' Schengen, 86,73 % għat-titjib tat-taxiway u għall-estensjoni tar-rampa u 100 % għat-tagħmir tad-dawl.

**Tabella 11 Il-finanzjament tal-investimenti 2007-2009**

	2007		2008		2009		Total	
	Riżorsi propriji tal- ajrūport	Allokazzjo- nijiet baġitarji tal- Istat	Riżorsi propriji tal- ajrūport	Allokazz- jonijiet baġitarji tal-Istat	Riżorsi propriji tal- ajrūport	Allokazz- jonijiet baġitarji tal-Istat	Riżorsi propriji tal- ajrūport	Allokazzjo- nijiet baġitarji tal-Istat
Żvilupp tat- terminal mhux ta' Schengen	353 849,91	1 758 000,00	809 682,29	242 000	888 417,89	6 379 960	<b>2 051 950,09</b>	<b>8 379 960</b>
Titjib tat-taxiway u estensjoni tar- rampa tal-ingeni tal-ajru	469 548	6 846 000,00	2 323 854,71	10 236 650	184 252,34	2 387 990	<b>2 977 655</b>	<b>19 470 640</b>
Tagħmir tad- dawl				1 344 000			<b>0</b>	<b>1 344 000</b>
<b>Total</b>	<b>823 397,9</b>	<b>8 604 000</b>	<b>3 133 537</b>	<b>11 822 650</b>	<b>1 072 670</b>	<b>8 767 950</b>	<b>5 029 605</b>	<b>29 194 600</b>

Sors: Il-Maniġer tal-Ajrūport

- (256) Fid-dawl tal-profitti limitati tal-ajrūport u d-dividendi mħallsa lill-Istat Rumen matul il-perjodu 2007 - 2009 meta mqabbla mad-daqs tal-investimenti meħtieġa, huwa raġonevoli li wieħed jassumi li l-Maniġer tal-Ajrūport ma setax jagħmel kontribuzzjonijiet propriji oħla. Dan huwa konsistenti mad-diffikultajiet ġenerali fl-aċċess għall-finanzi fis-suq fil-perjodu li qed jiġi vvalutat minħabba l-kriżi finanzjarja li kienet għaddejha dak iż-żmien. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi wkoll li l-ajrūporti bi traffiku tal-passiġġieri annwali ta' mhux inqas minn 1 miljun passiġġier normalment ma jkunux kapaċi jkopru l-biċċa l-kbira tal-ispejjeż kapitali tagħhom.

- (257) Konsegwentement, il-finanzjament pubbliko kien meħtieġ sabiex ikunu jistgħu jsiru l-investimenti li jkun iffianżza. Fi kliem ieħor, dan kellu effett ta' incēntiv billi l-Maniġer tal-Ajrūport ma kienx jagħmel dawn l-investimenti mingħajr il-finanzjament mill-Istat jew mhux sal-istess punt. Barra minn hekk, dan jikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità billi l-Maniġer tal-Ajrūport seta' ma jżid il-kontribuzzjoni tiegħu għall-finanzjament ta' dawn l-investimenti b'mod sinifikanti.

#### 7.4.4. L-infrastruttura għandha prospetti sodisfaċenti għall-użu fuq perjodu ta' żmien medju

- (258) Skont il-Pjan ta' Żvilupp, matul il-perjodu 2001-2005, it-traffiku tal-passiġġieri u l-għadd ta' movimenti tal-ingeni tal-ajru żiddu b'250 %. Il-Pjan ta' Żvilupp ippreveda wkoll żieda fit-traffiku tal-passiġġieri minn 611 705 fl-2005 għal 1 661 332 fl-2010 u għal 2 565 494 passiġġier fl-2015. L-adeżjoni tar-Rumanija fl-UE fl-2007 kienet mistenni li iż-żżid it-traffiku b'16-18 %.
- (259) Għalhekk, dawn il-prospetti iġġustifikaw l-investimenti mmirati biex jakkomodaw it-traffiku mistenni. Konsegwentement, l-infrastruttura kellha prospetti sodisfaċenti għall-użu fuq perjodu ta' żmien medju meta ngħata l-finanzjament.

#### 7.4.5. Aċċess għall-infrastruttura b'mod ugħalli u mhux diskriminatorju

- (260) Ir-Rumanija kkonfermat li l-infrastruttura hija aċċessibbli għall-utenti kollha b'mod mhux diskriminatorju. L-unika restrizzjoni tal-użu tal-infrastruttura hija marbuta mal-limitazzjoni imposta mill-kapaċită ta' akkoljenza tar-rampa u tat-terminal. Għalhekk, din l-infrastruttura tista' tiġi aċċessata b'mod ugħalli u mhux diskriminatorju skont it-tifsira tal-Linji Gwida dwar l-Avazzjoni tal-2005.

**7.4.6. L-iżvilupp tal-kummerċ mhux affettwat sal-punt li jmur kontra l-interess tal-Unjoni**

- (261) L-eqreb ajruport -l-Ajruport ta' Arad- seta' ġie affettwat mill-finanzjament pubbliku fl-Ajruport Internazzjonali ta' Timišoara fil-perjodu li qed jiġi vvalutat. Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li diversi fatturi wasslu għal impatt kompetitiv limitat tal-finanzjament tal-Maniġer tal-Ajruport fl-Ajruport Internazzjonali ta' Timišoara.
- (262) L-Ajruport ta' Arad kelle kapaċità fiżika limitata għat-traffiku tal-passiġġieri. Kien biss fl-2014 li kien hemm pjanjiġiet biex tiġi estiża l-infrastruttura sabiex il-kapaċitajiet tat-terminal tal-passiġġieri joqorbu lejn jew jaqbżu bi fit il-livell limitu ta' 200 000 passiġġier fis-sena. Madankollu, anke tali żieda fil-potenzjal ma kinitx tkun taqbel mad-domanda prevista fil-Pjan ta' Żvilupp għall-Ajruport Internazzjonali ta' Timišoara.
- (263) In-numri attwali tat-traffiku jikkonfermaw ukoll li l-Ajruport ta' Arad kelle traffiku tal-passiġġieri limitat ħafna. It-traffiku fl-Ajruport ta' Arad kien jirrapreżenta biss 7,8 % tat-traffiku fl-Ajruport Internazzjonali ta' Timišoara fl-2007, 14,5 % fl-2008 u 8,8 % fl-2009. Barra minn hekk, l-evoluzzjoni tat-traffiku fiż-żewġ ajruporti ma tidhix korrelatata (<sup>49</sup>).
- (264) Għalhekk, iż-żieda sinifikanti mistennija fit-traffiku tal-passiġġieri prevista għall-Ajruport Internazzjonali ta' Timišoara ma setgħetx tiġi assorbita mill-Ajruport ta' Arad.
- (265) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkunsidra li d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni kkawżati mill-għajnuna kienu limitati u ma kinux jisbqu l-kontribuzzjoni tal-għajnuna għall-iżvilupp, għall-aċċessibbiltà u għas-sikurezza reġjonali.

**7.4.7. Konklużjoni dwar il-Miżura 1**

- (266) Għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessi (241) sa (265) ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-għajnuna mill-Istat għall-finanzjament tal-iżvilupp tat-terminal mhux ta' Schengen, tat-titjib tar-runway u tal-estensjoni tar-rampa tal-ingħnej tal-ajru u tat-tagħmir tad-dawl hija kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE.

**8. VALUTAZZJONI TAL-MIŻURA 2 – L-AIP TAL-2007, L-AIP TAL-2008 U L-AIP TAL-2010**

**8.1. Eżistenza ta' Ghajjnuna**

- (267) Il-prinċipji tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE kif stabbiliti fil-premessi (171) u (172) huma applikabbi wkoll għall-valutazzjoni tal-Miżura 2.

**8.1.1. L-attività ekonomika u l-kunċett ta' impriżza**

**8.1.1.1. Prinċipji**

- (268) Il-Kummissjoni l-ewwel għandha tistabbilixxi jekk il-Miżura 2 tapplikax għal impiżi skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Il-kunċett ta' impiżza jkopri kwalunkwe entità involuta f'attività ekonomika, irrispettivament mill-istatus legali tagħha u l-mod kif tiġi ffinanzjata (<sup>50</sup>). Kwalunkwe attività li tikkonsisti fl-offerta ta' oġġetti jew servizzi f-suq partikolari hija attività ekonomika (<sup>51</sup>).

**8.1.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti**

- (269) L-AIPs stabbilixxew l-imposti li jaapplikaw għal-linji tal-ajru għall-użu tal-infrastruttura tal-Ajruport.
- (270) Il-linji tal-ajru jipprovdu servizzi tat-trasport bl-ajru. Billi jipprovdu servizzi bħal dawn, il-linji tal-ajru qiegħdin iwettqu attività ekonomika u, għalhekk, jikkostitwixxu impiżza skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(<sup>49</sup>) Ara n-nota 32 f'qiegħ il-paġna.

(<sup>50</sup>) Is-Sentenza tat-18 ta' Ġunju 1998, *Il-Kummissjoni vs L-Italja*, C-35/96, EU:C:1998:303 u Höfner u Elser.

(<sup>51</sup>) Is-Sentenza tas-16 ta' Ġunju 1987, *Il-Kummissjoni vs L-Italja*, 118/85, EU:C:1987:283; Is-Sentenza tat-18 ta' Ġunju 1998, *Il-Kummissjoni vs L-Italja*, 35/96, EU:C:1998:303.

### 8.1.2. Riżorsi tal-Istat u imputabbiltà lill-Istat

#### 8.1.2.1. Prinċipji

- (271) Il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat japplika biss għal vantaġġi mogħtija direttament jew indirettament, permezz tar-riżorsi tal-Istat<sup>(52)</sup>. Ir-riżorsi tal-Istat jinkludu r-riżorsi kollha tas-settur pubbliku, <sup>(53)</sup> inkluż ir-riżorsi ta' entitajiet intra-Statali (deċentralizzati, federali, regionali jew oħrajn)<sup>(54)</sup> u, taħt ċerti ċirkostanzi, ir-riżorsi ta' korpi privati. L-oriġini tar-riżorsi mhuwiex rilevanti sakemm, qabel ma jiġu ttrasferiti direttament jew indirettament lill-benefiċċjarji, jiġu taħt kontroll pubbliku u għalhekk ikunu disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali, <sup>(55)</sup> anke jekk ir-riżorsi ma jsirux proprjetà tal-awtorità pubblika <sup>(56)</sup>.
- (272) Barra minn hekk, il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat japplika biss jekk l-għoti tal-vantaġġ ikun imputabbli lill-Istat, jiegħi f'idha mogħti mill-Istat innifsu jew minn kwalunkwe korp intermedjarju li jaġixxi permezz tas-setgħat mogħtija ilu.
- (273) Il-fatt li l-Istat jew entità tal-Istat huwa/hija l-azzjonist waħdieni jew maġġoritarju ta' impriżza mħuwiex bizzżejjed sabiex jinstab li trasferimenti tar-riżorsi minn dik l-impriżza huwa imputabbli lill-azzjonisti pubbliċi tiegħu<sup>(57)</sup>. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat ukoll li, anke jekk l-Istat ikun f'pożizzjoni li jikkontrolla impriżza pubblika u li jeżerċita influwenza dominanti fuq l-operat taġħha, l-eżerċitar propju ta' dak il-kontroll f'każ partikolari ma jistax jiġi preżunt b'mod awtomatiku. Impriżza pubblika tista' taġixxi b'aktar jew anqas indipendenza, skont il-grad ta' awtonomija mogħtija lilha mill-Istat.
- (274) Għalhekk, is-sempliċi fatt li impriżza pubblika taqa' taħt il-kontroll tal-Istat mħuwiex bizzżejjed sabiex miżuri meħuda minn dik l-impriżza jkunu imputabbli lill-Istat. Huwa wkoll neċċesarju li jiġi eżaminat jekk l-awtoritajiet pubbliċi għandhomx jitqiesu bħala li, b'xi mod jew ieħor, kienu involuti fl-adozzjoni ta' din il-miżura. Fdak ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li l-imputabbiltà għall-Istat ta' miżura meħuda minn impriżza pubblika tista' tiġi dedotta minn sett ta' indikatur li jirriżultaw miċ-ċirkostanzi tal-każ u l-kuntest li fih tkun ittieħdet dik il-miżura<sup>(58)</sup>.
- (275) Dawn l-indikaturi jistgħu jkunu l-integrazzjoni tal-impriżza fl-istrutturi tal-amministrazzjoni pubblika, in-natura tal-attivitàjiet taġħha u l-eżerċizzju ta' dawn fuq is-suq f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni ma' operaturi privati, l-istat legali tal-impriżza (fis-sens jekk din tkunx soġġetta għal-liġi pubblika jew għal-liġi ordinarja tal-kumpaniji), l-intensità tas-sorveljanza eżerċitata mill-awtoritajiet pubbliċi fuq il-manġġment tal-impriżza, jew kwalunkwe indikatur ieħor li juri, fil-każ partikolari, involviment mill-awtoritajiet pubbliċi fl-adozzjoni ta' miżura jew l-improbabbiltà li ma jkunux involuti, billi jitqies ukoll l-ambitu tal-miżura, il-kontenut taġħha jew il-kundizzjonijiet li tħalli<sup>(59)</sup>.

#### 8.1.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

- (276) F'dan il-każ, l-Istat eżerċita kontroll dirett jew indirett fuq ir-riżorsi inkwistjoni f'kull ħin rilevanti. Fiż-żmien meta l-AIP tal-2010 għet approvata, l-Ajrūport kien 80 % proprjetà diretta tal-Ministeru tat-Trasport tar-Rumanja, skont l-Artikolu 8 tal-Istatut tal-2008 (il-premessa (28)). Ir-riżorsi tal-Maniġer tal-Ajrūport kienu jaqgħu taħt il-kontroll tal-Istat u għalhekk kienu għad-dispożizzjoni tiegħu. Ir-Rumanja kienet kapaċi, billi eżerċitat l-influwenza dominanti taġħha fuq il-Maniġer tal-Ajrūport, tidderieġi l-użu tar-riżorsi taġħha sabiex vantaġġi

<sup>(52)</sup> Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Jannar 1978, *Van Tiggle*, 82/77, EU:C:1978:10, il-paragrafu 25 u 26; Is-Sentenza tat-12 ta' Diċembru 1996, *Air France vs Il-Kummissjoni ("Air France")*, T-358/94, EU:T:1996:194, il-paragrafu 63.

<sup>(53)</sup> Air France, il-paragrafu 56.

<sup>(54)</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Ottubru 1987, *Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni*, 248/84, EU:C:1987:437, il-paragrafu 17; Is-Sentenza tas-6 ta' Marzu 2002, *Territorio Histórico de Álava et vs Il-Kummissjoni*, Il-Kawżi Magħquda T-92/00 u 103/00, EU:T:2002:61, il-paragrafu 57.

<sup>(55)</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Lulju 2008, *Essent Netwerk Noord C-206/06*, EU:C:2008:413, il-paragrafu 70; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Mejju 2000, *Franza vs Ladbroke Racing Ltd u Il-Kummissjoni ("Ladbroke Racing")*, C-83/98 P, EU:C:2000:248, il-paragrafu 50.

<sup>(56)</sup> Air France, il-paragrafi 65, 66 u 67; Ladbroke Racing, il-paragrafu 50.

<sup>(57)</sup> Stardust Marine, il-paragrafu 51 *et seq.*

<sup>(58)</sup> Stardust Marine, il-paragrafu 52 u 55.

<sup>(59)</sup> Stardust Marine, il-paragrafu 56.

speċifiċi favur impriżi oħra. Barra minn hekk, meta l-AIP tal-2007 u l-AIP tal-2008 ġew approvati, (<sup>(60)</sup>) l-Istat Rumen kien l-uniku azzjonist tal-Maniġer tal-Ajrupert. Fuq il-bażi tal-Artikolu 7 tal-Istatut tal-1998 (il-premessha (28)), l-istokk kapitali inizjali kien sottoskrift għalkollox mir-Rumanija u mħallas kompletament fid-data li fiha ġie stabbilit l-Ajrupert Internazzjonali ta' Timišoara. Konsegwentement, ir-riżorsi tal-Maniġer tal-Ajrupert għandhom jiġu kkunsidrati bħala riżorsi tal-Istat għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

- (277) Fir-rigward tal-imputabbiltà lill-Istat Rumen, l-awtoritajiet Rumeni jargumentaw li l-Maniġer tal-Ajrupert jopera bħala investitur fekonomija tas-suq u li l-influwenza tal-Istat hija strettament limitata għar-rwol tiegħu bħala l-azzjonist tal-kumpanija skont il-memorandum ta' assoċċazzjoni tal-kumpanija u l-Att Nru 31/1990 dwar il-kumpaniji. Il-politika tal-ipprezzar tal-Maniġer tal-Ajrupert tiġi deċiża mill-Bord tad-Diretturi u l-manġġement eżekuttiv tal-Maniġer tal-Ajrupert skont il-memorandum ta' assoċċazzjoni tal-kumpanija.
- (278) Fir-rigward tas-superviżjoni tal-attivitajiet tal-Maniġer tal-Ajrupert mill-Istat, il-Kummissjoni tosserva li, l-assemblea Ġenerali tal-Azzjonisti hija magħmul minn rappreżentanti tal-azzjonisti, l-Istat Rumen, irrappreżentat mill-Ministeru tat-Trasport, li huwa l-uniku azzjonist skont l-Istatut tal-1998 u l-azzjonist maġġoritarju (bi 80 % tal-ishma) skont l-Istatut tal-2008, u huwa kompetenti biex jiddeċiedi dwar l-attivitajiet u l-politika ekonomika segwiti mill-Maniġer tal-Ajrupert. Fuq il-bażi tal-Artikolu 19 tal-Istatut tal-2008, id-deċiżjonijiet tal-assemblea Ġenerali tal-Azzjonisti għandhom jittieħdu bil-vot ta' numru ta' azzjonisti li jirrapreżentaw mill-inqas nofs il-kapital azzjonarju, mingħajr l-ebda drittijiet ta' mblukkar minn minoranza.
- (279) Skont l-Artikolu 20 tal-Istatut tal-2008, il-Maniġer tal-Ajrupert huwa amministrat minn Bord tat-Tmexxija magħmul minn seba' membri, li tnejn minnhom huma rappreżentanti tal-Ministeru tat-Trasport u wieħed huwa rappreżentant tal-Ministeru tal-Finanzi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li l-Bord tat-Tmexxija huwa magħżul mill-Assemblea Ġenerali tal-Azzjonisti (li fiha l-Istat kien azzjonist uniku skont l-Istatut tal-1998 u bħalissa għandu maġġoranza). Il-Bord tat-Tmexxija u l-President tiegħu huma maħtura b'ordni tal-Ministeru tat-Trasport.
- (280) Il-laqqhat tal-Bord tat-Tmexxija jistgħu jsiru fil-każ li jipparteċipaw mill-inqas nofs il-membri tal-bord u wieħed (<sup>(61)</sup>). Il-Bord tat-Tmexxija għandu jiddelibera fil-preżenza ta' mill-inqas żewġ terzi tan-numru tal-membri tiegħu u għandu jadotta deċiżjonijiet b'maġġoranza tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija (<sup>(62)</sup>).
- (281) Il-President tal-Bord tat-Tmexxija jwettaq ukoll dmirijiet ta' direttur maniġerjali tal-Maniġer tal-Ajrupert. L-istruttura organika u l-katina tal-influwenza huma indikatur ulterjuri tal-imputabbiltà tal-approvazzjoni tal-iskeda ta' imposti u skontijiet lill-Istat. Fi kwalunkwe każ, u tal-inqas, l-Istat inżamm kontinwament informat dwar l-evoluzzjoni relatata mal-iskeda ta' imposti u skontijiet permezz ta' dawn il-membri tal-Bord tat-Tmexxija.
- (282) Barra minn hekk, fuq il-bażi tal-punt 2 tal-Artikolu 2 tal-Istatut tal-1998, il-Maniġer tal-Ajrupert għandu bħala l-ġhan ewljeni tiegħu l-attivitajiet ta' interessa pubbliku nazzjonali. Skont l-Artikolu 5 tal-Istatut tal-1998, il-Maniġer tal-Ajrupert huwa korp tekniku speċjalizzat maħtur mill-Ministeru tat-Trasport biex iwettaq prinċipalment attivitajiet ta' interessa pubbliku nazzjonali sabiex, skont il-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitā tiegħu, iwettaq beneficiji, servizzi, xogħlijiet għall-amministrazzjoni u l-isfruttament ta' assi li jappartjenu jew li huma propriedà tal-Istat jew jinkrew minnu, bil-ħsieb tat-traffiku nazzjonali u internazzjonali tal-ingħenji tal-ajru, filwaqt li jiżgura t-tranżitu ta' persuni u ta' ogħetti.
- (283) Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Kummissjoni tikkunsidra li hemm biżżejjed indikaturi sabiex jinstab li l-AIP tal-2007, l-AIP tal-2008 u l-AIP tal-2010 huma imputabbli lill-Istat.

<sup>(60)</sup> Ġie ċċarat mir-Rumanija, li l-AIP tal-2007 u l-AIP tal-2008 ġew approvati mill-Bord tad-Diretturi tal-Maniġer tal-Ajrupert madwar xahrejn qabel id-dħul fis-seħħ ta' kull AIP rispettivament.

<sup>(61)</sup> L-Artikolu 20, il-punt 9 tal-Istatut tal-1998.

<sup>(62)</sup> L-Artikolu 20, il-punt 10 tal-Istatut tal-1998.

### 8.1.3. Selettività

#### 8.1.3.1. Princípiji

- (284) Sabiex taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, miżura tal-Istat trid tiffavorixxi lil "ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti". B'hekk, huma biss dawk il-miżuri li jiffavorixxu lill-impriżi li jagħtu vantaġġ b'mod selettiv li jaqgħu taħt il-kunċett ta' għajjnuna mill-Istat.
- (285) Hija ġurisprudenza stabbilita li l-valutazzjoni tal-kundizzjoni ta' selettività tirrikjedi li jiġi ddeterminat jekk, fil-kuntest ta' sistema legali partikolari, miżura nazzjonali tkunx ta' natura li tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti meta mqabbla ma' oħra jnli, fid-dawl tal-ġhan imfitteż minn din is-sistema, ikunu jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u ġuridika paragħunabbli. L-eżami tas-selettività jirrikjedi definizzjoni minn qabel tal-qafas ta' referenza li fih tidħol il-miżura kkonċernata<sup>(63)</sup>. Miżura tkun selettiva "biss [...] jekk, fil-kuntest ta' sistema legali partikolari, hija jkollha l-effett li tagħti vantaġġ lil ċerti impriżi meta mqabbla ma' oħra jnli jaappartjenu lil setturi oħra jew lill-istess settur u li, fir-rigward tal-ġhan imfitteż minn din is-sistema, ikunu jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u ġuridika komparabbli."<sup>(64)</sup> Il-kunċett ta' għajjnuna mill-Istat ma jirreferix għal miżuri tal-Istat li jagħmlu distinzjoni bejn impriżi jekk din id-differenzjazzjoni tirriżulta min-natura jew l-istruttura ġenerali tas-sistema li jiffurmaw parti minnha<sup>(65)</sup>.
- (286) Miżura li permezz tagħha impriżja pubblika tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-użu tal-oġġetti jew tas-servizzi tagħha mhux neċċessarjament dejjem tkun miżura selettiva għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE<sup>(66)</sup>. L-Artikolu 107(1) tat-TFUE ma jagħmilx distinzjoni bejn miżuri ta' intervent mill-Istat b'referenza għall-kawżi jew l-ġhannejiet tagħhom, iżda jiddefinixxihom skont l-effetti tagħhom, u għaldaqstant indipendentement mit-tekniki użati<sup>(67)</sup>.

#### 8.1.3.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

- (287) L-AIP tal-2007, l-AIP tal-2008 u l-AIP tal-2010 ippordew għal sistema ta' rati bażi għall-imposti tal-ajrūport (il-premessi (41) u (44) rispettivament). Barra minn hekk, l-AIP tal-2007, l-AIP tal-2008 u l-AIP tal-2010 inkludew ukoll skontijiet u ribassi fuq l-imposti skont in-numru ta' nżul għal kull perjodu ta' żmien partikolari, in-numru ta' passiġġieri, il-piż tal-ingħenju tal-ajru u/jew it-tip ta' rottu koperta (il-premessi (42) sa (43), (46) sa (48) u (49) rispettivament).
- (288) L-AIP tal-2007, l-AIP tal-2008 u l-AIP tal-2010 ġew proposti, ivvalutati u stabbiliti mill-manġġment eżekuttiv tal- Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara u ġew approvati mill-Bord tad-Diretturi (il-premessa (40)). Dan jikkonforma mar-rekwiżit li l-operatur ta' ajrūport, li jeżerċita setgħa tiegħi stess, ifassal l-iskala tat-tariffi tal-ajrūport applikabbli għal dak l-ajrūport<sup>(68)</sup>. Għalhekk, il-qafas legali applikabbli kien l-imposti, l-iskontijiet u r-ribassi tal-ajrūport applikabbli fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara stabbiliti mill-AIP tal-2007, mill-AIP tal-2008 u mill-AIP tal-2010 rispettivament.
- (289) Għalhekk, il-qafas ta' referenza rilevanti biex jiġi eżaminat jekk l-AIP tal-2007, l-AIP tal-2008 u l-AIP tal-2010 kellhomx l-effett li jiffavorixxu ċerti linji tal-ajru meta mqabbla ma' oħra li kienu f'sitwazzjoni fattwali u ġuridika paragħunabbli kien dak tar-reġim applikabbli għall-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara biss.
- (290) Is-sistema ta' imposti tal-ajrūport u l-iskontijiet u r-ribassi kienu applikabbli għal-linji tal-ajru kollha li jużaw, jew li jistgħu jużaw, l-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara li ssodisfaw il-kundizzjonijiet deskritti fl-AIP tal-2007, fl-AIP tal-2008 jew fl-AIP tal-2010 rispettivament.
- (291) Il-Kummissjoni analizzat ukoll jekk l-iskontijiet previsti mill-AIP tal-2007, mill-AIP tal-2008 jew mill-AIP tal-2010 rispettivament kinux selettivi billi ffavorixxew ċerti linji tal-ajru li jużaw l-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara għad-detriment ta' linji tal-ajru oħra li jkunu qed jaqħmlu użu minnu.

<sup>(63)</sup> Is-Sentenza tal-Qorti (Awla Manja) tal-21 ta' Diċembru 2016, *Il-Kummissjoni vs Hansestadt Lübeck ("Lübeck")*, C-524/14 P, EU:C:2016:971, il-paragrafu 40-67.

<sup>(64)</sup> Lübeck, il-paragrafu 58.

<sup>(65)</sup> Lübeck, il-paragrafi 40-67 u l-ġurisprudenza ċċitat fiha.

<sup>(66)</sup> Ibid.

<sup>(67)</sup> Ibid. Is-Sentenza tal-15 ta' Novembru 2011, *Il-Kummissjoni u Spanja vs Government of Gibraltar u Ir-Renju Unit*, C-106/09 P u C-107/09 P, EU:C:2011:732, il-paragrafu 87 u l-ġurisprudenza ċċitat fiha.

<sup>(68)</sup> Lübeck, il-paragrafu 61.

- (292) L-iskontijiet applikabbli kienu fuq skala flessibbli, bl-inqas skont ikun ta' 10 % għal 250 – 500 inżul fis-sena, jiġifieri madwar 5 inżul fil-ġimgħa. Il-Kummissjoni tinnota li fil-perjodu li qed jiġi vvalutat, minbarra Wizz Air, kien hemm numru ta' linji tal-ajru oħra li joperaw fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara li fil-flotta tagħhom kollhom ingeġi tal-ajru tad-daqsqijet rilevanti u/jew biżżejjed frekwenzi u għalhekk, ibbenefikaw jew setgħu bbenefikaw mill-iskontijiet rilevanti.
- (293) Minn dan isegwi li s-sistema ta' imposti tal-ajrūport u l-iskontijiet kienu applikabbli b'mod mhux diskriminatoryu.
- (294) Għalhekk, ir-rata bażi, l-iskontijiet u r-ribassi stabbiliti fl-AIP tal-2007, l-AIP tal-2008 u l-AIP tal-2010 ma kinux selettivi.
- (295) Il-Kummissjoni tinnota li din il-konklużjoni tapplika biss fir-rigward tal-imposti, l-iskontijiet u r-ribassi li jirriżultaw direttament mill-AIP tal-2007, mill-AIP tal-2008 u mill-AIP tal-2010. Hija ma tapplikax għal kwalunkwe imposta, skont jew ribass pprovduti abbażi ta' ftehimiet individwalizzati mal-linji tal-ajru, jekk ikun hemm.

#### 8.1.3.3. Konklużjoni dwar is-selettività

- (296) Minn dak li ntqal hawn fuq isegwi li l-Miżura 2 ma tissodisfax il-kundizzjoni ta' selettività tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.
- (297) Il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE huma kumulattivi. Jekk waħda minnhom ma tkunx issodisfata minn miżura li tkun qed tīgi vvalutata, tali miżura ma tikkostitwixx ghajjnuna mill-Istat.
- (298) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Miżura 2 ma kinitx tikkostitwixxi ghajjnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE billi ma kinitx selettiva.
- (299) Il-Kummissjoni tinnota li d-Deċiżjoni tal-Ftuħ qajmet il-kwistjoni li l-AIPs jistgħu jkunu inkompatibbli mas-suq intern minħabba trattament diskriminatoryu potenzjali bejn tipi differenti ta' passiġġieri. Dan il-prinċipju jaġplika għal miżuri li jikkostitwixxu ghajjnuna mill-Istat u jżommhom milli jinstabu kompatibbli skont ir-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat<sup>(69)</sup>. Bħal fil-każ attwali l-AIPs jinstabu li ma jikkostitwixxu ghajjnuna mill-Istat, b'hekk muhuwieq meħtieġ li jiġi analizzat aktar l-element ta' konnessjoni indissolubbli li tqajjem fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ.

### 9. VALUTAZZJONI TAL-MIŻURA 3 - FTEHIMIET TAL-2008 MA' WIZZ AIR

#### 9.1. Eżistenza ta' Ghajjnuna

- (300) Il-prinċipji tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE kif stabbiliti fil-premessi (171) u (172) huma applikabbli wkoll għall-valutazzjoni tal-Miżura 3, li tikkonċerna l-Ftehimiet tal-2008 bejn il-Maniġer tal-Ajrūport u Wizz Air.

##### 9.1.1. L-attività ekonomika u l-kunċett ta' impriżza

- (301) Wizz Air hija linja tal-ajru. Hija tipprovd servizzi skedati għat-trasport bl-ajru tal-passiġġieri u twettaq attività ekonomika. Għalhekk, hija tikkostitwixxi impriżza skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

##### 9.1.2. Riżorsi tal-Istat u imputabbiltà lill-Istat

###### 9.1.2.1. Prinċipji

- (302) Il-prinċipji spjegati fil-premessi (271) sa (275) huma applikabbli wkoll għal din il-miżura.

###### 9.1.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

- (303) Għar-riżorsi tal-Istat, jaġplika l-istess kif iddikjarat fil-premessa (276).

<sup>(69)</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-15 ta' Ġunju 1993, Matra vs Il-Kummissjoni, C-225/91, EU:C:1993:239.

- (304) Fir-rigward tal-imputabbiltà tal-Ftehimiet tal-2008 li ġew iffirmati matul il-validità tal-istatut tal-Ajrupert tal-1998, ir-raġunament fil-premessi (277) sa (279) għall-AIP tal-2007, għall-AIP tal-2008 u għall-AIP tal-2010 japplika *mutatis mutandis*.
- (305) Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Kummissjoni ssib li l-konklużjoni tal-Ftehimiet tal-2008 bejn Wizz Air u l-Maniġer tal-Ajrupert hija imputabbli lill-Istat.

### 9.1.3. Selettività

#### 9.1.3.1. Prinċipji

- (306) Il-prinċipji spjegati fil-premessa (199) huma applikabbi wkoll għal din il-miżura.

#### 9.1.3.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

- (307) F'dan il-każ, il-Ftehimiet tal-2008 ġew konklużi ma' impriża waħda - Wizz Air biss. Għalhekk, il-Miżura 3 kienet selettiva skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

### 9.1.4. Vantaġġ ekonomiku

#### 9.1.4.1. Prinċipji

- (308) Il-prinċipji dwar vantaġġ ekonomiku skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE stabbiliti fil-premessi (202) sa (206) japplikaw għal arranġamenti bejn l-ajruperti u l-linji tal-ajru. L-applikazzjoni tal-Prinċipju tal-MEO għal arranġamenti bħal dawn hija spiegata aktar fil-Linji Gwida dwar l-Avjażżjoni tal-2014 (70).
- (309) Fis-sitwazzjoni speċifika tal-ajruperti u tal-linji tal-ajru, il-Kummissjoni tivvaluta jekk id-disponibbli tar-riżorsi pubbliċi għall-ajrupert tagħixx vantaġġ lil-linji tal-ajru li jużaw dak l-ajrupert. Tali għajxnuna lil linja tal-ajru li tuża l-ajrupert tista', fil-prinċipju, tiġi eskuża meta r-relazzjoni bejn l-ajrupert u dik il-linja tal-ajru tissodisfa t-test tal-MEO.
- (310) Skont il-Linji Gwida dwar l-Avjażżjoni tal-2014, permezz tal-MEOP, l-ghajjnuna lil linja tal-ajru li tuża ajrupert tista', fil-prinċipju, tiġi eskuża meta:
- (1) il-prezz mitlub għas-servizzi tal-ajrupert ikun jikkorrispondi għall-prezz tas-suq, jew
  - (2) ikun jista' jintwera permezz ta' analiżi *ex ante*, jiġifieri analiżi bbażata fuq id-data li kienet disponibbi fil-mument li ġew deċiżi l-miżuri inkwistjoni, li l-arranġament mal-ajrupert/linja tal-ajru jista' jkun mistenni li jwassal għal kontribut pożittiv ta' profit inkrementali għall-ajrupert.

- (311) Fir-rigward tal-ewwel approċċ deskrift fil-premessa (310) (jiġifieri tqabbil tal-prezz mitlub għas-servizzi tal-ajrupert mal-prezz tas-suq), skont il-Linji Gwida dwar l-Avjażżjoni tal-2014, l-identifikazzjoni ta' valur referenzjarju tirrikjedi, l-ewwel nett, li jkun jista' jintgħażel numru suffiċċenti ta' ajruperti komparabbli li jipprovd servizzi komparabbli taħt kundizzjonijiet normali tas-suq. F'dan ir-rigward il-Kummissjoni tinnota li għalissa, maġġoranza kbira ta' ajruperti fl-Unjoni tibbenfika minn finanzjament pubbliku sabiex tkopri l-kostijiet tal-investiment u dawk operatorji. Ajruperti li huma proprjetà pubblika kienu tradizzjonalment kkunsidrati mill-awtoritatjiet pubbliċi bħala infrastrutturi biex jiffaċilitaw l-iżvilupp lokali u mhux bħala impriżi li joperaw skont ir-regoli tas-suq. Il-prezzijiet ta' dawn l-ajruperti konsegwentement ma jkunux ġeneralment definiti fir-rigward ta' kunsiderazzjonijiet tas-suq u b'mod partikolari prospetti ta' profitabilità *ex ante* tajiba, iżda essenzjalment fil-kunsiderazzjonijiet soċjali jew reġionali. Anke jekk ċerti ajruperti jkunu proprjetà privata jew ġestiti mingħajr kunsiderazzjonijiet soċjali jew regionali, il-prezzijiet mitluba minn dawn l-ajruperti jistgħu jkunu influwenzati bis-sħiħ mill-prezzijiet imposti mill-maġġoranza ta' ajruperti ssussidjati pubblikament minħabba li l-prezzijiet ta' dawn tal-aħħar jiġu kkunsidrati mil-linji tal-ajru matul in-negożjati tagħhom mal-ajruperti li jkunu proprjetà privata jew ġestiti b'mod privat. F'dawk iċ-ċirkostanzi, il-Kummissjoni esprimiet id-dubbi tagħha fil-Linji Gwida dwar l-Avjażżjoni tal-2014 jekk bħalissa, jistax jiġi identifikat valur referenzjarju xieraq biex jiġi stabbilit prezz tas-suq realistiku għal servizzi pprovduti mill-ajruperti (71).

(70) Il-Linji Gwida dwar l-Avjażżjoni tal-2014, il-punt 53.

(71) Il-Linji Gwida dwar l-Avjażżjoni tal-2014, il-punt 59.

- (312) Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni tikkunsidra li eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva għandu jkun ibbażat fuq tqabbil tal-imposti tal-ajruporti, eskluż kwalunkwe benefiċju pprovdut lil-linja tal-ajru (bħal sostenn għall-kummerċjalizzazzjoni, skontijiet jew kwalunkwe incēntiv ieħor), madwar numru suffiċjenti ta' "ajruporti komparaturi" adattati, li l-manigħers tagħhom jaġixxu bħala Manigħers tal-Ajruport f'ekonomija tas-suq. B'mod partikolari, għandhom jintużaw l-indikaturi li ġejjin: il-volum tat-traffiku; it-tip ta' traffiku (fuq xogħol jew btala jew destinazzjoni 'il barra); l-importanza relativa tal-merkanzija u l-importanza relativa tad-dħul li jirriżulta mill-attivitàjet mhux ajrunawtiċi tat-tip ta' ajruport u l-livell tas-servizzi tal-ajruport ipprovdu; il-viċinanza tal-ajruport għal belt kbira, in-numru ta' abitanti fiż-żona ta' kummerċ tal-ajruport; il-prosperità taż-żona tal-madwar (PDG per capita); iż-żoni ġeografiċi differenti li jistgħu jattiraw lill-passiġġieri.
- (313) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tikkunsidra l-analiżi tal-profitabbiltà inkrementali *ex ante* bħala l-aktar kriterju rilevanti għall-valutazzjoni tal-arranġamenti konklużi mill-ajruporti ma' linji tal-ajru individwali.
- (314) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkunsidra li arranġamenti konklużi bejn il-linji tal-ajru u ajruport jisgħu jitqiesu li jissodisfaw it-test tal-MEOP meta dawn jikkontribwixxu b'mod inkrementali, minn perspettiva *ex ante*, għall-profitabbiltà tal-ajruport, tal-inqas fuq medda twila ta' żmien (<sup>72</sup>). L-ajruport irid juri li, meta jikkonkludi arranġament ma' linja tal-ajru (pereżempju, kuntratt individwali jew skema ġenerali tal-imposti tal-ajruport), huwa jkun kapaċi jkopri l-kostijiet kollha li jirriżultaw mill-arranġament, tul id-durata tal-arranġament, b'marġni ta' profit rägonevoli fuq il-bażi ta' prospetti sodi fuq perjodu ta' żmien medju (<sup>73</sup>).
- (315) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tikkunsidra li d-differenzazzjoni tal-prezz hija prassi standard tan-negożju, sakemm tkun konformi mal-leġiżlazzjoni rilevanti kollha dwar il-kompetizzjoni u dik settorjali. Madanakollu, tali politiki ta' pprezzar iddifferenzjat jenħtieġ li jkunu ġustifikati mil-lat kummerċjali b'tali mod li jissodisfaw it-test tal-MEOP (<sup>74</sup>).

#### 9.1.4.2. Valutazzjoni konġunta tal-Ftehimiet tal-2008

- (316) Il-Kummissjoni tikkunsidra li għall-fini tal-applikazzjoni tal-MEOP, il-Ftehimiet tal-2008 iridu jiġu vvalutati flimkien bħala miżura waħda. Hemm diversi indikazzjonijiet għalfejn dan jenħtieġ li jkun il-każ.
- (317) L-ewwel nett, il-ftehimiet ġew konklużi mill-istess partijiet.
- (318) It-tieni, il-Memorandum ta' Qbil mill-25 ta' Ġunju 2008 jelenka l-kamp ta' applikazzjoni tas-servizzi li għandhom jiġu pprovduti mill-Maniġer tal-Ajruport kif ukoll is-servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni li għandhom jiġu pprovduti minn Wizz Air. Il-Memorandum ta' Qbil jipprevedi l-istess formula għall-kalkolu tat-tariffa tal-kummerċjalizzazzjoni u l-istess ammont miż-żmura għal kull passiġġier li jitlaq bħala l-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni tat-30 ta' Lulju 2008. Konsegwentement, il-Memorandum ta' Qbil u l-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni huma marbuta mill-qrib u direttament f'termini ta' kontenut. Il-Memorandum ta' Qbil jipprovdi wkoll il-prinċipji ġenerali ta' kooperazzjoni bejn il-Maniġer tal-Ajruport u Wizz Air li sussegwentement huma spjegati f'termini aktar operazzjonali fil-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni, il-Ftehim Operazzjonali u l-GHA. Il-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni jagħmel ukoll referenza diretta għall-Memorandum ta' Qbil fil-preamble tiegħu (il-premessa (55)). Il-Memorandum ta' Qbil ġie eventwalment sostitwit mill-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni, mill-Ftehim Operazzjonali u mill-GHA.
- (319) It-tielet, il-Ftehim Operazzjonali u l-GHA ġew iż-żiġi iffirmati fl-istess jum (l-1 ta' Awwissu 2008) għall-istess perjodu ta' żmien, jiġifieri mill-11 ta' Diċembru 2008 sal-10 ta' Diċembru 2009, b'tiġdid awtomatiku għal 12-il xahar ieħor f'kull anniversarju tad-dħul fis-seħħ tiegħu, u mingħajr il-possibbiltà li jintemmu qabel it-tielet anniversarju tal-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni. Il-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni wkoll daħal fis-seħħ fl-istess jum, jiġifieri fil-11 ta' Diċembru 2008 (il-premessa (54)).

(<sup>72</sup>) Il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, il-punt 66.

(<sup>73</sup>) Il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, il-punt 63.

(<sup>74</sup>) Il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, il-punt 62.

- (320) Ir-raba', il-Ftehimiet tal-2008 kienu marbutin ma' xulxin. Il-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni jagħmel diversi referenzi għall-Ftehim Operazzjonali u għall-GHA: i) il-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni ppreveda li l-partijiet setgħu jitterminaw immedjatament il-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni jekk il-Ftehim Operazzjonali jkun skada mingħajr tiġid jew ikun ġie tterminat; ii) il-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni stipula li l-partijiet setgħu jitterminaw immedjatament il-Ftehim Operazzjonali u l-GHA mingħajr ebda dannu meta l-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni jkun skada jew ikun ġie tterminat; iii) il-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni stipula li fkaż ta' żieda fl-imposti regolati fil-Ftehim Operazzjonali jew fil-GHA, jenħtieġ li t-tariffa tal-kummerċjalizzazzjoni tiġi modifikata b'mod ugħwali għall-bidla fl-imposti tal-ajruport (il-premessa (59)).
- (321) Abbażi tal-argumenti ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Memorandum ta' Qbil, il-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni, il-Ftehim Operazzjonali u l-GHA mhumiex separabbi. Għalhekk, il-Kummissjoni ssib li jeħtieġ li jiġu analizzati flimkien il-Ftehimiet tal-2008, bl-għan li jiġi ddeterminat jekk tali tranżazzjoni tikkostitwixx għajnejha mill-Istat.

#### 9.1.4.3. Applikazzjoni tal-prinċipji għall-każ preżenti

- (322) Fil-każ preżenti, sabiex tiddetermina jekk il-Ftehimiet tal-2008 tawx vantaġġ lil Wizz Air li kieku ma kinitx tikseb taħt kundizzjonijiet normali tas-suq, il-Kummissjoni trid teżamina jekk fċirkustanzi simili ajruport li jopera fkundizzjonijiet normali tal-ekonomija tas-suq u għwidat minn prospetti ta' profitabbiltà fit-tul (<sup>(7)</sup>) kienx jidħol fl-istess arranġament kummerċjali jew ieħor simili ma' linja tal-ajruport. Il-Kummissjoni trid tpoġġi lilha nnifisha fiż-żmien meta ttieħdet id-deċiżjoni biex jiġu konklużi l-Ftehimiet tal-2008 bejn il-Maniġer tal-Ajruport u Wizz Air u tibbaża l-valutazzjoni tagħha fuq l-informazzjoni u s-suppożizzjoni jiet li kienu għad-dispożizzjoni tal-Maniġer tal-Ajruport f'dak iż-żmien.
- (323) Fir-rigward tal-analiżi tal-MEO applikabbli, Wizz Air sostniet li t-taqabbil mal-approċċ tal-prezz tas-suq, jiġifieri l-ewwel approċċ spjegat fil-premessa (310)(1), jenħtieġ li jaapplika għal dan il-każ flimkien mat-tieni approċċ (jiġifieri analiżi tal-profitabbiltà fil-premessa (310)(2)).
- (324) Wizz Air ippreżentat rapport imħejji minn Oxera dwar il-“Valutazzjoni ekonomika tal-MEIP” datat is-27 ta' Ottubru 2011, li fih l-imposti mħallsa minn Wizz Air fl-Ajruport Internazzjonali ta' Timišoara tqabblu mal-imposti mħallsa minn Wizz Air fi tliet ajruporti fir-Renju Unit, li Oxera kkunsidrat bħala ajruporti komparabbli: l-ajruporti ta' Liverpool, ta' Prestwick u ta' Doncaster. L-analiżi fl-istudju hija bbażata fuq id-data pprovduta mill-Maniġer tal-Ajruport u minn Wizz Air. Skont l-istudju ta' Oxera, dawn l-ajruporti x'aktarx iġib ruħhom skont l-istruttura ta' sjeda u ta' finanzjament tagħhom bħala ajruporti ta' “investitur privat”. L-istudju ppreżenta wkoll tqababil bejn il-karatteristiċi ġenerali tal-Ajruport Internazzjonali ta' Timišoara u t-tliet ajruporti komparabbli (eż. id-daqs tal-popolazzjoni tal-belt ta' oriġini, id-distanza mill-belt ta' oriġini, il-popolazzjoni tal-akbar belt f'distanza ta' 150 km, l-eqreb ajruport kbir), id-daqs tal-miżuri fil-livell tal-introjtu skont il-PDG per capita kif ukoll il-pagi medji ta' kull ġimgħa, ix-xejret fin-numri tat-traffiku, id-dħul tal-ajruporti kkonċernati u l-istatus ta' finanzjament (jiġifieri jekk dan ir-ċiviekk finanzjament pubbliku jew le). Ir-rapport ikkalkola l-imposti mħallsa minn Wizz Air fl-Ajruport Internazzjonali ta' Timišoara meta mqabbla mat-tliet ajruporti tar-Renju Unit (l-analiżi kkunsidrat imposti differenti fl-erba' ajruporti eskużi l-benefiċċji pprovduti lil Wizz Air). L-analiżi ppreżentat l-imposti totali mħallsa minn Wizz Air fl-Ajruport Internazzjonali ta' Timišoara u fl-ajruporti komparaturi espressi feuro għal kull tlugħ u nżul u feuro għal kull passiġġier. Fuq dik il-bażi, din sabet li l-livell globali tal-imposti mħallsa minn Wizz Air fl-Ajruport Internazzjonali ta' Timišoara matul il-perjodu 2008 - 2011, espressi kemm fuq bażi ta' kull tlugħ u nżul kif ukoll fuq bażi ta' kull passiġġier, huwa oħla bħala medja mil-livell medju komparabbli ta' imposti mħallsa mil-linjal tal-ajruporti komparaturi. Skont ir-rapport ta' Oxera, il-prezzijiet aktar baxxi mħallsa minn Wizz Air fl-ajruporti komparaturi jissuġġerixxu li investitur privat x'aktarx kien jidħol f-kuntratt fuq it-termi tal-ftehim bejn il-Maniġer tal-Ajruport u Wizz Air.
- (325) Rigward ir-rapport ta' Oxera li qabbel l-Ajruport Internazzjonali ta' Timišoara ma' tliet ajruporti tar-Renju Unit ipprovdut minn Wizz Air, il-Kummissjoni tfakkli li l-valutazzjoni komparattiva mhijiex metodu xieraq biex jiġu stabbiliti l-prezzijiet tas-suq jekk il-valuri referenzjarji disponibbli ma jkunux ġew identifikati fir-rigward tal-kunsiderazzjoni jiet tas-suq jew jekk il-proċessi eżistenti jkunu distorti b'mod sinifikanti minn interventi pubbliċi. Jidher li tali distorsjonijiet huma preżenti fl-industrija tal-avjazzjoni, għar-raġunijiet spjegati fil-premessi (311) sa (312).

<sup>(7)</sup> Alfa Romeo, il-paragrafu 23; Is-Sentenza tat-12 ta' Diċembru 2000, *Alitalia vs Il-Kummissjoni*, T-296/97, EU:T:2000:289, il-paragrafu 84.

- (326) Barra minn hekk, il-Kummissjoni ssib li l-kriterju ta' numru suffiċjenti ta' ajruporti komparaturi li jipprovdut servizzi komparabbi taħt kundizzjonijiet normali stabbiliti fil-punt 55 tal-Linji Gwida dwar l-Avazzjoni tal-2014 mhuwiex issodisfat. Minħabba li hemm fiti mijiet ta' ajruporti fl-Ewropa, (<sup>76</sup>) tliet ajruporti ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala numru suffiċjenti li jippermetti l-identifikazzjoni ta' valur referenzjarju xieraq għall-prezzijiet tas-suq rilevanti. Barra minn hekk, tnejn mit-tliet ajruporti ta' valutazzjoni komparattiva (Liverpool u Doncaster) huma wkoll proprijetà tal-istess grupp – Peel Airports Group. Dan ikompli jdghajnejf in-numru u l-varjetà tal-ajruporti komparaturi meħtieġa sabiex jiġi pprovdut parametru referenzjarju affidabbi.
- (327) Barra minn hekk, it-tliet ajruporti komparaturi kollha jinsabu fir-Renju Unit u tnejn minnhom (Liverpool u Doncaster) huma qrib l-istess belt kbira – Manchester. Barra minn hekk, ir-rapport ta' Oxera ma jispiegax jekk it-tliet ajruporti komparaturi kif ukoll l-Ajruport Internazzjonali ta' Timišoara jipprovdut servizzi komparabbi. L-istudju jipprovdut biss informazzjoni dwar il-mument meta Wizz Air bdiet topera f'kull ajruport u għal liema destinazzjonijiet u janalizza t-tariffi totali mhalla minn Wizz Air f'dawn l-ajruporti (eskużi l-pagamenti għas-servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni). Madankollu, dan ma jippermettix li ssir valutazzjoni dwar jekk l-ajruporti jipprovdut servizzi komparabbi.
- (328) Barra minn hekk, kif jindika r-rapport ta' Oxera stess, hemm għadd ta' differenzi bejn l-Ajruport Internazzjonali ta' Timišoara u żewġ ajruporti oħra tar-Renju Unit (l-Ajruport ta' Liverpool u l-Ajruport ta' Prestwick). B'mod partikolari, l-Ajruport ta' Liverpool huwa sostanzjalment akbar mill-Ajruport Internazzjonali ta' Timišoara (madwar 5,5 miljun passiġġier fl-2007), l-Ajruport ta' Prestwick serva aktar minn 2 miljun passiġġier. Għalhekk, f'termini ta' volum tat-traffiku, l-uniku wieħed li kien komparabbi kien l-ajruport ta' Doncaster (sa miljun). In-numru ta' passiġġieri li Wizz Air stess ittrasportat minn kull wieħed minn dawn l-ajruporti jvarja.
- (329) Fir-rigward tal-prosperità taż-żona tal-madwar (PDG per capita), kien hemm differenza kbira bejn dak ta' Timišoara (indiċi tal-PDG per capita (<sup>77</sup>) taħt 50 fl-2007) u r-Renju Unit (indiċi tal-PDG ta' madwar 120 fl-2007), fejn jinsabu t-tliet ajruporti komparaturi. Barra minn hekk, il-parti tat-tqabbil tar-rapport ta' Oxera fiha l-informazzjoni dwar il-pagi medji ta' kull ġimħa fis-swieq tax-xogħol regionali f'Timišoara u t-tlett ibliet fir-Renju Unit fejn jinsabu l-ajruporti komparaturi (Liverpool, Prestwick and Doncaster) u dawn huma wkoll differenti ħafna (Timišoara huwa inqas minn 50, filwaqt li t-tlett ibliet l-oħra laħqu l-livell ta' aktar minn 500).
- (330) Barra minn hekk, ir-rapport ma jikkunsidrax ċerti indikaturi kif speċifikat fil-punt 60 tal-Linji Gwida dwar l-Avazzjoni tal-2014 (eż. it-tip ta' traffiku jew it-tip u l-livell ta' servizzi tal-ajruport ipprovduti).
- (331) Fl-aħħar nett, anke jekk wieħed jassumi li, abbażi ta' analiżi komparabbi valida, il-“prezz” applikat fid-diversi tranżazzjonijiet koperti minn din il-valutazzjoni kienu ekwivalenti għall-“prezzijiet tas-suq” jew oħla minnhom, il-Kummissjoni ma setgħetx, madankollu, tikkonkludi li dawk it-tranżazzjonijiet kienu jikkorrispondu neċċesarjament għall-prezz tas-suq. Ma jkunx prezz tas-suq jekk, wara l-konklużjoni ta' dawn l-arranġamenti, l-operatur seta' jistenna li dawn iwasslu għal kostijiet inkrementali oħla mid-dħul inkrementali. MEO fil-fatt ma jkunx interessat li joffri oġġetti jew servizzi bil-“prezz tas-suq” jekk dan iwassal għat-telf inkrementali tiegħu.
- (332) Il-Kummissjoni tikkunsidra li huwa xieraq li fil-kuntest ta' din l-analiżi tħalli li, wara l-adozzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Avazzjoni tal-2014, kemm ir-Rumanija kif ukoll il-partijiet interessati ġew mistiedna iressqu kummenti dwar l-applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida għall-każ preżenti. Minbarra Wizz Air, la r-Rumanija u lanqas il-partijiet interessati l-oħra ma kkontestaw l-approċċ tal-Kummissjoni li abbażi tiegħu, meta ma jkunx jista' jiġi identifikat valur referenzjarju xieraq sabiex jiġi stabilit prezz tas-suq realistiku għas-servizzi pprovduti mill-ajruporti lil-linji tal-ajru, l-aktar kriterju rilevanti sabiex jiġu vvalutati l-arranġamenti konklużi bejn dawn iż-żewġ partijiet ikun analiżi tal-profittabbiltà inkrementali *ex ante*.

(<sup>76</sup>) Il-punt 1 tal-Linji Gwida dwar l-Avazzjoni tal-2014 jiddikkjara li s-sistema tat-trasport bl-ajru tal-Unjoni Ewropea hija magħmul minn network ta' aktar minn 460 ajruport.

(<sup>77</sup>) Kif spjegat fir-rapport ta' Oxera, l-indiċi tal-PDG per capita għar-Rumanija u għar-Renju Unit huwa espress fl-istandardi tal-kapaċitā tal-akkwist (PPS), meta mqabbel mal-medja għall-Unjoni Ewropea (EU-27). Il-medja għall-Unjoni Ewropea (UE-27) kienet stabilita ugħwali għal 100.

- (333) Għalhekk, fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-aproċċ ġeneralment rakkomandat fil-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 għall-applikazzjoni tat-test tal-MEOP għal relazzjonijiet bejn ajrporti u linji tal-ajru, jiġifieri l-analiżi tal-profittabbilità inkrementali *ex ante*, irid jiġi applikat f'dan il-każ (78).

#### 9.1.4.4. Skeda ta' żmien għall-valutazzjoni tal-profittabbiltà tal-Ftehimiet tal-2008

- (334) Meta jiġi biex jiddeċiedi dwar jekk jidħolx fi ftehimiet ma' linja tal-ajru, MEO jagħżel skeda ta' żmien għall-valutazzjoni tiegħu abbażi tat-termini tal-ftehimiet inkwistjoni jew tat-terminu stabbilit f kull ftehim individwali. Fi kliem ieħor, huwa jivvaluta l-kostijiet u d-dħul inkrementali għat-terminu tal-applikazzjoni tal-ftehimiet. Fid-data li fiha jiffirma l-ftehimiet, MEO prudenti ma jserraħx fuq il-probabbiltà li l-ftehimiet se jiġġeddu ladarba jiskadu, kemm jekk bl-istess termini jew b'termini ġodda.
- (335) Abbażi tal-aproċċ deskritt fil-premessa (334), il-Kummissjoni se tivalutata l-kostijiet u d-dħul inkrementali tal-Ftehimiet tal-2008 għall-perjodu mill-11 ta' Diċembru 2008 sal-10 ta' Diċembru 2011, li huwa l-perjodu inizjali tal-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni. L-estensjoni fakultattiva tal-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni bi 12-il xahar ieħor wara l-iskadenza tal-ewwel tliet snin mhux se tiġi kkunsidrata. Din kienet biss għażla ta' estensjoni, u għalhekk, operatur tas-suq ma setax jibba fuq il-fatt li għażla bħal din tiġi eżegwita.
- (336) Kemm il-Ftehim Operazzjonali kif ukoll il-GHA kienu validi għal perjodu inizjali ta' sena, jiġifieri mill-11 ta' Diċembru 2008 sal-10 ta' Diċembru 2009. Kull wieħed minnhom ippreveda tiġid awtomatiku għal perjodi ulterjuri ta' 12-il xahar f kull anniversarju tad-dħul fis-sejjha rispettiv tagħhom. Il-Maniġer tal-Ajrūport ma kienx intitolat li jittermina b'mod unilateral dawn iż-żewġ kuntratti qabel it-tielet perjodu ta' tiġid (79). Billi t-tiġid tal-Ftehim Operazzjonali u l-GHA kien awtomatiku mill-perspettiva tal-Maniġer tal-Ajrūport, il-Kummissjoni għalhekk tikkunsidra li MEO prudenti kien jassumi li l-Ftehim Operazzjonali u l-GHA jkunu validi tal-inqas għat-tul ta' żmien tal-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni, jekk mhux aktar.
- (337) Għall-kuntrarju, is-suppożizzjoni ta' perjodu inizjali ta' tliet snin tal-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni u perjodu inizjali ta' sena għall-Ftehim Operazzjonali ma kinitx tkun loġika, peress li mingħajr l-operat tal-linja tal-ajru fl-ajrūport, il-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni jibqa' mingħajr skop. Bl-istess mod, it-tul ta' żmien tal-applikazzjoni tal-GHA jeħtieġ li jiġi allinjat mat-tul ta' żmien tal-Ftehim Operazzjonali billi s-servizzi tal-groundhandling ikunu possibbli biss jekk il-linja tal-ajru top era fl-ajrūport. Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessa (319), it-tul ta' żmien tal-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni minn naħa u t-tul ta' żmien tal-Ftehim Operazzjonali u tal-GHA min-naħa l-oħra huma marbuta flimkien.
- (338) Il-Kummissjoni tinnota li l-Memorandum ta' Qbil iffirmsat fil-25 ta' Ġunju 2008 kien il-qafas li stabbilixxa l-prinċipji ġeneralji ta' kooperazzjoni bejn il-Maniġer tal-Ajrūport u Wizz Air. Dawn ġew spjegati f'termini operazzjonali fil-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni, il-Ftehim Operazzjonali u l-GHA. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-perjodu qabel l-issfirmar tal-Memorandum ta' Qbil, jiġifieri l-25 ta' Ġunju 2008, għandu jiġi kkunsidrat bħala l-punt ta' referenza *ex ante* għall-finijiet tal-analiżi tal-profittabbiltà.
- (339) Kemm il-Ftehim Operazzjonali kif ukoll il-GHA ġew emendati fil-25 ta' Ġunju 2010 bi skema ġidida ta' skontijiet miftiehma bejn Wizz Air u l-Maniġer tal-Ajrūport li koprjet il-perjodu sas-6 ta' Frar 2011 (il-“Ftehimiet ta’ Emenda tal-2010”). Din l-iskema l-ġidda ta' skontijiet tikkorrispondi għall-AIP tal-2010. Minħabba l-fatt li l-emendi ġabu modifikasi fit-termini taż-żewġ ftehimiet, il-Kummissjoni se tapplika l-prinċipju tal-MEO b'mod separat għall-Ftehimiet ta’ Emenda tal-2010 li għandhom l-ġhan li jivvalutaw jekk MEO kienx jidħol fil-ftehimiet ta’ emenda. Għalhekk il-valutazzjoni ta’ hawn taħt tagħmel distinzjoni bejn l-analiżi tal-profittabbiltà għall-perjodu inizjali tal-Ftehimiet tal-2008 u l-analiżi tal-profittabbiltà tal-Ftehimiet ta’ Emenda tal-2010.

(78) Il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, il-punti 59 u 61.

(79) Ħlief għal raġunijiet standard ta’ ksur tal-kuntratt.

#### 9.1.4.5. Analiżi tal-profitabbiltà tal-Ftehimiet tal-2008

##### Valutazzjoni tal-kostijiet u tad-dħul inkrementali tal-Ftehimiet tal-2008

- (340) Il-Ftehimiet tal-2008 kienu arranġamenti nnegozjati b'mod individwali li kienu japplikaw biss għaż-żewġ partijiet kontraenti. Din mhijiex skema ġenerali tal-imposti tal-ajrūport li tapplika għal-linji tal-ajru kollha li jużaw l-ajrūport<sup>(80)</sup>. Il-kostijiet u d-ħul rilevanti li huma inkrementali għall-Ftehimiet tal-2008 huma dawk li l-Maniġer tal-Ajrūport kien mistenni jgħarrab minħabba l-operat ta' Wizz Air fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara.
- (341) Il-kwistjoni ewlenija hija jekk id-ħul inkrementali, li jirriżulta mill-attività tal-linjal ta-ajru, jaqbiżx il-kostijiet inkrementali. Għalhekk, l-investimenti li saru fl-Ajrūport qabel il-ftehimiet u l-kostijiet operatorji fissi mhumix rilevanti.
- (342) Dħul inkrementali li investitur privat jistenna b'mod raġonevoli mill-Ftehimiet tal-2008 jirriżulta minn dħul addizzjonal minn attivitajiet ajrunawtiċi mill-imposti tal-ajrūport imħalla minn Wizz Air u minn dħul addizzjonal minn attivitajiet mhux ajrunawtiċi minn, pereżempju, parkeġġ tal-karozzi, ħwienet ta' frankija, jew ħwienet operati direttament.
- (343) Il-kostijiet inkrementali f'dan il-każ huma l-kostijiet operatorji, il-kostijiet tal-kummerċjalizzazzjoni u kwalunkwe kost ta' investiment li jista' jiġi attribwit għall-preżenza ta' Wizz Air fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara.

##### Analiżi tal-profitabbiltà ex ante pprovduta mir-Rumanija għall-Ftehimiet tal-2008

- (344) Wara t-talba tal-Kummissjoni, fid-9 ta' Diċembru 2014, ir-Rumanija pprovdiet analiżi tal-profitabbiltà ex ante mibnija mill-ġdid ex post abbażi tad-data disponibbli qabel il-konklużjoni tal-Ftehimiet tal-2008 ma' Wizz Air. L-analiżi pprovdiet ħarsa ġenerali lejn id-ħul inkrementali li seta' kien mistenni fiż-żmien meta ġew konklużi l-ftehimiet.
- (345) Il-Ftehimiet tal-2008 kienu stmati li jiġi generaw id-ħul li ġej:

**Tabella 12: Dħul stmat ex ante ġġenerat permezz tal-Ftehimiet tal-2008 (bl-eskużjoni tal-ftehim ta' kummerċjalizzazzjoni)**

Sena (1)	Numru ta' passiġġieri (stmat) (2)	Dħul minn attivitajiet ajrunawtiċi għal kull passiġġier ta' Wizz Air (EUR) (3)	Dħul minn attivitajiet mhux ajrunawtiċi għal kull passiġġier (EUR) (4)	Dħul minn attivitajiet ajrunawtiċi (EUR) (5)=(2)x(3)	Dħul minn attivitajiet mhux ajrunawtiċi (EUR) (6)=(2)x(4)	Dħul totali (stima) (EUR) (5)+(6)
2009	200 000	12	2,50	2 400 000	500 000	2 900 000
2010	300 000	12	2,50	3 600 000	750 000	4 350 000
2011	350 000	12	2,50	4 200 000	875 000	5 075 000

- (346) L-analiżi tuża l-previżjonijiet ta' Wizz Air tan-numru ta' passiġġieri li kellhom jiġu ttrasportati fl-2009, fl-2010 u fl-2011.
- (347) Id-ħul minn attivitajiet ajrunawtiċi għal kull passiġġier li jitlaq ġie kkalkolat kif muri fit-Table 13. Id-ħul minn attivitajiet ajrunawtiċi għal kull passiġġier ta' Wizz Air ġie kkalkolat bħala d-ħul minn attivitajiet ajrunawtiċi għal kull passiġġier li jitlaq ta' Wizz Air (madwar EUR 24) diviż bi 2, perezz li nofs il-passiġġieri ta' Wizz Air biss huma passiġġieri li jitilqu. Il-kostijiet ta' unità jirrappreżentaw l-imposti kollha (jigħiġi mingħajr l-ebda skont) kif stabbilit fil-Ftehim Operazzjonali u fil-GHA.

<sup>(80)</sup> Il-Linji Gwida dwar l-Avjażżoni tal-2014, il-punt 63.

**Tabella 13: Dħul minn attivitajiet ajrunawtiċi għal kull titjira u għal kull passiġġier li jitlaq ta' Wizz Air**

		<b>MTOW</b>	<b>72</b>
	<b>Kapaċità</b>	<b>180</b>	
	<b>Fattur tat-tagħbijsa</b>	<b>82 %</b>	
	Unità ta' kejl	Unità tal-imposti (EUR)	Għal kull titjira (EUR)
Imposta tal-inżul	MTOW	7	504
Imposta tal-istazzjon	MTOW	0,15	10,80
Imposta tad-dawl	MTOW	2,10	151,20
Imposta għall-Ġestjoni tar-Rampa	Titjira	150	150
Imposta tal-Passiġġieri Imbarkati	Dpax	8	1 180,80
Imposta tas-sigurtà	Dpax	10	1 476
Imposta tal-Passiġġieri b'Mobbiltà Mnaqqsqa	Dpax	0,20	29,52
<b>Total għal kull titjira</b>	<b>Titjira</b>		<b>3 502,32</b>
<b>Total għal kull Dpax</b>	<b>Dpax</b>		<b>23,73</b>

- (348) Skont ir-Rumanija, abbażi tal-esperjenza tal-Ajrūport fis-snin preċedenti, id-dħul minn attivitajiet mhux ajrunawtiċi jirrappreżenta biss 15 - 20 % tad-dħul totali tal-Maniġer tal-Ajrūport, li kien jammonta għal EUR 2,5 fi dħul mhux minn attivitajiet ajrunawtiċi għal kull passiġġier. Dan l-ammont kien preżjunt ukoll għall-passiġġier ta' Wizz Air (kif muri fil-kolonna 4 tat-Table 12).
- (349) Meta l-pagamenti ta' kummerċjalizzazzjoni kif stabbiliti fil-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni ġew inklużi fl-istimi, kien mistenni d-dħul li ġej. Il-pagamenti ta' kummerċjalizzazzjoni huma inklużi fit-tabella mir-Rumanija bħala “l-investimenti ta' kummerċjalizzazzjoni tal-Ajrūport”.

**Tabella 14: Dħul nett stmat ex ante ġġenerat permezz tal-Ftehimiet tal-2008 (inkluż il-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni)**

Sena	Numru ta' passiġġieri fis-sena	Numru ta' passiġġieri imbarkati fis-sena (2)/2	Dħul minn attivitajiet ajrunawtiċi għal kull passiġġier imbarkat (EUR)	Dħul minn attivitajiet mhux ajrunawtiċi għal kull passiġġier (EUR)	Tariffa miż-żmura mill-Maniġer tal-Ajrūport għal kull passiġġier imbarkat (EUR)	Ammont miż-żmum mill-Maniġer tal-Ajrūport (3)x(7) (EUR)	Dħul minn attivitajiet ajrunawtiċi (2)x(4) (EUR)	Tariffa tal-kummerċjalizzazzjoni fl-Ajrūport (8) – (7) (EUR)	Dħul mhux minn attivitajiet ajrunawtiċi (2)x(5) (EUR)	Dħul finali tal-Ajrūport (7) + (10) (EUR)
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)
2009	200 000	100 000	12	2,5	5	500 000	2 400 000	1 900 000	500 000	<b>1 000 000</b>
2010	300 000	150 000	12	2,5	4	600 000	3 600 000	3 000 000	750 000	<b>1 350 000</b>
2011	350 000	175 000	12	2,5	4	700 000	4 200 000	3 500 000	875 000	<b>1 575 000</b>

- (350) L-ammont miż-żmum mill-Maniġer tal-Ajrūport għal kull passiġġier imbarkat (il-kolonna 6 tat-Table 14) ġie kkalkolat fuq il-bażi tal-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni. Il-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni ppreveda ammont li għandu jinżamm mill-Maniġer tal-Ajrūport (<sup>(81)</sup>) skont in-numru ta' passiġġieri kull xahar li jitwasslu minn Wizz Air lejn/mill-ajrūport kif ġej.

<sup>(81)</sup> L-ammont miż-żmum kien metodoloġija użata fil-kalkolu tal-pagamenti ta' kummerċjalizzazzjoni fir-rigward tal-imposti tal-ajrūport.

**Tabella 15 Ammont miżmum għal kull passiġġier li jitlaq**

In-numru ta' passiġġieri kull xahar (li jitilqu u li jaslu) li jitwasslu minn Wizz Air lejn/mill-ajrūport	Ammont miżmum għal kull passiġġier li jitlaq f'EUR
0 - 5 349	8
5 350 - 10 690	6
10 691 - 15 999	5
16 000 - 31 999	4
> 32 000	3,50

- (351) Minħabba n-numru ta' passiġġieri ta' Wizz Air stmati fis-sena ta' 200 000 fl-2009, ta' 300 000 fl-2010 u ta' 350 000 fl-2011, ġie stmat li n-numru ta' passiġġieri ta' Wizz Air fix-xahar kien ikun ta' 16 666 fl-2009, ta' 25 000 fl-2010 u ta' 29 166 fl-2011. Fuq dik il-bażi, ġie kkunsidrat li l-Maniġer tal-Ajrūport kien iżomm EUR 5 għal kull passiġġier imbarkat fl-2009 u EUR 4 fl-2010 u fl-2011.
- (352) L-analiżi pprovduta mir-Rumanija ma tinkludix kalkoli tal-kostijiet inkrementali. Skont l-awtoritajiet Rumeni, il-maġġoranza tal-kostijiet tal-ajrūport hija fissa (madwar 80 %). Barra minn hekk, il-kostijiet tal-ajrūport kienu stmati li jibqgħu kostanti jew ikunu soġġetti għal modifiki żgħarr biss minħabba konsum akbar ta' fjuwil u ta' enerġija u possibbilment minħabba l-użu fiżiku ta' tagħmir assoċjat ma' operazzjonijiet ta' Wizz Air fl-ajrūport. Ir-Rumanija spjegat li ma kien mistenni l-ebda kost addizzjonali ieħor b'rabta mat-tagħmir, mal-materjali jew mal-infrastruttura billi l-operazzonijiet ta' Wizz Air jużaw l-assi u l-infrastruttura eżistenti matul l-intervalli ta' ħin li sa dak iż-żmien kienu għadhom ma ntużaww. L-attività tal-Ajrūport Internazzjonali ta' Timișoara kienet iffokata fuq l-operazzonijiet ta' Carpatair li użaw ċerti intervalli ta' ħin biss matul il-jum. L-ebda kost addizzjonali tal-persunal ma kien mistenni għal raġunijiet simili. Skont ir-Rumanija, ma ġie allokat l-ebda kost ta' investimenti lil Wizz Air, minħabba li l-investimenti kollha tal-ajrūport kienu ppjanati qabel ma bdew in-negożjati ma' Wizz Air. Konsegwentement, skont l-analiżi, minħabba s-sehem għoli ta' kostijiet fissi, il-Maniġer tal-Ajrūport jibbenfika minn żieda fil-profitabbiltà minħabba ż-żieda fil-volum ta' passiġġieri, anke meta jiġi applikati tariffi mnaqqsa.
- (353) Il-Kummissjoni tikkunsidra l-approċċ fir-rigward tan-numru ta' passiġġieri stmati bħala raġonevoli peress li huwa konsistenti mal-Pjan ta' Żvilupp. Il-Pjan ta' Żvilupp ippreveda żieda ta' 244 348 passiġġier mill-2008 sal-2009. Peress li l-ftehim operazzjonali ta' Wizz Air daħal fis-seħħ fil-11 ta' Diċembru 2008, jista' jingħad li bejn wieħed u ieħor miż-żieda ta' 244 348 passiġġier prevista fil-Pjan ta' Żvilupp, 200 000 passiġġier inġiebu minn Wizz Air. Il-Pjan ta' Żvilupp ikkalkola wkoll żieda ta' 253 423 passiġġier fit-traffiku tal-passiġġieri mill-2009 sal-2010 u ta' 215 973 passiġġier mill-2010 sal-2011. Għalhekk, iż-żieda ta' 100 000 passiġġier mill-2009 sal-2010 u ta' 50 000 rispettivament mill-2010 sal-2011 għal Wizz Air prevista fl-analiżi ex ante tar-Rumanija tidher raġonevoli.
- (354) Il-Kummissjoni ssib li d-dħul minn attivitajiet ajrunawti ħi huwa sopravalutat minħabba li l-iskontijiet għall-imposti tal-ajrūport previsti fil-Ftehim Operazzjonali mhumiex ikkunsidrat. Madankollu, minħabba l-formula għall-kalkolu tal-pagament ta' kummerċjalizzazzjoni, id-dħul aktar baxx minn attivitajiet ajrunawti ī-kien jirriżulta f'pagament ta' kummerċjalizzazzjoni aktar baxx bl-istess ammont eż-żgħad. Konsegwentement, id-dħul u l-kostijiet ikunu aktar baxxi bl-istess ammont u għalhekk ma jaffettaww il-profittabbiltà.
- (355) Madankollu, il-Kummissjoni ssib li l-analiżi ex ante mibnija mill-ġdid ex post ipprovduta mir-Rumanija fiha ġħadd ta' nuqqasijiet kif ġej:

(\*) Pereżempju, jekk id-dħul minn attivitajiet ajrunawti ħi huwa sopravalutat minħabba li l-iskontijiet għall-imposti tal-ajrūport previsti fil-Ftehim Operazzjonali mhumiex ikkunsidrat. Madankollu, minħabba l-formula għall-kalkolu tal-pagament ta' kummerċjalizzazzjoni, id-dħul aktar baxx minn attivitajiet ajrunawti ī-kien jirriżulta f'pagament ta' kummerċjalizzazzjoni aktar baxx bl-istess ammont eż-żgħad. Konsegwentement, id-dħul u l-kostijiet ikunu aktar baxxi bl-istess ammont u għalhekk ma jaffettaww il-profittabbiltà.

- (a) L-imposta tas-sigurtà<sup>(83)</sup> hija inkluża għalkollox bħala dħul minn attivitajiet ajrunawtiċi tal-ajrūport. Din l-imposta kellha tkun jew esku lu billi tiffinanzja attivitajiet mhux ekonomiċi<sup>(84)</sup> jew kellha tīġi inkluża fid-dħul minn attivitajiet ajrunawtiċi flimkien mal-kostijiet tas-sigurtà korrispondenti li tqiesu fuq in-naħa tal-kostijiet (għalhekk l-inklużjoni tal-imposta tas-sigurtà u tal-kostijiet ma kinitx taffettwa l-profittabbiltà)<sup>(85)</sup>.
- (b) L-analiżi ma tipprovd l-ebda kalkolu tal-kostijiet operatorji inkrementali filwaqt li rrikonoxxi li l-Maniġer tal-Ajrūport se jgħarrab xi kostijiet operatorji addizzjonali (għalkemm żgħar) assoċjati mal-preżenza ta' Wizz Air fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara (352).
- (c) L-analiżi ma tipprovdix valur preżenti nett u rata ta' skont.

(356) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-analiżi tal-profittabbiltà *ex ante* mibnija mill-ġdid *ex post* mir-Rumanija ma turix konformità mal-Prinċipju tal-MEO tal-Ftehimiet tal-2008.

#### Analiżi tal-profittabbiltà *ex ante* ta' Oxera għall-Ftehimiet tal-2008

- (357) Wizz Air ippreżentat rapport imħejji minn Oxera, datat l-10 ta' Frar 2015 (flimkien mal-emenda ulterjuri tiegħu "Rapport ta' Oxera"), li jivaluta l-profittabbiltà mistennija tal-Ftehimiet tal-2008 ma' Wizz Air mibnija mill-ġdid *ex post* abbażi tad-data li kienet tkun disponibbli fil-mument meta ġew iffirmati l-ftehimiet. Ir-Rapport ta' Oxera intitolat "*Economic MEOP assessment: Timišoara airport. Profitability analysis* (Valutazzjoni tal-MEOP ekonomika: l-Ajrūport ta' Timišoara. Analiżi tal-Profittabbiltà) huwa bbażat fuq id-data mill-analiżi pprovdu mir-Rumanija (il-premessa (344)) ikkomplementata mid-data addizzjonali pprovdu mill-Maniġer tal-Ajrūport lil-Oxera.
- (358) L-iskeda ta' żmien tal-Ftehimiet tal-2008 ikkunsidra hija ta' tliet snin, jiġifieri l-iskeda ta' żmien inizjali prevista fil-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni mingħajr l-estensjoni possibbli tiegħu.
- (359) Fl-14 ta' Mejju 2015, Oxera ppreżentat mill-ġdid il-kalkoli ta' profittabbiltà mistennija biex tikkoreġi problema fid-data li nistabt fir-rapport tal-10 ta' Frar 2015. Il-korrezzjoni kienet tikkonċerha stima eċċessiva tal-kostijiet totali tal-investimenti li jirriżultaw minn għadd dopju tal-investiment iffinanzjat mill-Istat fis-sottomissjoni oriġinali. Din il-problema tad-data affettwat il-profittabbiltà mistennija tal-Ftehimiet tal-2008, li oriġinarjament kienet sottovalutata.
- (360) Skont ir-Rapport emendat ta' Oxera, ir-riżultati tal-kostijiet, id-dħul u l-profitti inkrementali li setgħu kienu mistennija dak iż-żmien meta ġew iffirmati l-Ftehimiet tal-2008 huma miġbura fil-qosor fit-Table 16 hawn taħt. Oxera kkonkludiet li l-Ftehimiet tal-2008 kienu mistennija li jkollhom valur preżenti nett ("VPN") ta' RON 7,62 miljun.

<sup>(83)</sup> Skont il-punt 35 tal-Linji Gwida dwar l-Avjażżjoni tal-2014, tali attivitajiet meħtieġa sabiex tīġi ssalvagwardjata l-avjażżjoni ċivili kontra atti ta' interferenza u investimenti illegali relatati mal-infrastruttura u t-tagħmir meħtieġ biex jitwettqu dawk l-attivitajiet huma kkunsidrati ta' natura mhux ekonomika u għalhekk ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnejha mill-Istat.

<sup>(84)</sup> Il-Kummissjoni tifhem li skont l-Ordinanza tat-Trasport Nru 2190/2005 l-imposta tas-sigurtà tiffinanzja eskużiżiavment investimenti, xogħol ta' manutenzjoni u tagħmir li jkunu relatati direttament mas-sigurtà. Sa fejn l-imposta tiffinanzja wkoll tali infrastruttura jew tagħmir li jintużaw ukoll għal skopijiet kummerċjali (u għalhekk ikunu inerrenti għan-negozju tal-ajrūport), l-esklużjoni totali tal-imposta mill-kalkolu tkun konservattiva u tissottovaluta d-dħul. Madankollu dan ikun iwassal għal żieda fil-pagamenti ta' kummerċjalizzazzjoni bl-istess ammont eżatt u għalhekk ma jaffettwax il-kalkolu tal-profittabbiltà.

<sup>(85)</sup> L-Ordinanza tal-Ministeru tat-Trasport Nru 2190/2005 dwar l-użu tal-imposta tas-sigurtà tal-ajrūport, li kienet fis-seħħi fiż-żmien tal-iffirmar tal-ftehim ipprevediet li l-imposta tas-sigurtà jenħtieġ li tintużza eskużiżiavment i) għat-tweġi ta' investimenti, tiswixx jekk kapital u xogħlijet ta' manutenzjoni għal kull ogħġett relatati direttamente mas-sigurtà tal-attivitajiet tal-ajrūport; ii) għaż-żejjur ta' tagħmir uż-żebbu għal għażiex għalli għall-finanzjament tas-servizzi ta' għwardja tas-sigurtà għall-perimetru tal-ajrūport u ta' servizzi oħra mmirati lejn is-sigurtà tal-ajrūport; iii) għall-finanzjament tas-servizzi ta' għwardja tas-sigurtà għall-perimetru tal-ajrūport u ta' servizzi oħra mmirati lejn is-sigurtà tal-ajrūport; iv) għall-finanzjament tas-servizzi ta' għwardja tas-sigurtà għall-perimetru tal-ajrūport u ta' servizzi oħra mmirati lejn is-sigurtà tal-ajrūport; v) għall-pagamenti ta' kwalunkwe rata ta' mgħax, primjum ta' assigurazzjoni kwalunkwe tariffa relatata ma' self ikkuntrattat biex jissfinanzja l-attivitajiet spjegati aktar "il fuq".

**Tabella 16: Id-dħul inkrementali, il-kostijiet inkrementali u l-profitti inkrementali ta' Oxera mistennija mill-Ftehimiet tal-2008**

(RON '000s)		2008	2009	2010	2011
Numru ta' passiġġieri ta' Wizz Air li jitilqu	[A]	5 587	100 000	150 000	164 932
Dħul minn attivitajiet ajrunawtiċi	[B]	255	4 565	6 824	7 507
Dħul minn attivitajiet mhux ajrunawtiċi	[C]	112	2 085	3 241	3 694
<i>Dħul inkrementali totali</i>	<i>[D] = [B] + [C]</i>	367	6 649	10 066	11 201
Kostijiet operatorji	[E]	47	879	1 367	1 558
Kostijiet tal-kummerċjalizzazzjoni	[F]	165	2 956	4 411	4 854
Deprezzament	[G]	9	171	617	688
<i>Total tal-kostijiet inkrementali</i>	<i>[H] = [E] + [F] + [G]</i>	222	4 006	6 394	7 099
<i>Profitti inkrementali</i>	<i>[I] = [D] - [H]</i>	146	2 643	3 671	4 102
Fattur ta' skont		1,0	0,8	0,7	0,6
<b>VPN</b>		<b>7,620</b>			

(361) Ir-riżultati fit-Table 16 huma bbażati fuq il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

- (a) Peress li ma kien hemm l-ebda previżjoni tat-traffiku speċifikata fil-Ftehimiet tal-2008, il-previżjonijiet dwar it-traffiku ta' Wizz Air fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timișoara għall-2009, l-2010 u l-2011 kienu bbażati fuq previżjonijiet ta' Wizz Air kif stabbilt fl-analiżi *ex ante* pprovduta mir-Rumanija. Il-previżjonijiet tat-traffiku għall-2008 ġew derivati mil-livell ta' traffiku mistenni tal-2009 bit-tnaqqis tat-tkabbir annwali stmat (2008) tal-Eurocontrol fit-traffiku tal-ajru Ewropew <sup>(86)</sup>.
- (b) Previżjonijiet tat-tluġħ u nżul ta' Wizz Air kienu bbażati fuq l-informazzjoni pprovduta mill-Maniġer tal-Ajrūport direttament lil Oxera. Oxera tifhem li l-istimi li rċeviet mingħand il-Maniġer tal-Ajrūport kienu bbażati fuq *data disponibbli qabel il-bidu tal-Ftehimiet tal-2008*. Dawn il-previżjonijiet jimplikaw fattur tat-tagħbija ta' madwar 79 - 80 % (fkonformità mal-fattur tat-tagħbija ta' 82 % speċifikat fl-analiżi *ex ante* pprovduta mir-Rumanija).
- (c) Previżjonijiet tad-dħul minn attivitajiet ajrunawtiċi huma bbażati fuq l-imposti u l-iskontijiet għal kull passiġġier li jitlaq u għal kull tlugħ u nżul fl-istess livelli kif kienu stipulati fil-Ftehimiet tal-2008. Il-Ftehimiet tal-2008 jistipulaw skont ta' 10 % sa 70 % għall-imposta tal-inżul li tiddeppendi fuq l-għadd ta' nżul fis-sena u skont ta' 10 % għal 30 % għall-imposta tal-passiġġier skont l-għadd ta' passiġġier li jitilqu fis-sena. Abbażi ta' diskussjonijiet ma' Wizz Air, Oxera tassumi skont ta' 50 % fuq l-imposti tal-inżul. Hija tassumi wkoll skont ta' 10 % fuq l-imposti tal-passiġġier. L-analiżi ma tinkludix it-tariffa tas-sigurta billi Oxera kkunsidrat li din ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjoni tal-MEOP peress li tali tariffi jiffinanzjaw attivitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istat fl-eżerċizzju tas-setgħat uffiċjali tiegħu. Din kienet ibbażata fuq il-punt 35 tal-Linji Gwida dwar l-Avjażżjoni tal-2014.
- (d) Previżjonijiet ta' dħul minn attivitajiet mhux ajrunawtiċi huma bbażati fuq l-istimi tad-dħul minn attivitajiet mhux ajrunawtiċi għal kull passiġġier li telaq ta' Wizz Air inkluża l-analiżi *ex ante* pprovduta mir-Rumanija (jiġifieri EUR 2,5 għal kull passiġġier ta' Wizz Air). Dawn l-istimi huma koperti f'RON u jiżdiedu permezz tal-inflazzjoni mistennija u applikati għall-projezzjonijiet tat-traffiku kif spjegat fil-premessi a) u b) hawn fuq.

<sup>(86)</sup> Eurocontrol (2008), "Challenges of Growth 2008" (Sfidi ta' Tkabbir għall-2008), Rapport sommarju, paġna 14.

- (e) Fir-rigward tal-kostijiet operatorji inkrementali (eż. is-servizzi tal-persunal, l-enerġija, il-materjali), il-Maniġer tal-Ajrupert ikkunsidra li madwar 20 % tal-kostijiet operatorji jistgħu jiġu kkunsidrati bħala inkrementali, jiġifieri jvarjaw skont l-għadd ta' passiġġieri. Ir-Rapport ta' Oxera jistma li l-kostijiet operatorji inkrementali għal kull passiġġier mid-data tar-riżultat dwar il-kostijiet operatorji qabel l-iffirmar ta' kull ftehim (<sup>87</sup>) bis-suppożizzjoni li 20 % tal-kostijiet ikunu inkrementali u jiżdiedu permezz tal-inflazzjoni mistennja. Tali kostijiet operatorji inkrementali għal kull passiġġier jiġu applikati għall-projezzjonijiet tat-traffiku ta' Wizz Air kif spjegat fil-premessi (a) u (b) hawn fuq. Il-kostijiet tas-sigurta huma esklużi.
- (f) Ir-Rapport ta' Oxera jistma l-kostijiet tal-kummerċjalizzazzjoni inkrementali mġarrba mill-Maniġer tal-Ajrupert abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni u filwaqt li jiġi kkunsidrat l-ammont tat-tariffi ajrunawtiċi stmat kif spjegat fil-premessa (c) hawn fuq.

(362) Fir-rigward tal-kostijiet ta' investiment inkrementali, ġew ikkunsidrati s-suppożizzjoni li ġejjin:

- (a) Fin-nuqqas ta' previżjonijiet tal-investiment mistenni, ir-Rapport ta' Oxera jistma li l-kostijiet ta' investiment annwali bbażati fuq investimenti tar-riżultati fl-Ajrupert u li huma ffinanzjati kemm minn fondi tal-Istat kif ukoll minn riżorsi proprii għall-perjodu 2007 - 2011.
- (b) Il-finanzjament tal-gvern riċevut mill-Maniġer tal-Ajrupert għal bini ta' terminal u tagħmir ta' sigurta għie eskluż minħabba li ma ġiex ikkunsidrat bħala attribwibbli għall-preżenza ta' Wizz Air fl-Ajrupert Internazzjonali ta' Timišoara. Skont ir-Rumanja dawn kienu ffinanzjati mill-Istat b'rabta mal-adeżjoni ta' Schengen u ma kinux meħtieġa bħala riżultat tal-operazzjonijiet ta' Wizz Air. Ir-rapport jassumi li ma kien mistenni l-ebda investiment addizzjonali bħala riżultat tal-operazzjoni ta' Wizz Air fl-Ajrupert Internazzjonali ta' Timišoara.
- (c) Id-deprezzament ta' investimenti oħra ffinanzjati mir-riżorsi proprii tal-Maniġer tal-Ajrupert kien allokat għall-Ftehimet ma' Wizz Air fuq il-bażi tas-sehem mistenni mit-traffiku ta' Wizz Air meta mqabbel mal-kapaċită tal-ajrupert.
- (d) Deprezzament linearji għie kkunsidrat meta ġew ikkalkulati l-kostijiet ta' deprezzament, jiġifieri d-deprezzament annwali għie kkalkulat billi l-kost ta' investiment jiġi allokat bl-istess mod f'kull sena matul il-ħajja kollha tal-assi (<sup>88</sup>).
- (e) Il-profitti stmati ġew skontati bl-użu tar-rati ta' referenza tal-Kummissjoni, flimkien ma' marġni ta' 100 punt bażi li jirriżulta frata ta' skont ta' 16,87 %.

(363) Skont ir-Rapport ta' Oxera, ir-riżultati tal-analiżi tal-profitabbiltà tal-Ftehimet tal-2008 issuġġerew li l-imposti mhalla minn Wizz Air fl-Ajrupert Internazzjonali ta' Timišoara taħt il-Ftehimet tal-2008 kienu komparabbi ma' livell ta' imposti li kieku kienu jiġu offruti lil Wizz Air minn MEO proprjetarju tal-ajrupert fċirkostanzi simili.

(364) Il-Kummissjoni ssib li l-għadd ta' passiġġieri stmati fl-istudju ta' Oxera huwa raġonevoli. Dawn l-istimi tat-traffiku jidħru li huma konsistenti mal-previżjoni tat-traffiku prevista mill-Pjan ta' Żvilupp. L-istima tal-passiġġieri ta' Wizz Air fir-Rapport ta' Oxera żidiet b'188 826 passiġġier (<sup>89</sup>) mill-2008 sal-2009, b'100 000 passiġġier mill-2009 sal-2010 (<sup>90</sup>) u b'29 864 passiġġier mill-2010 sal-2011 (<sup>91</sup>). Il-Pjan ta' Żvilupp ippreveda żieda ta' 244 348 passiġġier mill-2008 sal-2009, 253 423 passiġġier mill-2009 sal-2010 u 215 973 passiġġier mill-2011 sal-2010. Konsegwentement, meta mqabbel maż-żieda prevista mill-Pjan ta' Żvilupp, iż-żieda stmata fl-għadd ta' passiġġieri ta' Wizz Air preżunti fir-Rapport ta' Oxera tidher li hija raġonevoli u konservattiva.

(<sup>87</sup>) Għall-2008, ġiet ikkunsidrata d-data tar-riżultati għas-sena kollha. Madankollu, Oxera kkonfermat li peress li l-Ftehimet tal-2008 daħlu fis-seħħ biss fil-11 ta' Diċembru 2008, din is-suppożizzjoni ma taffettwax ir-riżultati mill-analiżi b'mod sinifikanti. Oxera kkonfermat li, jekk il-kostijiet operatorji inkrementali għall-valutazzjoni tal-Ftehimet tal-2008 kienu minnfok ibbażati fuq il-kostijiet operatorji tar-riżultati għall-2007 biss, dan iwassal għal stimi aktar baxxi tal-kostijiet operatorji inkrementali (jiġifieri RON 8,0 – 8,9 għal kull passiġġier li jitlaq, meta mqabbel ma' RON 8,5 – 9,4 għal kull passiġġier li jitlaq) matul il-perjodu tal-Ftehimet tal-2008.

(<sup>88</sup>) Il-Kummissjoni tinnota li dan id-deprezzament linearji muhuwiex konformi mal-prattiċka tal-VPN, u għalhekk, ma jistax jiġi approvat.

(<sup>89</sup>) Minn 5 587 passiġġier li telqu fl-2008 għal 100 000 passiġġier li telqu fl-2009, immultiplikati bi tnejn biex jinkiseb in-numru totali ta' passiġġieri – dawk li telqu u dawk li waslu.

(<sup>90</sup>) Minn 100 000 passiġġier li telqu fl-2009 għal 150 000 passiġġier li telqu fl-2010, immultiplikati bi tnejn.

(<sup>91</sup>) Minn 150 000 passiġġier li telqu fl-2010 għal 164 932 passiġġier li telqu fl-2011, immultiplikati bi tnejn.

- (365) Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-iskontijiet preżunti għall-kalkolu tad-dħul minn attivitajiet ajrunawtiċi huma rāgħonevoli. Il-Ftehim tal-Operazzjoni ppermetta skont ta' 50 % fuq l-imposti tal-inżul għal linji tal-ajru ġodda jew destinazzjonijiet ġodda jew żieda fil-frekwenzi lejn/minn destinazzjonijiet eżistenti. Minħabba li Wizz Air kienet għadha kif se tibda topera fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara, kien rāgħonevoli li wieħed jassumi li kien se jinfetħu destinazzjonijiet ġodda u/jew jiżdiedu frekwenzi matul il-perjodu tal-Ftehimiet tal-2008 u għalhekk jibbenefikaw minn skont ta' 50 %.
- (366) Ir-Rapport ta' Oxera jassumi wkoll tnaqqis ta' 10 % fuq l-imposta tal-passiġġieri għall-perjodu kollu ta' validità tal-Ftehimiet tal-2008. Għas-snin 2010 u 2011, l-iskont preżunt ta' 10 % huwa konformi mat-tnaqqis previst fil-Ftehim Operazzjonali għan-numru stmat ta' passiġġieri imbarkati ta' Wizz fis-sena. Madankollu, għas-snin 2008 u 2009, ma kellu jkun previst l-ebda skont minħabba li n-numru stmat ta' passiġġieri imbarkati kien inqas minn 150 000 fis-sena (u l-iskont huwa applikabbli biss għal ċifri oħla minn dan in-numru). Madankollu, l-iskont preżunt ta' 10 % għall-2008 u l-2009 inaqqas id-dħul għal dawk is-snin u, għalhekk, l-approċċ jista' jiġi kkunsidrat bħala konservattiv u, għalhekk, aċċettabbli.
- (367) Il-Kummissjoni taqbel ukoll mal-eskużjoni tal-imposta tas-sigurtà. L-imposta tas-sigurtà tiffinanzja attivitajiet li huma kkunsidrati ta' natura mhux ekonomika u għalhekk ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnejha mill-Istat, li hija waħda mill-opzjonijiet deskritti fil-premessa (354) hawn fuq. Il-Kummissjoni tifhem li, skont il-leġiżlazzjoni Rumena, l-imposta tas-sigurtà tiffinanzja esklusivament investiment, xogħol ta' manutenzjoni u tagħmir li huwa relatat direttament mas-sigurtà. Sa fejn l-imposta tiffinanzja wkoll tali infrastruttura jew tagħmir li jintuża wkoll għal skopijiet kummerċjali (u għalhekk huwa inerenti għan-negożju tal-ajrūport), l-eskużjoni tal-imposta mill-kalkolu tad-dħul hija konservattiva u għalhekk tissottovaluta d-dħul kollu.
- (368) Il-Kummissjoni ssib li l-istima tad-dħul inkrementali minn attivitajiet mhux ajrunawtiċi hija aċċettabbli. Din hija bbażata fuq l-istima *ex ante* tal-Maniġer tal-Ajrūport tad-dħul mhux minn attivitajiet ajrunawtiċi għal kull passiġġier u żidied permezz tal-inflazzjoni mistennija.
- (369) Il-Kummissjoni taqbel ukoll mar-rata ta' skont użata għall-kalkolu, peress li hija konformi mar-rati ta' referenza tal-Kummissjoni.
- (370) Fir-rigward tal-kostijiet tal-kummerċjalizzazzjoni inkrementali mġarrba mill-Maniġer tal-Ajrūport, l-istimi huma bbażati fuq id-dispożizzjoni jiet tal-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni, filwaqt li jiġi kkunsidrat l-ammont stmat tal-imposta tal-ajrūport. Il-Kummissjoni ssib għalhekk li huma aċċettabbli.
- (371) Fir-rigward tal-kostijiet operatorji inkrementali, ir-Rapport ta' Oxera huwa bbażat fuq is-suppożizzjoni pprovdu mir-Rumanija li skonha 80 % tal-kostijiet operatorji huma fissi u 20 % biss ivarjaw skont l-għadd ta' passiġġieri. Il-Kummissjoni ssib li din is-suppożizzjoni hija rāgħonevoli. (92) Ir-Rapporti ta' Oxera jistmaw il-kostijiet operatorji inkrementali billi jużaw *data* tar-riżultati għall-kostijiet operatorji għal kull passiġġier li jitlaq qabel l-iffirmar tal-Ftehimiet tal-2008 u li jiżdiedu permezz tal-inflazzjoni mistennija. Din imbagħad tapplika kostijiet operatorji għal kull passiġġier għan-numru stmat ta' passiġġieri ta' Wizz Air. Għalhekk, il-Kummissjoni ssib li l-approċċ fl-istima tal-kostijiet operatorji inkrementali huwa tajjeb.
- (372) Fir-rigward tal-kostijiet ta' investiment inkrementali, il-Kummissjoni taċċetta s-suppożizzjoni li skonha ma kien mistenni l-ebda investiment addizzjonal minħabba l-operazzjoni ta' Wizz Air fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara. Fil-Memorandum ta' Qbil, il-Maniġer tal-Ajrūport impenja ruħu li:
- (i) jespandi t-terminal tal-passiġġieri biex ikun jista' jlaħħaq sa tliet miljun passiġġier fis-sena sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2011;
  - (ii) jaġġorna l-kategorija tal-inżul u t-tluġħ tal-Ajrūport għall-Kategorija III taż-żewġ direzzjonijiet sa tmiem l-2009;
  - (iii) jiżgura n-numru meħtieġ ta' postijiet ta' parkeġġ għall-passiġġieri;
  - (iv) jagħmel stand tal-ingħenju tal-ajru wieħed disponibbli minn Frar 2009 u jagħmel żewġ jew tliet stands tal-ingħenji tal-ajru disponibbli minn Ottubru 2009.

(92) Skont il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, sa 90 % tal-kostijiet operatorji tal-ajrūporti huma fissi u ftit li xejn ivarjaw skont l-iskala tal-operazzjoni. [http://ec.europa.eu/smart-regulation/impact/ia\\_carried\\_out/docs/ia\\_2014/swd\\_2014\\_0042\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/smart-regulation/impact/ia_carried_out/docs/ia_2014/swd_2014_0042_en.pdf), il-paġna 26.

- (373) Barra minn hekk, il-Ftehim Operazzjonali ffirmsus sussegwentement ippreveda obbligu għall-Maniġer tal-Ajrūport li jtemm il-proċess ta' titjib tal-kategorija tal-inżul u t-slugh tal-ajrūport għall-Kategorija II biss sa tmiem l-2009.
- (374) Rigward l-impenn li jiġi estiż it-terminal tal-passiġġieri (il-premessa (372)(i)), il-Kummissjoni tinnota li l-estensjoni tat-terminal għet-deċiża f'żewġ passi u ż-żmien għat-teħid tad-deċiżjonijiet kien qabel l-iffirmar tal-Memorandum ta' Qbil. L-ewwel estensjoni tal-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara kienet xprunata mill-ħtieġa li tiżdied il-kapaċità tat-terminal minħabba żieda mistennija fit-traffiku matul is-snini ta' wara. Din l-estensjoni kienet prevista mill-Pjan ta' Żvilupp li tfassal f'Marzu 2006 u li ġie approvat formalment mid-Deċiżjoni tal-Gvern nru 1212 tal-4 ta' Ottubru 2007. Id-Deċiżjoni tal-Gvern ipprevediet estensjoni tat-terminal matul il-perjodu 2008 - 2009. It-tieni estensjoni għet-deċiżjoni ikkawżata mill-ħtieġa li jkun hemm konformitā mar-rekwiżiti tas-sigurtà ta' Schengen. Skont l-informazzjoni pprovduta mir-Rumanja, l-istudju ta' fattibbiltà għal din l-estensjoni tnieda f'Jannar 2008 fuq il-bażi ta' kuntratt ma' konsulent minn Marzu 2008 u ġie ffinalizzat f'Ġunju 2008, jiġifieri qabel l-iffirmar tal-Memorandum ta' Qbil.
- (375) Il-Kummissjoni tinnota li l-Ftehim Operazzjonali rreveda l-impenn meħud fil-Memorandum ta' Qbil biex il-kategorija tal-inżul u t-slugh tal-ajrūporti tiġi aġġornata għall-Kategorija III taż-żewġ direzzjonijiet sa tmiem l-2009 b'impenn biex jiġi ffinalizzat l-aġġornament għall-Kategorija II sa tmiem l-2009 (il-premessa (372)(ii))<sup>(93)</sup>. Skont l-informazzjoni disponibbi pubblikament,<sup>(94)</sup> fl-2015 sar l-aġġornament tal-kategorija tal-inżul u t-slugh tal-ajrūport għall-Kategorija III dwar id-direzzjoni tal-inżul fil-Lvant, permezz ta' aġġornament tas-sistema ta' navigazzjoni bir-radju. Bħalissa, l-ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara jinsab fil-Kategorija III dwar id-direzzjoni tal-inżul fil-Lvant u fil-Kategorija II għad-direzzjoni tal-inżul fil-Punent. Skont l-informazzjoni ppreżentata mir-Rumanja, fl-2008 l-ajrūport ġie aġġornat għall-Kategorija II mill-Kategorija I f'direzzjoni waħda permezz ta' investiment fid-dwal tal-ajrūport (id-direzzjoni l-oħra kienet digħi tal-Kategorija II). Id-deċiżjoni dwar l-investiment fis-sistema tad-dawl ittieħdet fil-Pjan ta' Żvilupp u l-istudju ta' fattibbiltà tnieda f'Awwissu 2007 fuq il-bażi ta' kuntratt mit-22 ta' Awwissu 2007. Kuntratt għall-akkwist tat-tagħmir tad-dawl ġie ffirmsat f'Ottubru 2008. Għalhekk id-deċiżjoni dwar it-titjib fit-tagħmir tad-dawl ittieħdet qabel l-iffirmar tal-Ftehimiet tal-2008. Abbażi ta' dan, huwa raġonevoli li wieħed jassumi li l-impenn tal-Ftehim Operazzjonali biex jiġi ffinalizzat l-aġġornament għall-Kategorija II sa tmiem l-2009 kien qed jirreferi għall-aġġornament għall-Kategorija II immirat lejn it-tagħmir tad-dawl li kien digħi deċiż.
- (376) Rigward l-impenn li jiġi żgurat l-għadd meħtieġ ta' postijiet ta' parkeġġ għall-passiġġeri (il-premessa (372)(iii)), il-Kummissjoni tinnota li l-investiment fil-parkeġġi sar fl-2007 u wara l-iffirmar tal-MtQ u matul il-perjodu tal-applikazzjoni tiegħi ma sar l-ebda investiment ieħor fil-parkeġġ.
- (377) Rigward l-impenn li minn stand tal-ingħenja tal-ajru wieħed disponibbi fi Frar 2009 ikun hemm tnejn jew tliet stands tal-ingħenji tal-ajru minn Ottubru 2009 (il-premessa (372)(iv)), ix-xogħlijiet biex tiġi estiżha r-rampa tal-ajrūport ittieħdet f'Ottubru 2007 u x-xogħlijiet saru matul l-2007, l-2008 u l-2009.
- (378) Konsegwentement, il-Kummissjoni ssib li l-impenji meħuda fil-Memorandum ta' Qbil u l-Ftehim Operazzjonali ma twettqux jew ma ttiħditx deċiżjoni dwarhom qabel id-data tal-Ftehimiet tal-2008. Ma sar l-ebda investiment li kien dovut għall-preżenza ta' Wizz Air fl-ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara.
- (379) Il-Kummissjoni tinnota li r-Rapport ta' Oxera inkluda l-kostijiet ta' deprezzament inkrementali tal-investimenti li saru mir-riżorsi proprij tal-Maniġer tal-ajrūport ibbażati fuq is-sehem mistenni ta' Wizz Air fil-kapaċità tal-ajrūport. Madankollu, kif spiegat hawn fuq, il-Kummissjoni ssib li l-Maniġer tal-ajrūport ma kellu jħallas l-ebda kost ta' investiment minħabba l-preżenza tal-linjal-ajru fl-ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara. Konsegwentement, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-analiżi ma għandhiex tinkludi xi kostijiet ta' deprezzament assoċjati mal-Ftehimiet tal-2008.
- (380) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-kostijiet, id-dħul u l-profitti inkrementali li setgħu kienu mistennija dak iż-żmien meta ġew issfirmati l-Ftehimiet tal-2008 kif ikkalkulati mill-ġdid mill-Kummissjoni abbażi tar-Rapport ta' Oxera huma miġbura fil-qosor fit-Table 17.

<sup>(93)</sup> Skont ir-Rumanja, il-Ftehim Operazzjonali li rreveda l-impenn fil-Memorandum ta' Qbil ippreveda azzjonijiet legalment vinkolanti filwaqt li l-Memorandum ta' Qbil għandu biss natura volontarja (l-ebda azzjoni ma kienet prevista).

<sup>(94)</sup> Ara <https://aerotim.ro/istoric-ait>.

**Tabella 17: Id-dħul inkrementali, il-kostijiet inkrementali u l-profitti inkrementali ta' Oxera mistennija mill-Itthemiet tal-2008 – ikkalkulati mill-ġdid mill-Kummissjoni Ewropea**

(RON '000s)		2008	2009	2010	2011
Numru ta' passiġġieri ta' Wizz Air li jitilqu	[A]	5 586,9	100 000	150 000	164 931,5
Dħul minn attivitajiet ajrunawtiċi	[B]	255	4 564,7	6 824,4	7 507,3
Dħul minn attivitajiet mhux ajrunawtiċi	[C]	112,4	2 084,7	3 241,1	3 693,8
Dħul inkrementali totali	[D] = [B] + [C]	367,4	6 649,4	10 065,5	11 201,1
Kostijiet operatorji	[E]	47,4	879,1	1 366,8	1 557,7
Kostijiet tal-kummerċjalizzazzjoni	[F]	29,6	2 955,7	4 410,9	4 853,6
Total tal-kostijiet inkrementali	[G] = [E] + [F]	76,9	3 834,8	5 777,7	6 411,2
Profitti inkrementali	[H] = [D] - [G]	290,4	2 814,6	4 287,8	4 789,9
Fattur ta' skont		1	0,8	0,7	0,6
<b>VPN</b>		<b>8 786,8</b>			

- (381) B'konklużjoni għar-Rapport ta' Oxera kif ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni, il-Ftehimiet tal-2008 kienu mistennija li jkunu profitabbli b'mod inkrementali għall-Maniġer tal-Ajruport.

Analiżi tal-profittabbilità *ex ante* ta' Carpatair tal-Ftehimiet tal-2008

## *L-istudju ta' Carpatair*

- (382) Fl-10 ta' Novembru 2014, Carpatair ressjet studju lill-Kummissjoni li jistabbilixxi l-fehma ta' Carpatair dwar l-analiżi *ex ante* u l-valutazzjoni tal-konformità mat-test tal-MEO tal-Maniġer tal-Ajrūport meta stabbilixxa l-arranġament ma' Wizz Air fil-25 ta' Ġunju 2008.
  - (383) L-istudju ppreżenta xenarju bażi li huwa x-xenarju fejn ma kien jeżisti l-ebda ftehim ma' Wizz Air u kien hemm tliet xenarji li assumew l-eżistenza tal-ftehimiet ma' Wizz Air (xenarju ottimist, realistiku u pessimist).
  - (384) Carpatair tassumi li fin-nuqqas ta' kwalunkwe impenn mil-linja tal-ajru fir-rigward ta' ċertu perjodu ta' żmien biex iżżomm l-operazzjonijiet tagħha, il-ftehim ma għandux tul ta' żmien definit u t-tul xieraq tal-analiżi tal-profittabbiltà huwa l-perjodu ta' żmien tal-Pjan ta' Żvilupp li kopra l-perjodu sal-2015. Abbażi ta' din il-kunsiderazzjoni, l-iskeda ta' żmien tal-analiżi inkluża fl-istudju tagħha hija bejn l-2009 u l-2015.

**Tabella 18: Xenarju “BAŻI”: dħul, kostijiet, flussi tal-flus**

	Sena Bażi 2008	Sena 1 2009	Sena 2 2010	Sena 3 2011	Sena 4 2012	Sena 5 2013	Sena 6 2014	Sena 7 2015
	Stima	Previżjoni	Previżjoni	Previżjoni	Previżjoni	Previżjoni	Previżjoni	Previżjoni
Rata tat-Tkabbir		4 %	10 %	10 %	10 %	10 %	10 %	10 %
<b>Passiġġieri, inkluż</b>	<b>887 630</b>	<b>921 082</b>	<b>1 013 190</b>	<b>1 114 509</b>	<b>1 225 960</b>	<b>1 348 556</b>	<b>1 483 412</b>	<b>1 631 753</b>
O&D Timišoara Pax	579 032	600 854	660 939	727 033	799 736	879 710	967 681	1 064 449
Trasferiment Pax	308 598	320 228	352 251	387 476	426 224	468 846	515 731	567 304
<u>Analiżi statistika tal-Passiġġieri għal kull Trasportatur:</u>								
Carpatair O&D Timišoara	257 739	267 452	294 198	323 617	355 979	391 577	430 735	473 808
Trasferiment Carpatair	308 598	320 228	352 251	387 476	426 224	468 846	515 731	567 304
Tarom	144 311	149 750	164 725	181 197	199 317	219 248	241 173	265 291
Lufthansa	46 947	48 716	53 588	58 947	64 841	71 326	78 458	86 304

Austrian Airlines	52 421	54 397	59 836	65 820	72 402	79 642	87 606	96 367
Trasportaturi Oħra	77 614	80 539	88 593	97 452	107 197	117 917	129 709	142 680
<u>L-imposti kollha inklużi, EUR/PAX</u>								
O&D Timișoara Pax	29,0	29,0	29,0	29,0	29,0	29,0	29,0	29,0
Trasferment Pax	1,50	1,50	1,50	1,50	1,50	1,50	1,50	1,50
<i>Nota: l-Imposta O&amp;D Timișoara Pax tinklejti l-imposti relatati mal-inġenji tal-ajru (l-imposta tal-inžil, id-dawl, il-parkeġġ, l-immaniġġjar) u dħul ieħor mhux mill-avjazzjoni</i>								
<b>Dħul Nett Totali, EUR</b>	<b>8 615 136</b>	<b>8 939 814</b>	<b>9 833 793</b>	<b>10 817 172</b>	<b>11 898 891</b>	<b>13 088 780</b>	<b>14 397 662</b>	<b>15 837 426</b>
<u>Analiżi Statistika tad-Dħul Nett għal kull Trasportatur:</u>								
Carpatair O&D Timișoara	3 731 751	3 872 389	4 259 627	4 685 590	5 154 149	5 669 564	6 236 522	6 860 174
Trasferment Carpatair	231 449	240 171	264 188	290 607	319 668	351 634	386 798	423 478
Tarom	2 089 450	2 168 195	2 385 014	2 623 515	2 885 867	3 174 454	3 491 900	3 841 089
Lufthansa	679 736	705 353	775 888	853 477	938 825	1 032 708	1 135 979	1 249 576
Austrian Airlines	758 993	787 597	866 357	952 992	1 048 292	1 153 121	1 268 433	1 395 276
Trasportaturi Oħra	1 123 757	1 166 108	1 282 719	1 410 991	1 552 090	1 707 299	1 878 029	2 065 832
Kostijiet Totali bħala % tad-Dħul Totali	82,0 %	82,0 %	82,0 %	82,0 %	82,0 %	82,0 %	82,0 %	82,0 %
<b>Kostijiet Totali, EUR</b>	<b>7 065 242</b>	<b>7 331 509</b>	<b>8 064 658</b>	<b>8 871 124</b>	<b>9 758 237</b>	<b>10 734 061</b>	<b>11 807 470</b>	<b>12 988 216</b>
<u>Analiżi statistika tal-kostijiet għal kull Trasportatur:</u>								
Carpatair O&D Timișoara	3 060 396	3 175 732	3 493 305	3 842 635	4 226 899	4 649 589	5 114 549	5 626 004
Carpatair Transfer	189 810	196 963	216 660	238 326	262 158	288 374	317 212	348 933
Tarom	1 713 550	1 778 129	1 955 941	2 151 535	2 366 689	2 603 358	2 863 694	3 150 063
Lufthansa	557 449	578 458	636 303	699 934	769 927	846 920	931 612	1 024 773
Austrian Airlines	622 447	645 906	710 496	781 546	859 700	945 670	1 040 238	1 144 261
Trasportaturi Oħra	921 589	956 321	1 051 953	1 157 148	1 272 863	1 400 150	1 540 165	1 694 182
<b>Profit Qabel it-Taxxa, EUR</b>	<b>1 549 894</b>	<b>1 608 305</b>	<b>1 769 135</b>	<b>1 946 048</b>	<b>2 140 653</b>	<b>2 354 719</b>	<b>2 590 191</b>	<b>2 849 210</b>
CAPEX, EUR	0	0	0	5 679 646		0	0	0
<b>Xenarju tal-Fluss tal-Flus Attwali, EUR</b>	<b>1 549 894</b>	<b>1 608 305</b>	<b>1 769 135</b>	<b>- 3 733 598</b>	<b>2 140 653</b>	<b>2 354 719</b>	<b>2 590 191</b>	<b>2 849 210</b>

(385) Fix-xenarju bażi, jiġifieri “L-ebda arranġament ta’ Wizz Air”, l-investiment fil-PCN (numru ta’ klassifikazzjoni tal-paviment), it-tishiħiż tal-infrastruttura taż-żona tal-ajru kien ikkunsidrat bħala meħtieġ biss fl-2011 u ma ġiex ikkunsidrat li kien hemm bżonn ta’ investiment fiż-żieda tal-kapaċċità tat-terminal (ara l-premessa (388) għal aktar spjegazzjonijiet).

(386) Ma ntużat l-ebda rata ta’ skont u l-ebda VPN ma ġie kkalkulat għax-xenarju bażi.

(387) Kif spjegat hawn fuq, l-istudju ta’ Carpatair jippreżenta tliet xenarji taħt l-ipoteżi “Arranġament ma’ Wizz Air”. Il-Kummissjoni se tippreżenta faktar dettall ix-xenarju realistiku (⁹⁵).

**Tabella 19: Xenarju realistiku “Dħul Farranġament ma’ Wizz Air”: profiti, kostijiet, flussi tal-flus**

Sena Bażi 2008 Stima	Sena 1 2009 Previżjoni	Sena 2 2010 Previżjoni	Sena 3 2011 Previżjoni	Sena 4 2012 Previżjoni	Sena 5 2013 Previżjoni	Sena 6 2014 Previżjoni	Sena 7 2015 Previżjoni
Profit Inkrementali minn Wizz Air, EUR	0	- 375 518	- 558 394	- 733 496	- 813 040	- 914 694	- 1 042 962
CAPEX Inkrementali minħabba Wizz Air, EUR	5 679 646	3 000 000	10 000 000	11 320 354	0	0	0

(⁹⁵) L-unika differenza bejn it-tliet xenarji hija l-livell ta’ dħul stmat minn attivitajiet ajrunawti. Abbażi tal-kunsiderazzjoni li 50 % tat-traffiku attwali ta’ oriġini u ta’ destinazzjoni ta’ Carpatair fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Timișoara huwa friskju li jiġi ttrasferit minn Carpatair għal Wizz Air, fix-xenarju ta’ suppożizzjoniċi realistiċi, l-istudju kkunsidra li 50 % ta’ dan it-traffiku jiġi ttrasferit minn Carpatair għal Wizz Air, fix-xenarju ottimist ta’ 25 % u fix-xenarju pessimist ta’ 75 %.

<b>Fluss tal-Flus Inkrementali, EUR</b>	<b>- 5 679 646</b>	<b>- 3 375 518</b>	<b>- 10 558 394</b>	<b>- 12 053 850</b>	<b>- 813 040</b>	<b>- 914 694</b>	<b>- 1 042 962</b>	<b>- 1 194 727</b>
Fluss tal-Flus Inkrementali, kumulattiv	- 5 679 646	- 9 055 164	49 613 558	- 31 667 408	- 32 480 449	- 33 395 142	- 34 438 104	35 632 832
Rata ta' Reddito Meħtieġa (Il-Kost tal-Kapital)	8,0 %	8,0 %	8,0 %	8,0 %	8,0 %	8,0 %	8,0 %	8,0 %
Fattur ta' Skont	1,00	0,93	0,86	0,79	0,74	0,68	0,63	0,58
<b>Valur Preżenti, EUR</b>	<b>- 5 679 646</b>	<b>- 3 125 480</b>	<b>- 9 052 121</b>	<b>- 9 568 735</b>	<b>- 597 609</b>	<b>- 622 525</b>	<b>- 657 243</b>	<b>- 697 112</b>
Valur Preżenti kumulattiv	- 5 679 646	- 8 805 126	- 17 857 247	- 27 425 982	- 28 023 591	- 28 646 116	- 29 303 359	30 000 471
		Kundizz-joni	Stat					
<b>Valur Preżenti Nett (VPN), EUR</b>	<b>- 30 000 471</b>	<b>0</b>	<b>MHUX OK</b>					
Rata ta' Reddito Interna (IRR)	#NUM!	>=8 %	MHUX OK					
Perjodu ta' ħlas lura, Snin	Qatt	< 7 snin	MHUX OK					
Perjodu ta' Ħlas lura skontat, Snin	Qatt	< = 7 snin	MHUX OK					

(388) Ir-riżultati fit-Table 19 kienu bbażati fuq il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

- In-numru mistenni ta' passiġġieri ta' Wizz Air ġie preżunt abbażi ta' dan li ġej:

- (a) L-istudju jippreżenta l-previżjoni tat-traffiku tal-ajrūport mill-pjan ta' żvilupp 2005 - 2015 ippreżentat f'Marzu 2005 kif ukoll il-previżjonijiet aġġornati tat-traffiku inklużi fil-pjan ta' żvilupp 2005 - 2015 ippreżentat f'Marzu 2006. Peress li l-pjan ta' żvilupp sussegwenti semma l-possibbiltà li jiġu attirati linji tal-ajru bi prezziżjet baxxi, l-istudju ta' Carpatair assuma li ż-żieda addizzjonali fit-traffiku preżunta fil-pjan ta' żvilupp sussegwenti meta mqabbel mal-pjan ta' żvilupp minn Marzu 2005 kellha tiġi attribwita għall-wasla mistennija ta' LCC/Wizz Air.
- (b) L-istudju jassumi li 25 % tat-total tat-traffiku ta' oriġini u ta' destinazzjoni ta' Carpatair se jmur għal Wizz Air (⁹⁶).
- Abbażi tan-numru stmat ta' passiġġieri, l-ammont miżimum kien ikkunsidrat ta' EUR 4 għal kull passiġġier li jitlaq fl-2009 u EUR 3,5 għal kull passiġġier li jitlaq mill-2010 sal-2015.
- Id-dħul mhux minn attivitajiet ajrunawtiċi kien stmat għal EUR 1 għal kull passiġġier imbarkat peress li, skont l-istudju, dan kien l-ammont riċevut bħala dħul mhux minn attivitajiet ajrunawtiċi mill-ajrūport minn trasportaturi oħra li joperaw destinazzjonijiet minn punt sa punt fl-2007.
- Filwaqt li Carpatair kienet tal-fehma li t-tariffi tas-sigurtà għandhom jiġu kkunsidrati bħala dħul minn attivitā mhux ekonomika u għandhom jiġu esklużi mid-dħul minn attivitajiet ajrunawtiċi li jirriżultaw minn attivitajiet ekonomiċi, l-istudju jassumi tariffi tas-sigurtà u kostijiet tas-sigurtà ta' EUR 2 għal kull passiġġier.
- L-istudju jassumi kostijiet varjabbli inkrementali ta' EUR 70 għal kull moviment għas-servizzi bażiċi tal-immaniġġjar tal-ingħenji tal-ajru (fjuwil, konsumabbi) u l-kostijiet tal-elettriku għad-dawl.
- L-istudju jikkunsidra li sabiex Wizz Air tkun tista' topera fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara b'ajrulpani tqal (MTOW 71t), qabel il-bidu tal-operazzjonijiet ta' tishħih tal-PCN (numru ta' klassifikazzjoni tal-paviment) ta' Wizz Air, l-ajrūport kelli jwettaq xogħlijiet għar-ranw, it-taxxiways u r-rampa. Carpatair temmen li dawn l-investimenti għal xogħlijiet għat-tishħiħ tal-PCN għandhom jitqiesu bħala kostijiet inkrementali assoċjati mal-preżenza ta' Wizz Air fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara. Dan huwa dovut għall-fatt li, skont Carpatair, f'dak iż-żmien, it-trasportaturi l-oħra kollha kieno joperaw fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara b'ingieni tal-ajru ħafna ehfet li ma kinu jahekkie żieda fil-PCN tal-infrastruttura taż-żonna tal-ajru. Skont Carpatair, rapport li l-Maniġer tal-Ajrūport irċieva f'Marzu 2007 (⁹⁷) ikkalkula li biex jiġi aċċettati ingieni tal-ajru itqal, l-investiment għat-tishħiħ tal-PCN jammonta għal RON 19 137 000 (EUR 5 679 646). L-istudju ta' Carpatair jikkunsidra dan l-ammont bħala kost inkrementali minħabba l-preżenza ta' Wizz Air fl-Ajrūport fl-2008 (peress li jikkunsidra li dan it-titħib tal-PCN kelli jsir qabel ma bdew l-operazzjonijiet ta' Wizz Air).

(⁹⁶) Ara wkoll in-nota 101 f'iegħi il-paġna.

(⁹⁷) Studju IPTANA tal-infrastruttura taż-żonna tal-ajru tal-ajrūport ta' Timišoara 2006.

- Minħabba l-impenji fil-MtQ biex il-kapaċità tat-terminal tiżdied għal tliet miljun passiġġier fis-sena, l-investiment mat-terminal ukoll huwa kkunsidrat bħala kost inkrementali assoċċat mal-preżenza ta' Wizz Air (dan l-investiment huwa stmat għal EUR 3 miljun fl-2009, EUR 10 miljun fl-2010 u EUR 17 miljun fl-2011). L-istudju li jispjega dawn l-istimi ta' nfiq kapitali biex jinbena t-terminal tal-passiġġieri kien ibbażat fuq id-Deċiżjoni tal-Gvern 1212/2007 tal-4 ta' Ottubru 2007 li tapprova l-pjan ta' żvilupp strateġiku tal-ajrport ta' Marzu 2006.
- Ir-rata ta' skont preżunta kienet ta' 8 % <sup>(98)</sup>.

(389) Abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-VPN ta' seba' snin ġie stmat għal EUR - 30 000 471 <sup>(99)</sup>. Għalhekk, l-istudju sab li, abbażi tax-xenarju realistiku l-ftehim ma' Wizz Air ma kienx profitabbli u, għalhekk, ma kienx konformi mal-MEOP <sup>(100)</sup>.

#### *Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-istudju ta' Carpatair*

(390) Il-Kummissjoni ssib li l-istudju ta' Carpatair huwa bbażat fuq numru ta' suppożizzjonijiet li ma jidhrux raġonevoli, inklużi dawn li ġejjin:

- Għar-raġunijiet spjegati fil-premessa (335), il-Kummissjoni ssib li l-qafas ta' żmien għall-valutazzjoni tal-analiżi tal-profitabbiltà għandu jkun limitat għat-tul ta' żmien inizjali tal-Ftehimiet tal-2008 u, għalhekk, għandu jkun iqsar minn seba' snin. Barra minn hekk, il-perjodu 2009 - 2015 użat fl-istudju ta' Carpatair huwa allegatament ibbażat fuq il-Pjan ta' Żvilupp li, madankollu, kopra l-perjodu 2006 - 2015 kollu. Għalhekk, il-perjodu ta' żmien ikkunsidrat fl-istudju jidher arbitrarju u la jirrifletti t-tul tal-Pjan ta' Żvilupp, u lanqas id-durata tal-Ftehimiet tal-2008.
- In-numru ta' passiġġieri ta' Wizz Air huma preżunti li jiżdiedu b'292 590 passiġġier mill-2009 sal-2010 fix-xenarju realistiku, b'276 743 fix-xenarju pessimist u b'300 513 fix-xenarju ottimist. Dawn iż-żidiet għat-traffiku ta' Wizz Air huma akbar miż-żieda tat-traffiku globali fl-Ajruport previst fil-Pjan ta' Żvilupp minn Marzu 2006 (jiġifieri żieda ta' 253 423 passiġġier mill-2009 sal-2010). L-istudju jidher li jissuġġerixxi li tali żieda hija parżjalment dovuta għal bidla ta' passiġġieri ta' Carpatair għal Wizz Air fuq rotot kompetituri. Madankollu, fit-tliet xenarji kollha ż-żieda globali fl-għadd ta' passiġġieri stmati fl-Ajruport Internazzjonali ta' Timišoara hija ta' 359 490 mill-2009 sal-2010, li hija wkoll akbar miż-żieda prevista fil-Pjan ta' Żvilupp għat-traffiku globali fl-Ajruport Internazzjonali ta' Timišoara (li, kif digħi ssemmha kien ta' 253 423 passiġġier). Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-Pjan ta' Żvilupp ippreveda bħala skattatur ewljeni għaż-żieda fit-traffiku, influwenza pożittiva mill-adejżjoni tar-Rumanja fl-UE fl-2007. Għalhekk il-Kummissjoni tiddubita jekk iż-żieda fil-previżjoni tat-traffiku kif stabbilit fil-pjan ta' żvilupp oriġinali ta' Marzu 2005 meta mqabbel mal-Pjan ta' Żvilupp ta' Marzu 2006 setgħet tkun kompletament attribwita lil linji tal-ajru bi prezziżjet baxxi, jew b'mod partikolari lil Wizz Air. Konsegwentement, il-Kummissjoni ssib li din is-suppożizzjoni tqajjem dubji dwar l-affidabbiltà tal-kalkoli inklużi fl-istudju.
- Is-suppożizzjoni bażika tal-istudju tirrigwarda l-istima dwar liema partijiet tal-kostijiet ta' investiment, jekk ikun hemm, għandhom ikunu attribwiti lil Wizz Air. Din is-suppożizzjoni hija fundamentali għall-kalkoli kumplessivi tal-profitabbiltà tal-arrangġament inkwistjoni. Għar-raġunijiet spjegati fil-premessa (372) sa (378), il-Kummissjoni ssib li l-ebda kost ta' investiment inkrementali ma għandu jiġi attribwit mal-preżenza ta' Wizz Air fl-Ajruport Internazzjonali ta' Timišoara. Għalhekk, l-approċċ fl-istudju li bih l-investimenti fil-bini l-ġdid tat-terminal u fit-tiġi tal-PCN tal-infrastruttura taż-żona tal-ajru għandhom jiġi kkunsidrat bħala kostijiet inkrementali, mhuwiex aċċettabbli. Barra minn hekk, ir-Rumanja sostniet li l-linjja tal-ajru TAROM kienet tuża wkoll ajruplani ta' aktar minn 70 MTOW (tunnellati). Għalhekk, is-suppożizzjoni tal-istudju li l-investimenti fit-tiġi tal-PCN tar-runway, it-taxiway u r-rampa jiġi attribwiti lil Wizz Air ma tidhrix raġonevoli.

<sup>(98)</sup> Skont l-istudju, il-kostijiet medji tal-kapital fl-industria tal-linji tal-ajru matul l-2002 u l-2009 kienu fil-medda ta' 7 - 10 %.

<sup>(99)</sup> Il-VPN ġie stmat għal EUR - 32 061 035 għax-xenarju pessimist u EUR - 25 879 341 għax-xenarju ottimist.

<sup>(100)</sup> Minħabba li instab li arrangiament ma' Wizz Air ex ante ma kienx profitabbli, l-istudju ta' Carpatair ikkunsidra wkoll bħala alternattiva għal arrangiament bħal dan, xenarju fejn għajnejna tal-bidu għat-tnejha ta' rotot ġodda nghatil lil Wizz Air (abbażi tal-Linji Gwida dwar l-Avajazzjoni tal-2005). Dan ix-xenarju assumma inter alia li l-appoġġ ta' kummerċjalizzazzjoni kelle jingħata biss għal rotot ġodda għal tliet snin, li l-ebda passiġġier ma kien se jaqleb minn Carpatair għal Wizz Air u li n-nefqa kapitali meħtieġa tkun aktar baxxa b'mod sinifikanti. Abbażi ta' din is-suppożizzjoni, f-xenarju ta' għajnejna tal-bidu bħal dan, l-istudju kkalkula VPN ta' 1 977 176 fuq seba' snin.

- (391) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-istudju jassumi l-flussi tal-flus inkrementali bħala d-differenza bejn il-fluss tal-flus mix-xenarju bażi u l-flussi tal-flus mit-tliet xenarji li jassumu ftehim ma' Wizz Air. Madankollu, l-istudju ma jikkalkulax il-fluss tal-flus inkrementali b'dan il-mod u kull xenarju li jassumi ftehim ma' Wizz Air għandu l-kalkoli tal-flussi tal-flus inkrementali tiegħu stess (mhux b'paragon max-xenarju bażi). Għalhekk dan iqajjem aktar dubji dwar il-konklużjonijiet tal-istudju relatati mad-data.
- (392) Għalhekk, il-Kummissjoni ssib li l-analiżi tal-profitabbiltà *ex ante* pprovduta minn Carpatair ma tistax tintuża bħala prova għan-nuqqas ta' konformità tal-Ftehimiet tal-2008 mal-MEOP.

#### Studji ta' profitabbiltà *ex post* għall-Ftehimiet tal-2008

- (393) Il-profitabbiltà mistennija tal-Ftehimiet tal-2008 ma' Wizz Air hija appoġġata minn studji *ex post*, li ġew ipprovdu lill-Kummissjoni minn:
- Oxera;
  - L-Universită Politeknika ta' Timișoara; u
  - RBB.
- (394) Il-Kummissjoni se tiprovo hawn taħt deskrizzjoni qasira ta' dawn l-istudji *ex post* bħala evidenza komplementari għas-sejbiet tal-istudji *ex ante*. Madankollu, l-analiżi *ex ante* tal-profitabbiltà tibqa' l-evidenza deċiżiva fil-konformità tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni mal-MEOP.

#### Oxera

- (395) Fis-27 ta' Ottubru 2011, Oxera ssottomettiet rapport *ex post* imħejji għal Wizz Air. Ir-rapport ta' Oxera kkalkula l-kostijiet u d-dħul inkrementali li ġejjin b'rabta mal-Ftehimiet tal-2008:

**Tabella 20: Dħul għal kull tluq tal-passiġġier ta' Wizz Air 2008-2010 (EUR)**

Kategorija	2008	2009	2010
<b>Dħul minn attivitajiet ajrunawtiċi<sup>1</sup></b>			
Imposti tal-inżul <sup>2</sup>	2,50	2,00	2,00
Imposti tal-immaniġġjar <sup>2</sup>	0,99	0,99	0,99
Imposti tal-passiġġieri imbarkati	8,00	6,40	5,04
Imposti tal-PRM	0,20	0,20	0,20
Imposti tas-sigurtà	10,00	10,00	10,00
<b>Dħul minn attivitajiet mhux ajrunawtiċi</b>	<b>0,78</b>	<b>1,16</b>	<b>1,74</b>
<b>Dħul totali</b>	<b>22,47</b>	<b>20,75</b>	<b>20,70</b>

Nota: <sup>1</sup> Id-dħul minn attivitajiet ajrunawtiċi huwa muri wara skontijiet u rimborżi ta' imposti u qabel il-pagamenti ta' kummerċjalizzazzjoni. Huwa preżjunt li 50 % tad-dħul mill-imposti tal-inżul huwa sogħett għal skontijiet stabbilis fl-AIP. <sup>2</sup> Dħul minn attivitajiet ajrunawtiċi minn imposti li huma relatati ma' movimenti tat-traffiku tal-ajru jew piż (jigħiġi imposti tal-inżul u tal-groundhandling) ġie stmat bl-użu ta' numri tal-passiġġieri tar-riżultati u jekk wieħed jassumi li ntuża ingeñu tal-ajru Airbus A320-200 b'72 tunnellata MTOW u b'kapaċità ta' 180 post jekk ikun hemm fattur ta' tagħbjja ta' 84 %. Dan jirrappreżenta l-fattur medju tat-tagħbija ta' Wizz Air fl-2010 (għal aktar dettalji, ara [http://wizzair.com/about\\_us/news/#wizen068](http://wizzair.com/about_us/news/#wizen068)).

Sors: Analiżi ta' Oxera, abbażi ta' data li waslet mingħand il-Maniġer tal-Ajrport.

**Tabella 21: Kostijiet mistennija assoċjati mal-Ftehimiet tal-2008 (EUR)**

Kategorija	2008	2009	2010
<b>Kostijiet operatorji</b>			
Personal	1,56	1,56	1,56
Enerġija	0,70	0,70	0,70
Materjali	- 0,45	- 0,45	- 0,45
Servizzi u OPEX oħra	1,65	1,65	1,65

<b>Kostijiet tal-kummerċjalizzazzjoni</b>	<b>13,70</b>	<b>15,59</b>	<b>14,95</b>
<b>Kost ta' investiment</b>	<b>0,89</b>	<b>0,87</b>	<b>2,06</b>
<b>Kost totali</b>	<b>18,04</b>	<b>19,92</b>	<b>20,47</b>

Sors: Analiżi ta' Oxera, abbażi ta' *data* li waslet mingħand il-Maniġer tal-Ajrūport.

(396) Ir-riżultati fit-Table 20 u fit-Table 21 huma bbażati fuq il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

- Id-dħul minn attivitajiet ajrunawtiċi huwa stmat fuq il-bażi ta' taħlita ta' approċċ *ex post* u *ex ante*. Dan huwa bbażat fuq l-għadd ta' passiġġieri u tlugħ u nżul attwali ta' Wizz Air (perspettiva *ex post*). L-iskontijiet huma stmati permezz ta' approċċ *ex ante*. Id-dħul minn attivitajiet ajrunawtiċi jassumi skont ta' 25 % għall-imposti tal-inżul (<sup>101</sup>) u skont ta' 20 % għall-imposti tal-passiġġieri imbarcati fl-2009 u skont ta' 30 % fl-2010 (fl-2008 ma ġie preżunt l-ebda skont fuq l-imposti tal-inżul minħabba n-numru żgħir ta' tlugħ u nżul ta' Wizz Air f'dik is-sena). L-imposti tad-dawl u tal-parkeġġ għall-ingħenji tal-ajru huma eskużi peress li Oxera kienet tal-fehma li ma kienx possibbli li jiġi aċċertat sa liema punt investitur privat seta' kkunsidra d-ħħul minn dawn iż-żewġ tipi ta' imposti. L-imposti tas-sigurtà huma inklużi.
- Ittieħed approċċ *ex ante* biex jiġi stmat id-ħħul mhux minn attivitajiet ajrunawtiċi (eż. relataż mal-parkeġġ tal-karozzi, il-kiri tal-karozzi, ir-ristoranti). Dan kien preżunt fl-ewwel sena, jiġifieri l-2008, bħala ġeneralment daqs id-ħħul mhux minn attivitajiet ajrunawtiċi akkumulat mil-linji tal-ajru (<sup>102</sup>) minbarra Wizz Air fl-istess sena (jiġifieri madwar EUR 0,78 għal kull passiġġier li jitlaq). Għall-2009 u l-2010, ġie preżunt li d-ħħul minn attivitajiet mhux ajrunawtiċi għal kull passiġġier żdied b'50 % fis-sena, skont it-tkabbir reali tad-ħħul minn attivitajiet mhux ajrunawtiċi fl-ajrūport fl-2008.
- Rigward il-kostijiet operatorji inkrementali, il-kostijiet li jvarjaw skont in-numru ta' passiġġieri (<sup>103</sup>) (il-kost tal-persunal, il-kost tal-materjali u l-kostijiet ta' servizzi mixtriha u nefqa operazzjonali oħra) ġew attribwiti lil Wizz Air fi proporzjon mas-sehem tal-linja tal-ajru ta' tluq tal-passiġġieri. Skont Oxera, il-kostijiet tas-sigurtà huma inklużi fil-kostijiet operatorji inkrementali. Il-kalkolu huwa bbażat fuq *data* tar-riżultati għall-kostijiet operatorji u għalhekk huwa *ex post*.
- Il-pagamenti ta' kummerċjalizzazzjoni ġew ikkalkulati skont il-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni bbażat fuq in-numru attwali ta' passiġġieri ta' Wizz Air u b'kunsiderazzjoni tal-ammont tat-tariffi tal-ajrūport stmati kif spjegat hawn fuq.
- Ittieħed approċċ *ex post* għall-kalkolu tal-kostijiet ta' investiment inkrementali, li huma bbażati fuq id-data dwar l-investimenti għall-perjodu 2007-2010 ipprovduta mill-ajrūport. L-investimenti ffinanzjati mill-Istat għall-bini tat-terminal u t-tagħmir tas-sigurtà ma ġewx attribwiti lil Wizz Air. Skont Oxera, dawn kienu kostijiet li kien se jkollhom jithallu irrispettivament mill-preżenza ta' Wizz Air peress li kienu dovuti minħabba l-obbligu tar-Rumanija li tissodisfa r-rekwiżit għall-adeżżejoni maż-żona Schengen. Il-kostijiet ta' deprezzament għall-investimenti ffinanzjati permezz tar-riżorsi proprii tal-ajrūport ġew ikkunsidrati u ġew allokat b'mod proporzjonat għas-sehem tal-passiġġieri ta' Wizz Air fil-kapaċità tal-passiġġieri tal-ajrūport. Il-kapaċità tal-passiġġieri għiet stmata li hija ugħalli għan-numru massimu ta' passiġġieri mmaniegħi fl-ajrūport matul il-perjodu 2007 - 2010 billi Oxera feħmet mill-Maniġer tal-Ajrūport li fil-mument tal-istudju (Ottubru 2011) l-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara kien qed jopera b'kapaċità sħiħa fir-rigward tal-movimenti tat-traffiku tal-ajru.

(397) Abbażi tal-kostijiet u d-ħħul ta' hawn fuq, Oxera sabet li l-Ftehimiet tal-2008 kien profittabbi b'mod inkrementali. Il-profitt għal kull passiġġier (jiġifieri l-kontribuzzjoni inkrementali għal kull passiġġier ikkalkulata bħala d-differenza bejn l-istimi tad-ħħul u l-kostijiet inkrementali) jidher fit-Table 22.

(<sup>101</sup>) Skont Oxera, dan huwa ekwivalenti għall-preżunzjoni li 50 % tat-traffiku ta' Wizz Air huwa relataż ma' rotot ġoddha u għalhekk jibbenfika minn skont ta' 50 % fuq l-imposti tal-inżul, filwaqt li jidhal talab l-imposti kollha tal-inżul.

(<sup>102</sup>) Austrian Airlines, Carpatair, Deutsche Lufthansa, Tarom.

(<sup>103</sup>) Oxera użat analiżi ta' rigressjoni biex tiddetermina l-parti tal-kostijiet li tista' tiġi kkunsidrata fissa fir-rigward tal-bidliet fin-numri ta' passiġġieri u l-parti tal-kostijiet li jvarjaw.

**Tabella 22: Kontribuzzjoni inkrementali assoċjata mal-Ftehimiet tal-2008 (EUR)**

Kategorija	2008	2009	2010
<b>Dħul inkrementali medju għal kull passiġġier li jitlaq</b>	22,47	20,75	20,70
Kost inkrementali medju għal kull passiġġier li jitlaq	18,04	19,92	20,47
Kontribuzzjoni inkrementali għal kull passiġġier li jitlaq	4,43	0,84	0,23
<b>Kontribuzzjoni inkrementali totali</b>	<b>19 404</b>	<b>107 198</b>	<b>37 833</b>

Sors: Analiżi ta' Oxera, abbażi ta' *data* li waslet mingħand il-Maniġer tal-Ajrūport.

- (398) Abbażi tal-kalkoli ta' hawn fuq Oxera sabet li l-Ftehimiet tal-2008 għandhom VPN pożittiv ta' EUR 145 249 matul il-perjodu ta' tliet snin tal-Ftehimiet tal-2008, filwaqt li kkunsidraw rata ta' skont ta' 12,02 %.
- (399) Il-Kummissjoni tinnota li l-valutazzjoni tal-profitabbiltà *ex post* ta' Oxera tħallat flimkien *data ex ante u ex post* għall-kalkolu tad-dħul inkrementali, filwaqt li l-kalkoli tal-kostijiet inkrementali huma kompletament *ex post*.
- (400) Il-Kummissjoni tinnota li kemm l-imposti kif ukoll il-kostijiet tas-sigurtà huma inklużi u tassumi li dan mhux se jaffettwa l-kalkolu kumplessiv tal-profitabbiltà.
- (401) Fir-rigward tad-dħul minn attivitajiet ajrunawtiċi, il-Kummissjoni tinnota li l-imposti tad-dawl u tal-parkeġġ (ta' EUR 2,10 għal kull tunnellata ta' MTWO għal kull użu u EUR 0,15 għal kull tunnellata ta' MTOW għal kull użu rispettivament) huma esklużi mill-kalkoli, li jirrappreżenta approċċ konservattiv. Barra minn hekk, jidher li l-iskont preżunt ta' 20 % għall-imposta tal-passiġġieri imbarkat għall-2009 u ta' 30 % għall-2010 huwa sopravalutat peress li dan ikun jassumi aktar minn 300 000 passiġġier imbarkat fl-2009 u aktar minn 500 000 passiġġier imbarkat fl-2010 li muhuwiex konformi mad-data tar-riżultati għall-passiġġieri ta' Wizz Air. Il-Kummissjoni ssib li, abbażi tad-data tar-riżultati tal-passiġġieri ta' Wizz Air, għall-2008 u l-2009 ma għandu jiġi preżunt l-ebda skont għall-imposta tal-passiġġieri u għandha tiġi preżunta biss rata ta' skont ta' 10 % għall-2010. Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li abbażi tal-formula fil-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni, il-korrezzjoni tal-imposti tal-ajrūport (biex jiġu kkunsidrati l-imposti tad-dawl u tal-parkeġġ u biex tiġi kkoreġuta r-rata ta' skont li għandha tiġi preżonta għall-imposta tal-passiġġieri) twassal għal korrezzjoni simili fil-pagamenti ta' kummerċjalizzazzjoni bl-istess ammont u, ġħalhekk, il-profitabbiltà globali ma tkunx affettwata.
- (402) Dwar il-kostijiet:
- (a) Il-Kummissjoni ssib li l-approċċ għall-kalkolu tal-kostijiet operatorji inkrementali, ibbażat fuq *data* tar-riżultati disponibbli qabel l-iffirmar tal-Ftehimiet tal-2008, huwa raġonevoli.
  - (b) Il-Kummissjoni tinnota li l-istudju inkluda l-kostijiet ta' deprezzament inkrementali tal-investimenti li saru mir-riżorsi propriji tal-Maniġer tal-Ajrūport ibbażati fuq is-sehem mistenni ta' Wizz Air fil-kapaċità tal-ajrūport. Madankollu, kif spjegat fil-premessa (372), il-Kummissjoni ssib li l-ajrūport ma kellu jħallas l-ebda kost ta' investiment minħabba l-preżenza ta' Wizz Air fl-ajrūport. Konsegwentement, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-analiżi ma għandhiex tinxkludi xi kostijiet ta' deprezzament assoċjati mal-ftehimiet.
- (403) Għar-raġunijiet spjegati fil-premessa (401), il-Kummissjoni ssib li b'mod ġenerali l-kostijiet jidhru sopravalutati.
- (404) Madankollu, peress li l-korrezzjoni tad-dħul minn attivitajiet ajrunawtiċi tiskatta korrezzjoni simili tal-pagamenti ta' kummerċjalizzazzjoni, dan ma jaffettwax il-kalkolu tal-profitabbiltà. Barra minn hekk, il-kostijiet jidhru sopravalutati. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-konkużjoni ġenerali tal-istudju ta' Oxera tal-2011 se tibqa' valida u l-VPN jibqa' pożittiv.
- (405) Abbażi tal-premessa (399) sa (404), il-Kummissjoni ssib li r-riżultati tar-rapport ta' Oxera tas-27 ta' Ottubru 2011 rigward il-Ftehimiet tal-2008 huma aċċettabbli.

### L-Università Politeknika ta' Timișoara

(406) Il-Maniġer tal-Ajrūport issottometta analiżi kostijiet-benefiċċi miwettqa mill-Università Politeknika ta' Timișoara f'April 2011. L-analiżi tikkunsidra l-pagamenti ta' kummerċjalizzazzjoni tal-ajrūport lil Wizz Air bħala "investiment" tal-Maniġer tal-Ajrūport biex jintlaħaq l-objettiv li jiżdied in-numru ta' passiġġieri u d-dħul b'mod impliċitu. L-analiżi tikkunsidra żewġ perjodi ta' żmien għal dan l-"investiment", ħames snin (2008-2012) u seba' snin (2008-2014). L-istudju bbaża l-kalkoli tiegħi fuq *data ex post* mill-2008 sal-2010, u stimi għas-sena 2011-2014. Sabiex tivvaluta l-profitabbiltà tal-"*investiment*", l-università kkalkulat il-VPN, billi kkunsidrat erba' elementi:

- Il-kost għall-Maniġer tal-Ajrūport tal-pagamenti annwali ta' kummerċjalizzazzjoni saret skont il-ftehim ma' Wizz Air ta' EUR 77 192,01 fl-2008, EUR 2 051 031,32 fl-2009 u EUR 223 038 fl-2010;
- Il-kost inkrementali għall-Maniġer tal-Ajrūport lejn Wizz Air kien stmat bħala proporzjon tal-kostijiet btotali (1 % fl-2009, 15 % fl-2010, 20 % fl-2011 u 22 % għall-perjodu 2011-2014). Jista' jiġi nnotat li f'kull sena s-sehem tal-kostijiet totali allokati lil Wizz Air huwa ugħalli jew akbar mis-sehem ta' Wizz Air fit-titjiriet totali fl-Ajrūport;
- Fir-rigward tad-dħul riċevut mill-Maniġer tal-Ajrūport minn Wizz Air, id-dħul reali ntuża għall-2008 sal-2010, filwaqt li l-AIP tal-2010 intużat biex jiġi previst dħul futur mill-imposti tal-ajrūport għall-perjodu 2011-2014;
- Ġiet applikata rata ta' skont ta' 5 %

(407) L-analiżi sabet li aktar minn ħames snin (2008-2012), l-"*investiment*" li jinkludi tliet snin ta' nefqa ta' kummerċjalizzazzjoni bil-quddiem bejn l-2008 u l-2010, akkumpanjat minn dħul minn Wizz Air matul il-perjodu ta' ħames snin mill-2008 sal-2012, jiproduci VPN ta' EUR 590 389,80 (madwar RON 2,5 miljun). Fuq perjodu ta' żmien ta' seba' snin (2008-2014), b'kunsiderazzjoni tad-dħul matul il-perjodu 2008 sal-2014, il-VPN jogħla b'mod sinifikanti, għal RON 2 282 687,31 (madwar RON 10 miljun).

(408) Il-Kummissjoni tinnota VPN pożittiv ikkalkulat minn Timișoara Polytechnica. Il-Kummissjoni ssib li l-approċċ għall-allokazzjoni tal-kostijiet globali raġonevoli (daqs jew akbar mis-sehem ta' titjiriet ta' Wizz Air fit-titjiriet totali fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timișoara). Madankollu, l-istudju ma jinkludix dettalji dwar kif ġie kkalkulat id-dħul minn Wizz Air (eż. fuq il-bażi ta' liema skontijiet preżunti u liema *data għat-traffiku tal-passiġġieri u ta' tlugħ u nżul intużat*). Għalhekk, il-Kummissjoni ma għandhiex l-informazzjoni neċċessarja biex tkun tista' tivvaluta jekk l-istimi tad-dħul humiex raġonevoli. Barra minn hekk, l-analiżi tal-profitabbiltà ma tidhix li hija speċifika għall-Ftehimiet tal-2008 u l-Ftehimiet ta' Emenda tal-2010, iżda tkopri perjodu usa'. Għalhekk, il-Kummissjoni ma tistax tibbaża fuq ir-riżultat globali ta' dan l-istudju.

### RBB

(409) Il-Maniġer tal-Ajrūport ppreżenta wkoll studju mħejji minn RBB ikkompilat fis-27 ta' Ottubru 2011. RBB sabet li l-Ftehimiet tal-2008 kienu digħi wrew li kienu profitabbli sal-2010, u setgħu biss ikunu mistennija li jsiru aktar profitabbli peress li l-benefiċċi annwali kontinwi tal-operazzjonijiet ta' Wizz Air fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timișoara komplew jakkumulaw, filwaqt li l-infıq ta' kummerċjalizzazzjoni mħallas fl-2008 sal-2010 waqaf. Skont ir-RBB, il-kostijiet inkrementali li jistgħu jiġi attribwuti lil Wizz Air bejn l-2008 u l-2010 ivarjaw minn EUR 3,5 miljun (RON 15,2 miljun) għal EUR 3,8 miljun (RON 16,8 miljun), skont l-allokazzjoni tal-kostijiet operazzjonali. Dan tqabbel mat-tariffi tal-ajrūport imħalla minn Wizz Air, li wassal għal dħul inkrementali ta' EUR 5,5 miljun (RON 23,9 miljun) b'kollo. Minn dan, kien hemm surplus ta' bejn EUR 2 miljun (RON 8,7 miljun) għal EUR 1,7 miljun (RON 7,1 miljun). Minn dan RBB ikkonkludiet li l-Ftehimiet tal-2008 ipproċuwev redditu pożittiv għall-Maniġer tal-Ajrūport. Dan il-kalkolu ma kkunsidrax id-dħul minn attivitajiet mhux ajrunawtiċi.

(410) RBB sabet ukoll li l-operat ta' Wizz Air tejjeb l-effiċċenza fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timișoara, peress li Wizz Air ġarret għaddi ferm akbar ta' passiġġieri għal kull moviment ta' ingēnu tal-ajru minn linji tal-ajru oħra li joperaw fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timișoara. Dan ġie argumentat li kkontribwixxa għall-profitabbiltà globali tal-Ajrūport mill-2008 sal-2010, peress li d-dħul operattiv totali żidied b'39 %, filwaqt li l-kostijiet operatorji totali żidied bi 22 %. Bl-istess mod, il-profiti tal-operat għal kull passiġġier żidied b'74 %, minn EUR 1,4 (RON 5,9) għal EUR 2,4 (RON 10,25) matul il-perjodu mill-2008 sal-2010.

- (411) Fl-aħħar nett, RBB ikkalkulat li Wizz Air kellha sehem ta' dħul minn attivitajiet ajrunawtiċi proporzjonat ma', jew akbar mis-sehem tagħha kemm tal-passiġġieri kif ukoll tal-movimenti tal-ingēnji tal-aжу fl-Ajruport.
- (412) Rigward l-analiżi tal-kostijiet u tad-dħul inkrementali, il-Kummissjoni tinnota li RBB ibbażat id-dħul minn Wizz Air fuq l-imposti tal-ajruport biss u għalhekk ma tistax tiġi kkunsidrata bħala konservattiva peress li ma tinkludix imposti mhux ajrunawtiċi. Il-Kummissjoni ssib li l-approċċ użat fil-kalkolu tal-kostijiet inkrementali u tad-dħul inkrementali għall-finijiet tas-sej̬ba tal-profittabbiltà inkrementali li tirriżulta mill-Ftehimiet tal-2008 ma' Wizz Air matul il-perjodu 2008-2010 huwa raġonevoli.

#### Konklużjoni dwar il-vantaġġ ekonomiku għall-Ftehimiet tal-2008

- (413) Abbażi tal-istudju *ex ante* ta' Oxera mibni mill-ġdid *ex post* tal-10 ta' Frar 2015, kif ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni (il-premessa (380)) l-arranggament bejn il-Maniġer tal-Ajruport u Wizz Air kien mistenni li jkun profittabbli b'mod inkrementali għall-Maniġer tal-Ajruport. Il-Kummissjoni tinnota li l-istudji *ex post* li saru minn Oxera u RBB iġibu evidenza komplementari għas-sejbiet tal-istudju *ex ante* ta' Oxera.
- (414) Barra minn hekk, hemm indikazzjonijiet, b'mod partikolari bbażati fuq il-Pjan ta' Żvilupp 2006-2015 li l-Ftehimiet tal-2008 ma' Wizz Air kienu parti minn strateġija globali u sforz fit-tul lejn il-profittabbiltà globali tal-ajruport.
- (415) Konsegwentement, il-Kummissjoni ssib li operatur prudenti fekonomija tas-suq kien jidħol farrangamenti bħal dawn. Għalhekk hija tikkonkludi li l-Ftehimiet tal-2008 bejn il-Maniġer tal-Ajruport u Wizz Air ma tawx vantaġġ ekonomiku lil Wizz Air, li kieku ma kinitx tikseb taħt kundizzjonijiet normali tas-suq.

#### 9.1.4.6. Analiżi tal-profittabbiltà tal-Ftehimiet ta' Emenda tal-2010

- (416) Ir-Rapport ta' Oxera tal-10 ta' Frar 2015 ikkalkula wkoll il-kostijiet, id-dħul u l-profitti inkrementali li setgħu kienu mistennija fiż-żmien meta ġew iffirmati l-Ftehimiet ta' Emenda tal-25 ta' Ġunju 2010 (miġbura fil-qosor fit-Table 23 hawn taħt). Fl-14 ta' Mejju 2015, Oxera ppreżentat mill-ġdid il-kalkoli ta' profittabbiltà mistennija li jikkoreġu problema tad-data li nstabet fir-rapport fl-10 ta' Frar 2015. Il-korrezzjoni kienet tikkonċerna stima eċċessiva tal-kostijiet totali tal-investimenti li jirriżultaw minn għadd doppju tal-investiment iffinanzjat mill-Istat fis-sottomissjoni oriġinali. Din il-problema tad-data affettwat il-profittabbiltà mistennija tal-Ftehim ta' Emenda tal-2010, li orīginarjament kienet sottovalutata.
- (417) Oxera kkonkludiet li l-Ftehimiet ta' Emenda mill-25 ta' Ġunju 2010 kienu mistennija li jkollhom VPN ta' RON 2 326 miljun.

**Tabella 23: Id-dħul inkrementali, il-kostijiet inkrementali u l-profitti inkrementali ta' Oxera mistennija mill-Ftehimiet ta' Emenda tal-2010**

	(RON '000s)	2010	2011
Numru ta' passiġġieri ta' Wizz Air li jitilqu	[A]	71 925	13 665
Dħul minn attivitajiet ajrunawtiċi	[B]	1 253	238
Dħul minn attivitajiet mhux ajrunawtiċi	[C]	1 713	336
<b>Dħul inkrementali totali</b>	<b>[D] = [B] + [C]</b>	<b>2 967</b>	<b>574</b>
Kostijiet operatorji	[E]	801	157
Deprezzament	[F]	120	23
<b>Total tal-kostijiet inkrementali</b>	<b>[G] = [E] + [F]</b>	<b>921</b>	<b>181</b>
Profitti inkrementali	[H] = [D] - [G]	2 046	394
Fattur ta' skont		1,0	0,9
<b>VPN</b>		<b>2 326</b>	

- (418) Ir-riżultati fit-Table 23 huma bbażati fuq il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:
- (a) Previżonijiet tat-traffiku tal-passiġġieri ta' Wizz Air ġew ikkalkulati fuq ir-riżultati tat-traffiku tal-passiġġieri ta' Wizz Air fl-2009 li żdied permezz tal-istima ta' Eurocontrol (2008) tat-tkabbir mistenni fit-traffiku tal-ajru Ewropew (<sup>104</sup>).
  - (b) Previżonijiet tat-tlugħ u nżul ta' Wizz Air ġew ikkalkulati fuq il-bażi li Wizz Air operat Airbus 320-200 b'piż massimu ta' tlugħ (MTOW) ta' 72 tunnellata, b'kapaċità ta' 180 post u b'fattur ta' tagħbija ta' 82 %. Dawn is-suppożizzjonijiet huma bbażati fuq is-suppożizzjonijiet fl-analiżi tal-profittabbiltà *ex ante* pprovduta mir-Rumanja għall-Ftehimiet tal-2008.
  - (c) Previżonijiet tad-dħul minn attivitajiet ajrunawtiċi huma bbażati fuq l-imposti u l-iskontijiet għal kull passiġġier li jitlaq u għal kull tlugħ u nżul stipulati fil-Ftehimiet ta' Emenda tal-2010. L-analiżi ma tinkludix it-tariffa tas-sigurtà billi Oxera kkonkludiet li dan ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjoni tal-MEOP peress li tali tariffi jiffinanzjaw attivitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istat fl-eżerċizzju tas-setgħat uffiċjali tiegħu (il-punt 35 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014).
  - (d) Bħal fil-każ tal-Ftehim tal-2008, il-previżjoni tad-dħul minn attivitajiet mhux ajrunawtiċi hija derivata mill-istimi ta' dħul minn attivitajiet mhux ajrunawtiċi għal kull passiġġier li jitlaq mill-analiżi *ex ante* pprovduta mir-Rumanja li żdiedu permezz tal-inflazzjoni mistennija u li ġew applikati għall-projezzjonijiet tat-traffiku kif spjegat fil-premessa a) hawn fuq.
  - (e) Kif spjegat hawn fuq, rigward il-kostijiet operatorji inkrementali (is-servizzi tal-personal, l-enerġija, il-materjali), il-Maniġer tal-Ajrūport jikkunsidra li madwar 20 % tal-kostijiet operatorji jistgħu jiġi kkunsidrati bħala inkrementali, jiġifieri jvarjaw skont l-għadd ta' passiġġieri. Ir-Rapport ta' Oxera jistma li l-kostijiet operatorji inkrementali mid-data tar-riżultati għall-perjodu 2007 - 2009 li żdiedu permezz tal-inflazzjoni mistennija u bis-suppożizzjoni li 20 % tal-kostijiet huma inkrementali. Il-kostijiet tas-sigurtà huma eskużi.
  - (f) L-istimi tar-Rapport ta' Oxera ma jinkludux xi kost tal-kummerċjalizzazzjoni inkrementali mġarrab mill-Maniġer tal-Ajrūport billi l-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni ġie tterminat fl-10 ta' Frar 2010.
  - (g) Kif spjegat għall-Ftehimiet tal-2008 hawn fuq, rigward il-kostijiet ta' investimenti inkrementali, ir-Rapport ta' Oxera jikkunsidra d-data pprovduta mill-Maniġer tal-Ajrūport għall-investimenti mwettqa mill-Maniġer tal-Ajrūport u li ġew iffinanzjati kemm mill-fondi tal-Istat kif ukoll mir-riżorsi propri għall-perjodu 2007 - 2011. Ir-Rapport ta' Oxera jassumi li ma kien mistenni l-ebda investimenti addizzjonali bħala riżultat tal-operazzjoni ta' Wizz Air. Il-finanzjament tal-gvern li rċieva l-Maniġer tal-Ajrūport għall-bini tat-terminal u t-tagħmir tas-sigurtà għie eskużi minħabba li ma ġiex ikkunsidrat attribwibbi għall-preżenza ta' Wizz Air fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara. Id-deprezzament ta' investimenti oħra iffinanzjati mir-riżorsi propri tal-Maniġer tal-Ajrūport ġie allokat abbażi tas-sehem mistenni mit-traffiku ta' Wizz Air meta mqabbel mal-kapaċċità tal-ajrūport. Il-kapaċċità tal-ajrūport kienet preżunta li kienet ta' tliet miljun passiġġier fis-sena matul il-perjodu tal-ftehimiet. Din is-suppożizzjoni hija bbażata fuq il-Memorandum ta' Qbil tal-2008 li stipula li l-kapaċċità tal-ajrūport kienet mistennija li tilħaq tliet miljun passiġġier fis-sena sal-2011. Deprezzament linear ġie kkunsidrat meta ġew ikkalkulati l-kostijiet ta' deprezzament.
  - (h) Il-profitti stmati ġew skontati bl-użu tar-rati ta' referenza tal-Kummissjoni, flimkien ma' marġni ta' 100 punt bażi li jirriżulta frata ta' skont ta' 8,82 %.
- (419) Il-Kummissjoni ssib li l-aproċċi meħud minn Oxera fil-kalkolu tal-għadd ta' passiġġieri u l-kalkolu fuq dik il-bażi tad-dħul mistenni minn attivitajiet ajrunawtiċi b'kunsiderazzjoni tar-ribassi previsti fil-Ftehimiet ta' Emenda tal-2010, huwa raġonevoli. Il-Kummissjoni taqbel ukoll mal-eskużi jidher li huwa raġonevoli. Din ġie tħalli minn il-kostijiet operatorji inkrementali mid-data tas-senā (365).
- (420) Il-Kummissjoni taċċetta l-istima tad-dħul mhux minn attivitajiet ajrunawtiċi inkrementali. Din hija bbażata fuq l-istima tal-Maniġer tal-Ajrūport, abbażi ta' data tas-sena preċedenti, li tħid li l-attivitajiet mhux ajrunawtiċi jirrappreżentaw bejn 15-20 % tad-dħul tal-Maniġer tal-Ajrūport, li jidher li huwa raġonevoli.
- (421) Il-Kummissjoni taqbel ukoll mar-rata ta' skont użata għall-kalkolu, b'mod partikolari minħabba li l-perjodu tal-analiżi huwa inqas minn sena.

<sup>(104)</sup> Eurocontrol (2008), "Challenges of Growth 2008" (Sfidi ta' Tkabbir għall-2008), Rapport sommarju, pagħna 14.

(422) Il-Kummissjoni taqbel li fil-kalkoli ma għandu jiġi inkluż l-ebda kost tal-kummerċjalizzazzjoni inkrementali.

(423) Fir-rigward tal-kostijiet operatorji inkrementali, ir-Rapport ta' Oxera huwa bbażat fuq is-suppożizzjoni pprovdu mir-Rumanija li skonta 80 % tal-kostijiet operatorji huma fissi u 20 % biss ivarjaw skont l-għadd ta' passiġġieri. Il-Kummissjoni ssib li din is-suppożizzjoni hija rägħonevoli<sup>(105)</sup>. Oxera tistma l-kostijiet operatorji inkrementali billi tuża data tar-riżultati għall-kostijiet operatorji għal kull passiġġier li jitlaq qabel l-iffirmar tal-ftehimiet u li żdiedu permezz tal-infazzjoni mistennija u tappilka tali kostijiet operatorji tal-passiġġieri għan-numru stmat ta' passiġġieri ta' Wizz Air. Għalhekk, il-Kummissjoni ssib li l-istimi tal-kostijiet operatorji inkrementali huma aċċettabbli.

(424) Rigward il-kostijiet ta' investimenti inkrementali, il-Kummissjoni ssib li l-approċċ fir-Rapport ta' Oxera huwa rägħonevoli. B'mod partikolari, ir-Rapport ta' Oxera mhux qed jistenna li xi investimenti addizzjonali jkun ir-riżultat ta' operazzjoni ta' Wizz Air fl-Ajrūport Internazzjonal ta' Timišoara. Il-Ftehim ta' Emenda ma ġab l-ebda impenn ġdid tal-Maniġer tal-Ajrūport fir-rigward ta' Wizz Air f'termini ta' infrastruttura addizzjonali meta mqabbel mal-Ftehimiet tal-2008 ivvalutati fil-premessa (372) hawn fuq. Għalhekk, il-Kummissjoni taqbel li ma sar l-ebda investimenti li kien dovut għall-preżenza ta' Wizz Air. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-Istudju ta' Oxera inkluda l-kostijiet ta' deprezzament inkrementali tal-investimenti li saru mir-riżorsi propri tal-Maniġer tal-Ajrūport ibbażati fuq is-sehem mistenni ta' Wizz Air fil-kapaċċità tal-ajrūport. Madankollu, kif spjegat fil-premessa (372), il-Kummissjoni ssib li l-Maniġer tal-Ajrūport ma kellu jħallas l-ebda kost ta' investimenti minħabba l-preżenza ta' Wizz Air. Konsegwentement, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-analiżi ma għandhiex tħalli xi kostijiet ta' deprezzament assoċjati mal-Ftehimiet ta' Emenda tal-2010<sup>(106)</sup>.

(425) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-kostijiet, id-dħul u l-profitti inkrementali li setgħu kienu mistennija fiż-żmien meta ġew iż-żifra mill-Emenda tal-2010, kif ikkalkulati mill-ġdid mill-Kummissjoni abbażi tar-Rapport ta' Oxera, huma miġbura fil-qosor fit-Table 24.

**Tabella 24: Id-dħul inkrementali, il-kostijiet inkrementali u l-profitti inkrementali ta' Oxera mistennija mill-Ftehimiet ta' Emenda tal-2010 ikkalkulati mill-ġdid mill-Kummissjoni Ewropea**

	(RON '000s)	2010	2011
Numru ta' passiġġieri ta' Wizz Air li jitilqu	[A]	71 925	13 665
Dħul minn attivitajiet ajrunawtiċi	[B]	1 253	238
Dħul minn attivitajiet mhux ajrunawtiċi	[C]	1 713	336
<i>Dħul inkrementali totali</i>	<i>[D] = [B] + [C]</i>	2 967	574
Kostijiet operatorji	[E]	801	157
<i>Total tal-kostijiet inkrementali</i>	<i>[F] = [E]</i>	801	157
Profitti inkrementali	[G] = [D] - [F]	2 165	417
Fattur ta' skont		1,0	0,9
<b>VPN</b>		<b>2 462</b>	

#### Studju tal-profitabbiltà ex post għall-Ftehimiet ta' Emenda tal-2010

(426) Fis-27 ta' Ottubru 2011, Oxera bagħtiet rapport ex post imħejji għal Wizz Air. Ir-rapport ta' Oxera kkalkula l-kostijiet u d-dħul inkrementali li ġejjin li jirriżultaw mill-Ftehimiet ta' Emenda tal-2010.

<sup>(105)</sup> Ara n-nota 92 f'qiegħ il-pagħna.

<sup>(106)</sup> Sa fejn kienu inklużi l-kostijiet ta' deprezzament, din is-suppożizzjoni hija konservattiva u tistma b'mod eċċessiv l-kostijiet inkrementali. Fxenarju bħal dan, il-Kummissjoni għandha l-istess rimarka bħal fil-premessa (379).

**Tabella 25: Dħul għal kull tluq tal-passiġġier ta' Wizz Air 2010-2011 (EUR)**

Kategorija	2008	2009	2010
<b>Dħul minn attivitajiet ajrunawtiċi<sup>1</sup></b>			
Imposti tal-inżul <sup>2</sup>	2,50	2,00	2,00
Imposti tal-immaniġġjar <sup>2</sup>	0,99	0,99	0,99
Imposti tal-passiġġieri imbarkati	8,00	6,40	5,04
Imposti tal-PRM	0,20	0,20	0,20
Imposti tas-sigurtà	10,00	10,00	10,00
<b>Dħul minn attivitajiet mhux ajrunawtiċi</b>	<b>0,78</b>	<b>1,16</b>	<b>1,74</b>
<b>Dħul totali</b>	<b>22,47</b>	<b>20,75</b>	<b>20,70</b>

Nota: <sup>1</sup> Id-dħul minn attivitajiet ajrunawtiċi huwa muri wara skontijiet u rimborżi ta' imposti u qabel il-pagamenti ta' kummerċjalizazzjoni. Huwa preżunt li 50 % tad-dħul mill-imposti tal-inżul huwa soġġett għal skontijiet stabbiliti fl-AIP. <sup>2</sup> Dħul minn attivitajiet ajrunawtiċi minn imposti li huma relatati ma' movimenti tat-traffiku tal-ajru jew piż (jiġifieri imposti tal-inżul u tal-groundhandling) ġie stmat bl-użu ta' numri tal-passiġġieri tar-riżultati u jekk wieħed jassumi li ntuża inġenju tal-ajru Airbus A320-200 b'72 tunnellata MTOW u b'kapaċità ta' 180 post jekk ikun hemm fattur ta' tagħbjja ta' 84 %. Dan jirrapreżenta l-fattur medju tat-tagħbijsa ta' Wizz Air fl-2010 (għal aktar dettalji, ara [http://wizzair.com/about\\_us/news/#wizen068](http://wizzair.com/about_us/news/#wizen068)). Sors: Analiżi ta' Oxera, abbażi ta' data li waslet mingħand il-Maniġer tal-Ajrūport.

**Tabella 26: Kostijiet stmati assoċjati mal-Ftehimiet tal-2010 (EUR)**

Kategorija	2008	2009	2010
<b>Kostijiet operatorji</b>			
Personal	1,56	1,56	1,56
Enerġija	0,70	0,70	0,70
Materjali	- 0,45	- 0,45	- 0,45
Servizzi u OPEX oħra	1,65	1,65	1,65
<b>Kostijiet tal-kummerċjalizzazzjoni</b>	<b>13,70</b>	<b>15,59</b>	<b>14,95</b>
<b>Kost ta' investiment</b>	<b>0,89</b>	<b>0,87</b>	<b>2,06</b>
<b>Kost totali</b>	<b>18,04</b>	<b>19,92</b>	<b>20,47</b>

Sors: Analiżi ta' Oxera, abbażi ta' data li waslet mingħand il-Maniġer tal-Ajrūport.

(427) Ir-riżultati fit-Table 25 u fit-Table 26 huma bbażati fuq il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

- Il-perjodu kopert huwa Ġunju 2010 sa Frar 2011 li huwa l-validità tal-Ftehimiet ta' Emenda tal-2010.
- Id-dħul minn attivitajiet ajrunawtiċi huwa stmat fuq il-bażi ta' tħallita ta' approċċ ex post u ex ante. Dan huwa bbażat fuq l-għadd ta' passiġġieri u tlugħ u nżul attwali ta' Wizz Air għall-2010 (perspettiva ex post) u stmat għal Jannar u Frar 2011 minn Oxera abbażi taċ-ċifra f'Diċembru 2010 (perspettiva ex ante). L-iskontijiet huma stmati permezz ta' approċċ ex ante u jikkunsidraw it-tariffi bażi u r-ribassi stabbiliti fil-Ftehimiet ta' Emenda tal-2010. Qed jiġi preżunt skont ta' 10 % fuq l-imposti tal-inżul u skont ta' 10 % fuq l-imposta tal-passiġġieri imbarkati. L-imposti tas-sigurtà huma inklużi.
- Id-dħul mhux minn attivitajiet ajrunawtiċi għal kull tluq tal-passiġġier kien stmat f'konformità mad-dħul medju tar-riżultati minn attivitajiet mhux ajrunawtiċi għall-Wizz Air, jiġifieri EUR 3,04 għal kull passiġġier.
- Rigward il-kostijiet inkrementali, il-kostijiet li jvarjaw skont in-numru ta' passiġġieri (il-kost tal-personal, il-kost tal-materjali u l-kost ta' servizzi mixtriha u nefqa operazzjonali oħra) ġew attribwiti lil Wizz Air fi proporzjon mas-sehem tal-linjal ta' tluq tal-passiġġieri. Il-kalkolu huwa bbażat fuq data tar-riżultati għall-kostijiet operatorji u għalhekk huwa ex post.
- L-ebda pagament ta' kummerċjalizzazzjoni ma huwa inkluż fl-analiżi billi l-Ftehim ta' Kummerċjalizzazzjoni ġie tterminat fi Frar 2010.

- Il-kostijiet ta' investimenti inkrementali ġew stmati billi ġew ikkunsidrati l-investimenti li saru fl-2010. L-investimenti ffinanzjati mill-Istat għall-bini tat-terminal u t-tagħmir tas-sigurtà ma ġewx attribwiti lil Wizz Air. Skont Oxera, dawn huma kostijiet li kien se jkollhom jitħallsu irrisspettivament mill-preżenza ta' Wizz Air peress li kien minnħabba l-lobbli tar-Rumanija li tissodisa r-rekwiżit għall-addeżjoni maż-żona Schengen. Ġew ikkunsidrati investimenti ffinanzjati mir-riżorsi propriji tal-Maniġer tal-Ajrūport. Il-kostijiet ta' investimenti iffianżjati mir-riżorsi propriji tal-Maniġer tal-Ajrūport li jinkludu d-deprezzament u l-imgħax ġew allokati b'mod proporzjonat għas-sehem tal-passiġġier ta' Wizz Air fil-kapaċità tal-passiġġier tal-ajrūport. Il-kapaċità tal-passiġġier ġiet stmati li hija ugħali għan-numru massimu ta' passiġġier immaniġġjati fl-2010 billi Oxera mifhem feħmet mill-Maniġer tal-Ajrūport li fil-mument tal-istudju (Ottubru 2011), l-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara kien qed jopera b'kapaċità sħiħa fir-rigward tal-movimenti tat-traffiku tal-ajru.

- (428) Abbażi tal-kostijiet u d-dħul ta' hawn fuq, Oxera sabet li, minn perspettiva *ex post* (b'xi elementi *ex ante*), il-Ftehimiet ta' Emenda tal-2010 kieno profittabbli b'mod inkrementali. Il-profitt għal kull passiġġier (jigifheri l-kontribuzzjoni inkrementali għal kull passiġġier ikkalkulata bħala d-differenza bejn l-istimi tad-dħul u l-kostijiet inkrementali) jidher fit-Table 27.

**Tabella 27: Kontribuzzjoni inkrementali assoċjata mal-Ftehimiet tal-2010 (EUR)**

Kategorija	2008	2009	2010
<b>Dħul inkrementali medju għal kull passiġġier li jitlaq</b>	22,47	20,75	20,70
Kost inkrementali medju għal kull passiġġier li jitlaq	18,04	19,92	20,47
Kontribuzzjoni inkrementali għal kull passiġġier li jitlaq	4,43	0,84	0,23
<b>Kontribuzzjoni inkrementali totali</b>	<b>19 404</b>	<b>107 198</b>	<b>37 833</b>

Sors: Analiżi ta' Oxera, abbażi ta' *data* li waslet mingħand il-Maniġer tal-Ajrūport.

- (429) Abbażi tal-kalkoli ta' hawn fuq Oxera sabet li l-Ftehimiet ta' Emenda tal-2010 għandhom VPN pożittiv ta' EUR 483 147 fuq il-perjodu ta' żmien ta' disa' xħur tal-Ftehimiet ta' Emenda tal-2010. Il-flussi tal-flus mill-Ftehimiet ta' Emenda tal-2010 ma ġewx skontati minnħabba li t-tul tal-Ftehimiet ta' Emenda tal-2010 kien inqas minn sena.
- (430) Il-Kummissjoni tinnota li l-valutazzjoni tal-profitabbiltà *ex post* ta' Oxera tikkombina approċċ *ex ante* u *ex post* għall-kalkolu tad-dħul inkrementali, filwaqt li l-kalkoli tal-kostijiet inkrementali huma kompletament *ex post*.
- (431) Fir-rigward tad-dħul minn attivitajiet ajrunawtiċi, il-Kummissjoni tinnota li l-imposti tad-dawl u tal-parkeġġ huma eskużi mill-kalkoli, li jirrappreżenta approċċ konservattiv.
- (432) Il-Kummissjoni tinnota li kemm l-imposti kif ukoll il-kostijiet tas-sigurtà huma inklużi u tassumi li dan mhux se jaffettwa l-kalkolu tal-profitabbiltà.
- (433) Dwar il-kostijiet:

- Il-Kummissjoni ssib li l-approċċ għall-kalkolu tal-kostijiet operatorji inkrementali, ibbażat fuq *data* tar-riżultati disponibbli qabel l-iffixxar tal-ftehimiet huwa rāġonevoli.
- Il-Kummissjoni tinnota li abbażi tal-formula fil-ftehim ta' kummerċjalizzazzjoni, il-kalkolu mill-ġdid tal-imposti tal-ajrūport biex jikkunsidraw it-tariffi tad-dawl u tal-parkeġġ iwassal għal stima eċċessiva tal-pagamenti ta' kummerċjalizzazzjoni bl-istess ammont.
- Il-Kummissjoni tinnota li l-istudju inkluda l-kostijiet ta' deprezzament inkrementali tal-investimenti li saru mir-riżorsi propriji tal-ajrūport ibbażati fuq is-sehem mistenni ta' Wizz Air fil-kapaċità tal-ajrūport. Madankollu, kif spiegat fil-premessa (372), il-Kummissjoni ssib li l-Maniġer tal-Ajrūport ma kellu jħallas l-ebda kost ta' investimenti minnħabba l-preżenza tal-linja tal-ajru fl-Ajrūport Internazzjonali ta' Timišoara. Konsegwentement, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-analiżi ma għandhiex tinkludi xi kostijiet ta' deprezzament assoċjati mal-ftehimiet.

- (434) Għar-raġunijiet spiegati fil-premessi (433), il-Kummissjoni ssib li b'mod ġenerali jidher li l-kostijiet huma stmati żżejjed.
- (435) Abbażi tal-fatt li l-korrezzjoni tad-dħul minn attivitajiet ajrunawtiċi tiskatta korrezzjoni simili tal-pagament ta' kummerċjalizzazzjoni li ma taffettwax il-kalkolu tal-profittabbilità u abbażi tal-fatt li l-kostijiet jidhru sopravalutati, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-konklużjoni ġenerali tal-istudju ta' Oxera tal-2011 se tibqa' valida u l-VPN jibqa' pożittiv.
- (436) Abbażi tal-premessi (430) sa (435), il-Kummissjoni ssib li r-riżultati tar-rapport ta' Oxera tas-27 ta' Ottubru 2011 rigward il-Ftehimiet ta' Emenda tal-2010 huma aċċettabbli.

#### *Konklużjoni dwar il-vantaġġ ekonomiku*

- (437) Abbażi tal-istudju *ex ante* ta' Oxera mibni mill-ġdid *ex post* tal-10 ta' Frar 2015, kif ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni (il-premessa (425)), il-Ftehimiet ta' Emenda tal-2010 kienu mistennija li jkunu profittabbli b'mod inkrementali għall-Maniġer tal-Ajrūporti. Konsegwentement, il-Kummissjoni ssib li operatur prudenti fekkonomija tas-suq kien jidħol f'arranġamenti bħal dawn. Il-Kummissjoni tinnota li r-rapport *ex post* li sar minn Oxera jagħti evidenza komplementari għas-sejbiet tal-istudju *ex ante* ta' Oxera.
- (438) Barra minn hekk, hemm indikazzjonijiet, b'mod partikolari bbażati fuq il-Pjan ta' Żvilupp li l-Arranġamenti ta' Emenda tal-2010 ma' Wizz Air kienu parti minn strateġija globali u sforz fit-tul lejn il-profittabbilità globali tal-ajrūport.
- (439) Għalhekk il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Ftehimiet ta' Emenda tal-2010 ma tawx vantaġġ ekonomiku lil Wizz Air, li kieku ma kinitx tikseb taħt kundizzjonijiet normali tas-suq.

#### *9.1.5. Konklużjoni dwar il-Miżura 3*

- (440) Għar-raġunijiet spiegati fil-premessi (301) sa (439) il-Kummissjoni ssib li l-Ftehimiet tal-2008 u l-Ftehimiet ta' Emenda tal-2010 ma jikkostitwixx għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

#### **10. MIŻURA 4 – QTUGħI TA' IMPOSTI TAL-AJRUPORT FATTURATI LIL WIZZ AIR GĦALL-PERJODU OTTUBRU 2009 - FRAR 2010**

- (441) Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tagħha, il-Kummissjoni nnotat li ma jistax jiġi eskuż li l-qtugħ tal-ħlas tal-imposti tal-ajrūport jipprovdī vantaġġ ekonomiku lil Wizz Air. Il-Kummissjoni nnotat li fiż-żmien tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ, Wizz Air ma kinitx ħallset l-imposti tal-ajrūport għall-perjodu minn Ottubru 2009 sa Frar 2010 li jammontaw għal EUR 2,6 miljun. Filwaqt li l-pagamenti pendentii kienu ġew ikkunsidrati bħala riċevibbli kontra Wizz Air fid-dikjarazzjoni finanzjarja tal-Maniġer tal-Ajrūport, ma twettqet l-ebda azzjoni tal-qorti.
- (442) Ir-Rumanija sostniet li l-Maniġer tal-Ajrūport ħarrek lil Wizz Air talli kisbet mandat ta' eżekuzzjoni. Fl-istess ħin, Wizz Air ħarrket lill-Maniġer tal-Ajrūport għal mandat ta' eżekuzzjoni rigward pagamenti pendentii għal servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni magħmul minn Wizz Air. Skont ir-Rumanija ż-żewġ azzjonijiet tal-qorti/deċiżjoni jiet ta' arbitraġġ ġew riżolti b-deċiżjoni finali, li jikkonfermaw iż-żewġ talbiet għal pagament. Ir-Rumanija ddikjarat li d-djun reċiproċi ġew paċuti skont id-dispożizzjoni jiet tal-Kodiċi Ċivili Rumen permezz tal-Ftehim ta' Riżoluzzjoni (il-premessa (109)).
- (443) Il-Kummissjoni tfakkar li l-Ftehimiet tal-2008 bejn il-Maniġer tal-Ajrūport u Wizz Air kienu konformi mal-Prinċipju tal-MEO, jiġifieri ma tawx vantaġġ lil Wizz Air, u għalhekk ma kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat.

#### *Konklużjoni*

- (444) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li peress li l-imposti tal-ajrūport pendentii ġew paċuti kontra l-pretensjonijiet ta' Wizz Air għal pagamenti ta' kummerċjalizzazzjoni f'konformità mal-liġiġiet applikabbli, l-allegata għajnuna mill-Istat saret mingħajr skop.

## 11. KONKLUŻJONI

- (445) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ssib li l-finanzjament tal-iżvilupp tat-terminal mhux ta' Schengen, it-titjib tar-runway u l-estensjoni tar-rampa tal-inġenji tal-ajru u t-tagħmir tad-dawl jikkostitwixxi għajnuna illegali mill-Istat li hija kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE.
- (446) Il-Kummissjoni ssib ukoll li l-miżuri li ġejjin ma jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat: i) il-finanzjament pubbliku tat-triq ta' aċċess u l-iżvilupp taż-żona tal-parkeġġ fl-2007, ii) il-finanzjament pubbliku għat-tagħmir tas-sigurtà fl-2008; iii) l-imposti tal-ajruport fl-AIP tal-2007, l-AIP tal-2008 u l-AIP tal-2010 u (iv) il-Ftehimiet tal-2008 ma' Wizz Air (inklużi l-Ftehimiet ta' Emenda tal-2010).

ADOTTAT DIN ID-DECİŻJONI:

### *Artikolu 1*

1. Il-finanzjament pubbliku li r-Rumanija pprovdiet fil-perjodu 2007-2009 lill-Maniġer tal-Ajrupert għall-iżvilupp tat-terminal mhux ta' Schengen, it-titjib tat-taxiway u l-estensjoni tar-rampa u t-tagħmir tad-dawl li jammontaw għal RON 29 194 600 jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Dan ġie implementat bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

2. L-għanjuna mill-Istat imsemmija fil-paragrafu 1 hija kompatibbli mas-suq intern fis-sens tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

### *Artikolu 2*

Il-finanzjament pubbliku tat-triq ta' aċċess u l-iżvilupp taż-żona tal-parkeġġ fl-2007 u għat-tagħmir tas-sigurtà fl-2008, l-imposti tal-ajruport fl-AIP tal-2007, l-AIP tal-2008 u l-AIP tal-2010 u l-Ftehimiet tal-2008 ma' Wizz Air (inklużi l-Ftehimiet ta' Emenda tal-2010) ma jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

### *Artikolu 3*

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Rumanija.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Frar 2020.

*Għall-Kummissjoni  
Margrethe VESTAGER  
Viċi President Eżekuttiv*

# REGOLI TA' PROĊEDURA

## IR-REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-KUMITAT TA' SORVELJANZA TAL-OLAF

### TITOLU I

## IR-RWOL U R-RESPONSABBILITAJIET TAL-KUMITAT TA' SORVELJANZA TAL-OLAF

### Artikolu 1

#### Il-kompli

1. Il-Kumitat ta' Sorveljanza tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), ("il-Kumitat"), għandu jwettaq il-kompli stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013, u fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/352/KE, KEFA, Euratom tat-28 ta' April 1999 li tistabilixxi l-OLAF (¹), biex isaħħaħ l-indipendenza tal-OLAF fit-twettiq tal-kompli tiegħu, kemm firrigward ta' kwalunkwe gvern, istituzzjoni, korp jew aġenzija kif ukoll biex jiżgura l-eżerċizzju xieraq tal-kompetenzi tal-OLAF.

2. Għal dak il-għan, il-Kumitat għandu jimmonitorja regolarment l-implementazzjoni mill-OLAF tal-funzjoni investigattiva tiegħu u jsaħħaħ l-indipendenza tad-Direttur Ġenerali tal-OLAF fl-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija lilu mir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 u bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/352 tat-28 ta' April 1999. Huwa għandu jassisti wkoll lid-Direttur Ġenerali fit-twettiq tar-responsabbiltajiet tiegħu jew tagħha.

3. Il-Kumitat għandu jimmonitorja t-twettiq xieraq mill-OLAF tal-kompetenzi investigattivi tiegħu f'konformità mal-garanziji proċedurali applikabbi għall-qafas legali tal-OLAF u ma' dawk stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u f'konformità mat-trattati tal-UE u l-leġiżlazzjoni sekondarja, inkluż il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-UE u r-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċċiali tal-UE.

### Artikolu 2

#### Is-setgħat u proċeduri

Fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu, il-Kumitat għandu jissorvelja l-attivitàjet investigattivi tal-OLAF skont il-proċeduri li ġejjin:

- il-Kumitat għandu jingħata aċċess għall-informazzjoni u d-dokumenti kollha li jqis meħtieġa biex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu, inklużi rapporti u rakkmandazzjoniċi dwar investigazzjoniċi magħluqa u każżejjiet miċħuda, madankollu mingħajr ma jinterferixxi mat-twettiq ta' investigazzjoniċi li jkunu għaddejjin, u dwar ir-rekwiżiti tal-kunfidenzialità u l-protezzjoni tad-data;
- il-Kumitat jista', flimkien mal-OLAF, jistabilixxi arranġamenti ta' ħidma li jistabbilixxu regoli dwar il-monitora ggħġaq regolari tal-implementazzjoni tal-funzjoni investigattiva tal-OLAF u l-aċċess għall-informazzjoni.

### TITOLU II

## KOMPOŻIZZJONI U OPERAZZJONI

### Artikolu 3

#### Il-kompożizzjoni

1. Il-kompożizzjoni, il-metodu tal-ħatra, u l-mandat tal-membri tal-Kumitat huma stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013.

(¹) Emendi għar-Regolament tal-OLAF permezz tar-Regolament (UE, EURATOM) 2016/2030 u r-Regolament (UE, EURATOM) 2020/2223. Emendi għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabilixxi l-OLAF permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/478/UE tas-27 ta' Settembru 2013, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/512 tal-25 ta' Marzu 2015 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2015/2418 tat-18 ta' Diċembru 2015.

2. Mal-iskadenza tal-mandat tagħhom, il-membri tal-Kumitat għandhom jibqgħu fil-kariga sakemm ikunu ġew sostitwiti.
3. Meta membru tal-Kumitat ma jkunx jista' jservi fil-Kumitat jew jirriżenja mis-sede tiegħu, huwa għandu jinnotifika mingħajr dewmien lill-president tal-Kumitat u lill-Kummissarju kkonċernat sabiex ikunu jistgħu jittieħdu l-miżuri xierqa biex jissostitwixxuh, u biex tiġi żgurata l-kontinwitā tal-ħidma tal-Kumitat.

#### **Artikolu 4**

##### **L-etika**

1. Skont l-Artikolu 15(7) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013, fit-twettiq ta' dmiri jieħi, il-membri tal-Kumitat għandhom jaġixxu b'mod indipendenti u la għandhom ifittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet mingħand xi gvern jew xi istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija. Matul il-mandat tagħhom, il-membri għandhom joqogħdu lura milli jfittxu jew jaċċettaw kwalunkwe kariga jew responsabbiltà, b'mod partikolari mill-istituzzjonijiet tal-UE, li jistgħu joħolqu kunflitt ta' interess.
2. Bl-istess mod, kif iddi kjarat fid-Deċiżjoni dwar il-ħatra tagħhom u fil-Kodiċi ta' Kondotta adottat mill-Kumitat (⁹), il-membri ma għandhomx jittrattaw kwistjoni li fiha, direttament jew indirettament, ikollhom xi interess personali, b'mod partikolari kwalunkwe interess familiali jew finanzjarju, b'tali mod li jxekklu l-indipendenza tagħhom.
3. Il-membri għandhom ikunu marbuta bis-segretezza professjonal kif stabbilit fl-Artikolu 339 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"). Għandhom ikomplu jkunu marbuta b'dan l-obbligu ta' segretezza anki wara t-tmiem tal-mandat tagħhom. Għandhom jittrattaw il-każżejjiet sottomessi lilhom u d-deliberazzjonijiet tagħhom dwarhom b'segretezza stretta.
4. Il-membri għandhom jinfurmaw lill-Kumitat bi kwalunkwe sitwazzjoni li tista' tikkompretti kwalunkwe prinċipju li jirregola l-attività tiegħu kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 sabiex il-Kumitat ikun jista' jieħu miżuri xierqa, inkluż li jinforma lill-istituzzjonijiet tal-ħatra.

#### **Artikolu 5**

##### **Il-president**

1. Il-Kumitat għandu jeleggħi president minn fost il-membri tiegħu, b'maġġoranza tal-membri tiegħu.
2. Il-president għandu jkun elett għal terminu ta' sena u jista' jerġa' jiġi elett. L-elezzjoni għandha ssir fl-aħħar laqgħa ppreseduta mill-president li jkun se jispiċċa.
3. Fejn il-president għal xi raġuni ma jkunx jista' jaqdi dmirijietu matul perjodu twil, huwa għandu jinforma l-membri tal-Kumitat bis-sitwazzjoni. F'dan il-każ, għandu jkun elett president ġdid skont il-proċedura stipulata fil-paragrafu 1.
4. Il-president għandu jirrappreżenta lill-Kumitat u jippresjedi l-laqgħat tiegħu. Il-president għandu jiżgura li l-proċedimenti tiegħu jitwettqu b'mod xieraq. Il-president, wara li jikkonsulta lill-Kap tas-Segretarjat, għandu jsejjaħ il-laqgħat u jiddejja fejn, fliema data u fliema ħin għandhom isiru. Il-president għandu jhejj i-l-abbozz tal-ġenda u jiżgura li d-deċiżjoni tal-Kumitat jiġi implimentati.
5. Meta l-president ma jkunx jista' jaqdi dmirijietu temporanjament, huwa jista' jitlob membru tal-Kumitat biex jissostitwixxih.
6. Jekk il-president ikun assenti u ma tkunx ġiet segwita l-proċedura msemija fil-paragrafu 5, il-kompli ta' president għandhom jiġi eż-żerċitati mill-aktar membru anzjan fl-ġġadha.

(⁹) Kodiċi ta' Kondotta adottat mill-Kumitat ta' Sorveljanza fit-9 ta' Ottubru 2013 u Memorandum ta' Spiegazzjoni: salvagħwardji ta' imparjalitā u riskji ta' kunflitt ta' interessi. Ara t-Taqsima 4 "Proċedura għat-trattament ta' sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interessi", Punt 29 "Dan il-Kodiċi ta' Kondotta se jiġi inkorporat fir-Regoli ta' Proċedura li jetieġ aktar emendi wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 883/2013."

7. Il-president għandu jibgħat jew jirrispondi ittri dwar l-aktivitajiet tal-Kumitat. Il-president għandu jinforma lill-membri tal-Kumitat u lill-Kap tas-Segretarjat dwar kull korrispondenza mibgħuta jew riċevuta.

8. Il-president għandu jiżgura li l-membri kollha tal-Kumitat jkunu infurmati regulari bil-ħidma li ssir mis-Segretarjat u l-Kap tiegħi sabiex jiċċekkjaw regolarmen li dan ikun qed jiffunzjona sewwa.

#### Artikolu 6

##### **Il-laqgħat**

1. Il-Kumitat għandu jeżerċita s-setgħat tiegħi meta jkun qed jiltaqa' bħala korp. Għandu jiltaqa' għallinqas għaxar darbiet fis-sena. Għandu jitqies li hemm kworum biss jekk il-maġġoranza tal-Membri tiegħi jkunu preżenti. Għandu jiltaqa' wkoll fuq l-inizjattiva tal-president jew fuq talba ta' maġġoranza tal-membri tiegħi. Il-Kumitat għandu jadotta l-kalenderju tiegħi għal-laqgħat plenarji ta' kull xahar fl-aħħar ta' kull sena.

2. Il-Kumitat jista' jiddeċiedi, meta jkun meħtieġ, li jorganizza laqgħa plenarja online. Kull membru għandu jingħata l-għodod xierqa tal-IT biex jipparteċipa flaqgħat online f'ambjent sigur.

3. Ħlief għal każijiet li l-president iqis urġenti, l-avviżi tal-laqgħat għandhom jintbagħtu biex jaslu għand id-destinatarji mill-inqas ġimgħa qabel il-laqgħa inkwistjoni. L-avviż għandu jinkludi l-abbozz tal-aġenda u d-dokumenti meħtieġa għall-laqgħa, sakemm in-natura tad-dokumenti ma tkun jkun jidher. L-aġenda finali għandha tiġi adottata fil-bidu ta' kull laqgħa.

4. Kwalunkwe membru jista' jitlob lill-president biex iżid punti mal-abbozz tal-aġenda.

5. Fuq talba tad-Direttur Ġenerali tal-OLAF, il-president jista' jlaqqa' l-Kumitat jew iżid punti fl-aġenda. Il-proposti tad-Direttur Ġenerali għandu jkollhom magħhom id-dokumenti meħtieġa.

6. Il-Kumitat jista' jistieden lid-Direttur Ġenerali tal-OLAF biex jieħu sehem flaqgħat u attivitajiet konnessi mal-ħidma tiegħi. Membri oħra tal-OLAF jistgħu jiġi mistiedna jieħdu sehem flaqgħa tal-Kumitat jekk il-preżenza tagħhom tkun meqjusa neċċessarja. Dawn l-istediñiet għandhom isiru permezz tad-Direttur Ġenerali tal-OLAF.

Id-Direttur Ġenerali tal-OLAF għandu jiġi infurmat dwar kwalunkwe punt fuq l-aġenda relatati mal-parteċipazzjoni tal-persuni msemmija fl-ewwel subparagrafu.

7. Kwalunkwe rappreżentant tal-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċi jew aġenziji tal-UE, Stati Membri jew pajjiżi assoċjati jista' jiġi mistieden sabiex jipparteċipa fl-ħidma tal-Kumitat relatata ma' xi punt partikolari fuq l-aġenda tal-laqgħa.

#### Artikolu 7

##### **L-iskambju ta' fehmiet**

Il-Kumitat għandu jiddeċiedi kif se jkun rappreżentat fl-iskambju ta' fehmiet mal-Parlament Ewropew, mal-Kunsill u mal-Kummissjoni organizzat skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013.

#### Artikolu 8

##### **Il-metodi ta' ħidma**

1. Il-laqgħat tal-Kumitat m'għandhomx isiru fil-pubbliku. Il-proċedimenti tal-Kumitat u d-dokumenti interni li fuqhom huma bbażati għandhom ikunu kunfidenzjali, sakemm il-Kumitat ma jiddeċidix mod ieħor.

Id-dokumenti u l-informazzjoni ppreżentati mid-Direttur Ġenerali tal-OLAF għandhom ikunu soġġetti għall-Artikolu 339 tat-TFUE dwar il-protezzjoni tal-kunfidenzjalità u l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013.

2. Il-Kumitat għandu jiddeċiedi dwar l-użu ta' massimu ta' tliet lingwi ta' ħidma. Dokumenti u abbozzi ta' opinjonijiet, rapporti jew deċiżjonijiet għandhom jitfasslu fil-lingwi proċedurali adottati mill-Kumitat. Fejn meħtieġ, membru jista' jitlob li kwalunkwe dokument jiġi tradott fil-lingwa tiegħu jew tagħha.
3. Fl-ewwel laqgħa plenarja tiegħu ta' kull sena, il-Kumitat għandu jadotta l-pjan ta' ħidma annwali tiegħu. L-opinjonijiet, ir-rapporti u d-deċiżjonijiet għandhom jiġu adottati flaqgħat tal-Kumitat f'sessjoni plenarja.
4. B'eċċezzjoni għall-Artikolu 8(3), ċerti deċiżjonijiet jistgħu jittieħdu permezz ta' proċedura bil-miktub fejn il-Kumitat ikun approva l-użu ta' tali proċedura flaqgħha preċedenti.
5. F'każijiet urgħenti, il-president jista' jikkonsulta lill-membri tal-Kumitat bil-miktub.
6. Fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafi 4 u 5, il-president għandu jibgħat abbozz ta' deċiżjoni lill-membri tal-Kumitat.
7. Jekk il-membri ma jogġeżżjonawx għall-abbozz ta' deċiżjoni flimitu ta' żmien stabbilit mill-president, il-proposta għandha titqies li għiet adottata.
8. Jekk, fil-perjodu stabbilit mill-president, membru jitlob li l-kwistjoni tiġi diskussa mill-Kumitat, il-proċedura bil-miktub għandha tiġi sospizza.
9. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor, il-Kumitat se jippubblika l-opinjonijiet tiegħu fuq il-paġna web tiegħu.

#### **Artikolu 9**

##### **Ir-relaturi**

1. Sabiex iħejji d-diskussionijiet jew il-proċedimenti tiegħu, il-Kumitat, fuq proposta mill-president, jista' jaħtar relatur wiċċed jew aktar minn fost il-membri tiegħu. Meta jaħtar relatur, il-Kumitat għandu jagħti konsiderazzjoni xierqa lill-bqja tal-perjodu fil-kariga tal-membri.
2. Jekk il-kwistjoni li jkollha tiġi trattata tkun waħda urgħenti, il-president jista' jagħmel il-ħatra fuq l-inizjattiva tiegħu stess. F'dak il-każ, għandu jinforma lill-membri tal-Kumitat minnufih.
3. Ir-relatur għandu jikkunsidra l-kwistjonijiet fdati fir-responsabbiltà tiegħu u jressaq abbozz ta' opinjoni, rapport jew nota lill-Kumitat. Fejn meħtieġ, għandu jkun assistit mis-Segretarjat tal-Kumitat.

#### **Artikolu 10**

##### **Il-proċeduri tal-votazzjoni**

1. Id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu bil-maġġoranza tal-membri tal-Kumitat (fuq proposta mill-president).
2. Fuq talba ta' membru, ir-riżultat tal-vot għandu jiġi rreġistrat fil-minuti.
3. Fuq proposta minn membru, jista' jittieħed vot sigriet.

#### **Artikolu 11**

##### **Il-minuti u l-ġagenta**

1. Il-minuti għandhom jittieħdu f-koll laqgħa tal-Kumitat. Għandhom jitfasslu fil-lingwi proċedurali tal-Kumitat u għandu jkun fihom id-deċiżjonijiet adottati taħt kull punt fuq l-ġagenta.
2. L-abbozz tal-minuti għandu jitħejja mis-Segretarjat taħt is-superviżjoni tal-president u jiġi sottomess lill-membri tal-Kumitat għall-adozzjoni fil-laqgħa li jkun imiss.
3. Fil-mument tal-adozzjoni, kwalunkwe membru jista' jipproponi li l-abbozz tal-minuti jiġi emendat. Il-membri jistgħu wkoll jitħolbu li kwalunkwe dikjarazzjonijiet bil-miktub jew dokumenti meqjusa utli jkunu meħmuża mal-minuti.

4. Il-minuti u l-ġenda jistgħu jsiru pubbliċi jekk il-Kumitat jiddeċiedi hekk.

## *Artikolu 12*

### **Is-Segretarjat**

- Skont l-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013, il-Kumitat għandu jkollu Segretarjat biex jassistih fit-twettiq ta' dmirijietu. Is-Segretarjat, li jaħdem b'indipendenza sħiħa taħt il-Presidenza tal-Kumitat u l-membri tiegħi, għandu jiżgura li l-ħidma tal-Kumitat titwettaq kif suppost. Fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom ta' monitoraġġ, il-membri tas-Segretarjat la għandhom ifiċċu u lanqas jieħdu struzzjonijiet mingħand xi gvern jew xi istituzzjoni, korp, ufficiċju jew aġenċija.
- Sabiex tiġi ppreservata l-indipendenza tiegħi, is-Segretarjat huwa pprovdut mill-Kummissjoni Ewropea fkooperazzjoni mill-qrib mal-Kumitat. Il-Kumitat għandu jinforma lill-Kummissjoni bil-ħtiġjiet tas-segretarjat fir-rigward ta' persunal u riżorsi xierqa biex il-Kumitat ikun jista' jwettaq dmirijietu u biex jigarantixxi l-kontinwitā tal-ħidma tiegħi.
- Qabel ma jinħatar kwalunkwe membru tal-persunal fis-Segretarjat, il-Kumitat ta' Sorveljanza għandu jiġi kkonsultat u l-fehmiet tiegħi għandhom jitqiesu. Dan għandu jsir permezz tal-parteċipazzjoni bħala osservatur ta' membru maħturi tal-Kumitat fil-panel organizzat mill-Kummissjoni għar-reklutaġġ ta' membru tal-persunal tas-Segretarjat.
- Il-Kap tas-Segretarjat għandu jirrapporta lill-president tal-Kumitat. Il-Kap jikkordina l-ħidma tas-Segretarjat u huwa responsabbi għall-ġestjoni amministrattiva u baġitarja tal-Kumitat u tas-Segretarjat tiegħi.

Il-Kumitat għandu jaħtar mill-membri tiegħi lil dawk li għandhom jipparteċipaw fil-proċess tal-għażla tal-Kap tas-Segretarjat. Il-membri tal-Kumitat magħiż-żula għandhom jinfurmaw lill-Kumitat, fis-sessjoni plenarja, dwar il-ħidma mwettqa mill-bordijiet tal-ġażla u dwar l-eżitu.

- Il-Kumitat għandu jevalwa perjodikament ix-xogħol tal-Kap tas-Segretarjat u l-membri tiegħi.

- Il-persunal tas-Segretarjat għandu jkun meħtieġ jittratta informazzjoni fil-pussess tiegħi b'mod kunfidenzjali u għandu joqgħod lura minn kwalunkwe żvelar mhux awtorizzat ta' informazzjoni li jirċievi fil-qadi ta' dmirijietu. Huma għandhom jibqgħu marbuta b'din l-obbligazzjoni wara li jħallu s-servizz. Jekk il-Kumitat isir jaf li membru tas-Segretarjat kiser l-obbligu li jikkonforma mar-regoli ta' kunfidenzjalità, il-president tal-Kumitat għandu jinnotifika lill-Kummissjoni sabiex tkun tista' tittieħed azzjoni xierqa.

- Is-Segretarjat għandu jikkontribwixxi għat-twettiq effiċjenti tal-kompli tal-Kumitat biex tissahħħa l-indipendenza tal-OLAF, b'mod partikolari l-funzjoni ta' monitoraġġ tiegħi. Għal dan il-għan, is-Segretarjat għandu jassisti lill-president fit-thejjja u t-tmexxija tal-laqgħat. Għandu jhejj i-abbozz ta' ġagenta għal kull laqgħa, ihejj i-abbozz tal-minuti tal-laqgħat, jipprovdil lill-membri tal-Kumitat b'informazzjoni u dokumenti relatati mal-aktivitajiet kollha tagħhom, jassisti, taħt ir-responsabbiltà tal-president, fl-abbozzar tat-testi, u jassisti lill-membri tal-Kumitat b'mod ġenerali, speċjalment meta jagħixxu bħala relaturi. Għal dak il-għan, il-membri tas-Segretarjat għandhom, kif meħtieġ, jattendu laqgħat mar-relaturi biex iwettqu dawk il-kompli.

## **TITOLU III**

### **EŻERĊIZZJU TAL-POTERI**

## *Artikolu 13*

### **Attivitajiet ta' monitoraġġ tal-Kumitat ta' Sorveljanza**

- Il-Kumitat għandu jeżamina l-informazzjoni mibgħuta lilu regolarmen mid-Direttur Ġenerali tal-OLAF dwar l-aktivitajiet tal-OLAF. Huwa għandu wkoll jagħti opinjonijiet dwar dik l-informazzjoni, filwaqt li jaġixxi fuq l-inizjattiva tiegħi stess jew fuq talba tad-Direttur Ġenerali fkonformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013.

2. Skont l-Artikolu 17(5) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013, il-Kumitat għandu jinżamm infurmat perjodikament dwar l-attivitajiet tal-OLAF, ir-riżultati tagħhom u l-azzjoni meħħuda dwarhom. Il-Kumitat jista' jagħmel kummenti xierqa mingħajr, madankollu, ma jinterferixxi fit-tmexxija ta' investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin.

3. Il-Kumitat għandu jeżamina t-tul tal-investigazzjonijiet tal-OLAF u r-raġunijiet għaliex ma kienx possibbli li tingħalaq investigazzjoni li ilha għaddejja għal aktar minn 12-il xahar, u kull sitt xħur minn hemm 'il quddiem. Għandu jeżamina wkoll ir-raġunijiet proposti tal-OLAF u l-miżuri ta' rimedju biex iħaffef l-investigazzjonijiet u għandu jaġhti attenzjoni partikolari lil din il-kwistjoni meta jaġhti opinjonijiet lid-Direttur Ġenerali tal-OLAF.

4. Il-Kumitat għandu jeżamina każijiet fejn istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenċija jkunu naqsu li jaġixxu fuq ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mid-Direttur Ġenerali. Għandu fl-istess ħin jikkunsidra sitwazzjonijiet li fihom ix-xogħol tal-investigaturi tal-OLAF ikun ġie ostakolat, imdewwem jew imwaqqaf, bil-ħsieb li jieħu azzjoni xierqa.

5. Il-Kumitat għandu jeżamina każijiet fejn l-informazzjoni ntbagħtet lill-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri jew lill-Uffiċċju tal-Prosekurur Pubbliku Ewropew u jimmonitorja s-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet magħmula mid-Direttur Ġenerali tal-OLAF. Il-Kumitat jista' jaġhti opinjonijiet dwar dawn il-kwistjoni jid-direttur Ġenerali tal-OLAF.

6. Filwaqt li jassisti lid-Direttur Ġenerali tal-OLAF fit-twettiq tar-responsabbiltajiet tiegħu, il-Kumitat jista' jaġhti opinjonijiet dwar il-kontribuzzjoni tal-OLAF għat-tfassil u l-iżvilupp ta' metodi ta' kif jiġu miġġielda l-frodi u attivitajiet illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE.

7. Il-Kumitat għandu jaġhti opinjoni dwar il-Linji Gwida dwar il-Proċeduri ta' Investigazzjoni li għandhom jiġu adottati mid-Direttur Ġenerali tal-OLAF u dwar kwalunkwe modifika sussegamenti.

8. Il-Kumitat għandu jaġhti opinjoni dwar l-arranġamenti ta' ħidma bejn l-OLAF u l-Uffiċċju tal-Prosekurur Pubbliku Ewropew u dwar kwalunkwe modifika għal dawk l-arranġamenti.

9. Il-Kumitat jista' jaġhti opinjoni dwar każijiet fejn id-Direttur Ġenerali tal-OLAF jiddeċiedi li jiddiferixxi jinforma lill-persuna kkonċernata dwar il-ftuħ ta' investigazzjoni tal-OLAF skont l-Artikolu 9(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013.

10. Il-Kumitat jista' jaġhti kwalunkwe opinjoni oħra li jqis meħtieġa biex jikkonforma mal-mandat tiegħu skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013.

11. F'dawn il-każijiet kollha, u biex jikkonforma mal-kompliti ta' monitoraġġ tiegħu, il-president tal-Kumitat, abbażi ta' kriterji definiti minn qabel, u bi qbil mar-relatur maħt, għandu jindika lill-Kap tas-Segretarjat il-fajls tal-każijiet tal-OLAF li għalihom, skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013, għandu jingħata jingħata aċċess.

#### Artikolu 14

##### **Aċċess għal informazzjoni relatata mal-każijiet**

1. Fl-ambitu tas-setgħat tiegħu, il-Kumitat għandu jkollu aċċess dirett għall-informazzjoni u d-dokumenti relatati mal-każi li jqis meħtieġa għat-twettiq tal-kompliti tiegħu. Dan l-aċċess għandu jkun permezz ta' aċċess dirett għas-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet tal-OLAF, kemm jekk elettronika kif ukoll jekk le, u taħt l-istess kundizzjonijiet bħall-OLAF. Il-forma spċċifika ta' aċċess dirett għandha tiġi definita f'Arranġamenti ta' Ħidma mistiehma mad-Direttur Ġenerali tal-OLAF.

2. Kull meta l-Kumitat ikollu aċċess dirett għas-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet tal-OLAF, huwa għandu jaġħmel dan mingħajr ma jinterferixxi mat-twettiq tal-investigazzjonijiet tal-OLAF li jkunu għaddejjin u f'konformità sħiħa mal-prinċipji tan-neċessità u l-proporzjonalità u r-rekwiżi tal-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tad-data.

3. Il-membri tal-Kumitat u l-personal awtorizzat tas-Segretarjat sejkollhom aċċess għas-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet tal-OLAF wara li jkunu wettqu valutazzjoni tal-ħtieġa tal-aċċess tagħha abbażi tad-data rrappurtata mill-OLAF. Id-deċiżjonijiet ta' aċċess għas-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet tal-OLAF għandhom jiġu rregistrați u nnotifikati lill-OLAF.

## Artikolu 15

### Aċċess dirett għas-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet tal-OLAF

1. Għall-fini tal-Artikolu 14, il-president tal-Kumitat u/jew il-Kap tas-Segretarjat għandu jkollhom drittijiet amministrattivi, skont ir-regoli miftiehma mal-OLAF, għall-aċċess għas-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet tal-OLAF.
2. Il-President tal-Kumitat u/jew il-Kap tas-Segretarjat jistgħu jagħtu aċċess għas-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet tal-OLAF, fuq bażi ta' każ b'każ, lill-persuni li ġejjin:
  - a) Membru tal-Kumitat li jaġixxi bħala relatur;
  - b) wieħed jew aktar mill-persunal tas-Segretarjat fdat biex jassisti u jagħti pariri lir-relatur fil-kompli tiegħu/tagħha;
  - c) Membru tal-persunal tas-Segretarjat li se jassisti lir-relatur b'mod amministrattiv.

## Artikolu 16

### Tagħrif addizzjonali

Kull meta l-Kumitat iqis li dan ikun meħtieġ għat-twettiq tal-kompli tiegħu, huwa għandu jitlob informazzjoni addizzjonali mill-OLAF.

## Artikolu 17

### Kontrolli, studji u pariri ta' esperti

1. Fl-ambitu tal-poteri tiegħu, il-Kumitat jista' jwettaq kontrolli xierqa, jagħmel kwalunkwe studju u jikseb il-pariri esperti meħtieġa. Hija tista' titlob ukoll l-assistenza ta' uffiċjali jew aġenti oħra tal-OLAF jew tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċi u l-aġenziji tal-UE u l-Istati Membri tagħha. Meta jagħmel dan, il-Kumitat ma jagħtix lil dawk il-persuni aċċess għal informazzjoni relatata ma' każijiet u dokumenti maħżuna fis-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet tal-OLAF.
2. Rigward l-informazzjoni riċevuta skont l-Artikolu 22a tar-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-UE, il-president tal-Kumitat għandu jirrapporta lill-Kumitat sabiex l-informazzjoni pprovduta tkun tista' tiġi studjata. Ladarba tkun twettqet din l-analiżi preliminari, il-Kumitat għandu, jekk meħtieġ, jibghaq l-informazzjoni lis-servizz rilevanti.

## Artikolu 18

### Rapport tal-attivitàjet

1. Skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013, il-Kumitat għandu jadotta mill-inqas Rapport ta' Attività wieħed kull sena u jibagħtu lill-istituzzjonijiet tal-UE.
2. Ir-rapport tal-Attività għandu jkopri l-attivitàjet imwettqa fl-eżerċizzju tas-setgħat tal-Kumitat u jinkludi valutazzjoni tal-attivitàjet tal-OLAF u l-implementazzjoni tal-programm annwali tiegħu, b'mod partikolari l-valutazzjoni tal-indipendenza tal-OLAF, l-applikazzjoni ta' garanziji proċedurali; u t-tul tal-investigazzjoni.
3. Fil-prinċipju, ir-rapport tal-Attività għandu jitfassal matul l-ewwel nofs ta' kull sena li jkopri s-sena preċedenti u għandu jiġi ppreżentat lill-Kumitat minn relatur wieħed jew aktar.
4. Il-Kumitat għandu jieħu l-passi meħtieġa biex jippubblika r-Rapport tal-Attività tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, wara li jibagħtu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri.

## Artikolu 19

### **Il-proċedura tal-opinjoni għall-ħatra tad-Direttur Ġenerali tal-OLAF**

1. Il-Kumitat għandu jeżamina l-proċedura għall-ħatra tad-Direttur Ġenerali tal-OLAF.
2. Il-Kumitat se jaħtar il-membru/i li se jirrapreżenta(w) lill-Kumitat matul il-proċedura tal-għażla.
3. Sabiex jagħti opinjoni dwar il-proċedura tal-għażla tal-Kummissjoni, il-Kumitat għandu jipparteċipa bħala osservatur fil-proċess tal-għażla permezz tal-membru/i maħturm(a) għal dak il-għan fis-sessjoni plenarja tiegħu.
4. Wara li jiġi kkonsultat dwar l-avviż ta' post battal, il-kriterji tal-għażla applikati u r-riżultati tal-proċess tal-għażla, il-Kumitat għandu joħroġ opinjoni lill-Kummissjoni.
5. L-opinjoni għandha tħalli l-valutazzjoni tal-Kumitat dwar il-proċedura kif previst mill-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 u għandha tintbagħha lill-istituzzjonijiet tal-UE.

## Artikolu 20

### **Indipendenza, proċedura dixxiplinari u tneħħija tal-immunità applikabbli għad-Direttur Ġenerali tal-OLAF**

1. Id-Direttur Ġenerali tal-OLAF għandu jinforma lill-Kumitat bi kwalunkwe miżura, struzzjoni, theddida, jew weghħda li x'aktarx tqajjem dubju dwar l-indipendenza tiegħu jew tagħha.
2. Filwaqt li jaġixxi fuq l-inizjattiva tiegħu stess jew fuq l-inizjattiva tad-Direttur Ġenerali, il-Kumitat għandu jagħti opinjoni dwar il-kwistjoni riferita lili.
3. Meta jiġi kkonsultat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(9) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 dwar proċedura dixxiplinari jew tneħħija ta' immunità fuq id-Direttur Ġenerali tal-OLAF, il-Kumitat għandu joħroġ opinjoni motivata. Għal dan il-għan, il-Kumitat għandu jitlob l-informazzjoni u d-dokumenti kollha meħtieġa mill-Kummissjoni u d-Direttur Ġenerali tal-OLAF.

## Artikolu 21

### **Il-kunfidenzjalità u l-ġestjoni tad-data personali**

1. Il-membri tal-Kumitat għandhom ikunu marbuta bis-segretezza professjonal u joqogħdu lura minn kwalunkwe żvelar mhux awtorizzat ta' informazzjoni li jirċievu fil-qadi ta' dmiri jieħi. Dawn għandhom jibqgħu jkunu marbutin ukoll b'dan l-obbligu anke wara li jħallu l-Kumitat. Dan il-paragrafu ma jaapplikax jekk l-informazzjoni tkun digħi saret pubblika legalment jew tkun aċċessibbli għall-pubbliku.
2. Il-Kumitat għandu jiżgura li r-Regolament (UE) Nru 2018/1725 (⁽⁾) jiġi applikat. Fl-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament, il-Kumitat u s-Segretarjat għandhom jikkoperaw mill-qrib mal-uffiċċial tal-protezzjoni tad-data tal-OLAF u mas-Segretarjat tal-Kumitat, u fkonformità mar-regoli ta' implementazzjoni adottati fid-9 ta' Lulju 2019 (⁽⁾).
3. Is-Segretarjat tal-Kumitat, irrapreżentat mill-Kap tas-Segretarjat, għandu jaġixxi bħala "kontrollur tad-data".

(⁽⁾) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiziċċi firrigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffidji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32018R1725>.

(⁾) Id-Deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tal-OLAF li tadotta regoli ta' implementazzjoni dwar l-Uffiċċjal tal-Protezzjoni tad-Data għall-OLAF u s-Segretarjat tal-Kumitat ta' Sorveljanza. ARES(2019)4393452.

4. Is-Segretarjat tal-Kumitat għandu jippubblika fuq is-sit web tiegħu l-avviżi tal-protezzjoni tad-data li jinformaw lis-suġġetti tad-data kollha dwar l-aktivitajiet tiegħu li jinvolvu l-ipproċessar tad-data personali tagħhom f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2018/1725. Is-Segretarjat għandu jipprovdi lis-suġġetti tad-data kollha li magħhom jinteraqixxi direttament fil-qafas ta' attivitā ta' pproċessar avviż ta' privatezza skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 2018/1725.

5. Id-data personali se tħażżeen għal massimu ta' 5 snin wara li tasal għal inkjesti ġenerali, sakemm ma tkunx relatata mal-aktivitajiet ta' monitoraġġ u ta' segwit u tal-Kumitat meta din tħażżeen għal massimu ta' 10 snin wara li titlesta l-aktivitā spċifika.

## Artikolu 22

### Baġit

1. Kull sena, skont l-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/352/KE<sup>(5)</sup>, il-Kumitat għandu jagħti opinjoni dwar l-abbozz preliminari tal-Baġit ippreżentat mid-Direttur Ġenerali tal-OLAF qabel ma jintbagħat lid-Direttorat Ġenerali għall-Baġit tal-Kummissjoni.

2. Is-Segretarjat għandu jfassal il-proposti baġitarji annwali tal-Kumitat, li għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni wara li l-Kumitat ikun approvahom.

## TITOLU IV

### DISPOŻIZZJONIJIET TA' TRANŻIZZJONI U FINALI

## Artikolu 23

### Reviżjoni u emenda

Kwalunkwe membru tal-Kumitat jista' jipproponi emendi għar-Regoli ta' Proċedura fi kwalunkwe ħin u jippreżentahom bil-miktub lill-President. L-emendi għandhom jitqiegħdu għall-vot fl-ewwel laqgħa wara s-sottomissjoni tagħhom, skont il-proċedura tal-votazzjoni stabbilita fl-Artikolu 9.

## Artikolu 24

### Relazzjonijiet mal-Kontrollur tal-garanziji proċedurali

Dawn ir-Regoli ta' Proċedura jistgħu jiġu riveduti wara l-ħatra tal-Kontrollur tal-garanziji proċedurali.

Meta jinħatar il-Kontrollur tal-garanziji proċedurali, il-Kumitat se jaqbel mal-Kontrollur dwar kwalunkwe arranġament praktiku meħtieġ biex jingħata effett lir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 dwar il-mekkaniżmu tal-ilmenti u l-obbligi ta' rappurtar tal-Kontrollur.

## Artikolu 25

### Dħul fis-seħħ u pubblikazzjoni

Dawn ir-Regoli tal-Proċedura għandhom jidħlu fis-seħħ fil-jum ta' wara l-adozzjoni tagħhom mill-Kumitat. Dawn jieħdu post ir-Regoli tal-Proċedura preċedenti ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fl-2011<sup>(6)</sup>.

Galadarrba jkunu adottati, il-Kumitat għandu jieħu l-passi meħtieġa biex jippubblikahom f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(5)</sup> 1999/352/KE, KEFA, Euratom: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' April 1999 li Twaqqaf l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) (notifikata fid-dokument numru SEC(1999) 802), ĠU L 136, 31.5.1999, p. 20–22.

<sup>(6)</sup> ĠU 24.11.2011 L308/114.



ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Ufficċċju tal-Pubblikazzjonijiet  
tal-Unjoni Ewropea  
L-2985 il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

MT